


# Festa Santa Marija - Mqabba 1999



FARELL
BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

BLUE GROTTO AVE., ŻURRIEQ

TELEPHONE: 642396

**Palazz Santa Marija,**
**Pjazza tal-Parroċċa,**
**Mqabba, Malta**
**Tel: 682030**
Email: marju@orbit.net.mt
www.orbit.net.mt/public/users/marju_1129/

**BORD EDITORJALI**

Carmel Briffa
Carmel Ellul
Alfred Galea
Chris Spiteri

**ARTIKOLISTI**

Carmel Zahra
Emmanuel Buttigieg
Fr Joe Bartolo
Carmel Ellul
Carmel Briffa
Patri J.M. Ghigo
David Agius
Joseph Farrugia
Carmel Bianchi
Victor Galea
Alfred Galea
Carmen Lia
Joseph Camilleri
Jonathan Farrugia
Patrick Mallia
Tony Terribile
Joe Chetcuti
Geoffrey G. Attard

**PROOF READING**

Elvin Sciberras

**DESIGN, SEPARATIONS & PRINTING**

Bestprint Ltd, Qrendi
Tel/Fax: 680789
Mobile: 0949 9084

© 1999 Drittijiet Riservati
Soċjetà Santa Marija, Mqabba



**RITRATTI TAL-QOXRA**
*Quddiem:*
Il-plakka kommemorattiva flimkien maċ-ċertifikat awtentiku li ngħataw lis-Soċjetà Santa Marija ġewwa l-Italja.
*Wara:*
Il-pittura maestuża li saret is-sena l-oħra, xogħol ta' Chev. P. Camilleri Cauchi.

Kumitat ........ 3
**Messaġġ mill-President ........ 5**



Awgurju mis-Sindku ........ 7
Kelmtejn mill-Kappillan ........ 9
Mill-Pinna tas-Segretarju ........ 11
Appell mill-Kaxxier ........ 15
Minn Fomm id-Direttur Spiritwali ........ 17
Kelmtejn mis-Surmast ........ 19
Programm Strumentali / Servizzi ........ 21
**Il-Banda Jugend Blasorchester ........ 23**



Joseph Bugeja - Profil ........ 25
Minn fejn se jgħaddi l-marċ ........ 31
Il-Kwadru ta' Santa Marija tal-Ħlas ........ 35
Rapport mid-Direttur tal-Każin ........ 39
Rapport mill-Kummissjoni Banda ........ 43
Messaġġ mill-Kumitat Nisa ........ 47
Nardu Farrugia Cup ........ 51
Programm Festi Interni ........ 53
**Programm Festi Esterni ........ 54-55**



Informazzjoni fuq il-Mużika ........ 57
Ġemellaġġ ........ 59
Festa Kbira tal-Każin fl-1960 ........ 69
Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar ........ 81
**Programm tan-Nar ........ 85**



Il-Kult Marjan fl-Art Imqaddsa ........ 87
Il-Festa ta' l-Imqabba ........ 93
Messaġġi Internazzjonali lill-Poplu Mqabbi ........ 97
L-Imqabba – 400 Sena Parroċċa ........ 99
L-Altari tal-Korsija ........ 107
Fis-solennità ta' l-Assunzjoni ta' Marija ........ 109
Santa Marija – *Omm il-Gżejjer Maltin* .. 113
Ringrazzjamenti ........ 119
Rendikont tal-Knisja ........ 119

# Ristorante Cosmana Navarra

*For exquisite a' la carte cuisine...*



*Served by a young team of professionally trained staff, experience the authentic feeling of being at home in a house of character, set in a historic area in the middle of Rabat.*



*The quality of the food and excellent service are proof of the high standards reached at Ristorante Cosmana Navarra.*

**Business Lunches**

**For Reservations Telephone:**

**(0356) 450638**
**(0356) 452415**

**28 St. Paul Street**
**Rabat RBT 12.**

# SOĊJETÀ SANTA MARIJA BANDA RE ĠORĠ V ~ MQABBA

EST. 1910

## Kumitat 1999

**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr Louis Galea B.A., LL.D., M.P.
Is-Sur Joseph Farrugia

**Membru Onorarju**
L-E.T. s-Sur Graham Archer
Ex-Kummissarju Gholi Ingliż għal Malta

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Joseph Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Anthony Farrugia

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Chris Spiteri

**Direttur tal-Każin**
Victor Galea

**Delegat għall-Armar**
Paul Gauci

**Delegat għan-Nar**
Anthony Farrugia

**Membru**
Grezzju Farrugia

**Membru**
Joseph Camilleri

**Direttur Spiritwali**
Patri Joseph M. Ghigo S.J.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. V.C.M.(Hons.), L.C.M.

**Kummissjoni għall-Banda**
Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra,
Joseph Zammit, Mark Zammit

**Rappreżentant fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Reviżuri**
Andrew Ellul
Mario Sciberras

# SHOVEL
COMPANY LIMITED

**MACHINES FOR SALE**



*DIRECTOR*

**Martin Gaffarena**

St.Martin, Triq il-Murselli, Mqabba tel. 611595 fax. 443608 mob. 0949 9444

## Jerry's Silencer Repairs






**Jerry's Garage**

Siġġiewi Road, Mqabba

Tel: 640750 Fax: 642535

# Messaġġ mill-President

Carmel Zahra

Sena tgħaddi bħal ħolma, filli qegħdin nitkellmu kif morna fil-festa li għaddiet u f'daqqa waħda waslet festa oħra ad unur Santa Marija. Festa li ġġib ħafna memorji sbieħ, u dan ngħiduh għaliex kull sena jkollna xi suċċess ġdid. Però l-iktar li jagħtini sodisfazzjon huwa li nara lis-soċi u partitarji kuntenti u bi tbissima fuq wiċċhom.

Din is-sena wkoll kellna ambizzjoni ġdida, dik li nakkwistaw proprjetà sabiex fil-futur nkabbru l-Każin. Ta' min wieħed jgħid li ma kienx faċli għax sibna ħafna ostakli. Kien hemm min ipprova jtellef, però bil-għajnuna t' Alla u ta' ħbieb soċi, in-negozju rnexxa. Dan huwa wieħed mill-kullana ta' suċċessi li s-Soċjetà tagħna kellha din is-sena, meta wieħed jiftakar li ilna snin sħaħ nippruvaw nespandu.

Unur kbir għall-Imqabba u għal Malta kien meta għall-ewwel darba fl-istorja ta' l-Għaqdiet Mużikali Maltin ħadna l-unur "Stella d'Oro" mill-Komunità Ewropea. Dan is-suċċess kien bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba. Kienet esperjenza sabiħa meta jiena, is-Sindku u s-Sur Alfred Galea konna Ferrara għall-preżentazzjoni ta' l-unur. Ħassejna li konna ambaxxaturi ta' Malta fost ħafna pajjiżi Ewropej u ta' dan nixtieq nirringrazzja personalment lis-Sur Alfred Galea għar-rapport li pprepara rigward il-ġemellaġġ, li bis-saħħa tiegħu wasalna fil-quċċata ta'l-unur. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsill Lokali għall-għajnuna li tawna.

Wieħed jinduna, mingħajr ħafna daqq ta' trombi, li komplejna kabbarna l-isem tas-Soċjetà. Meta wieħed joqgħod jirrifletti ftit jinduna li s-Soċjetà mhux biss kabbret u żiedet il-proprjetà, fosthom l-imħażen u s-sala ta' fuqhom, iżda wkoll irċeviet l-ogħla unuri li wieħed jista' jakkwista.

Suċċess ieħor li kellna din is-sena kienet il-wirja piroteknika li ġiet ippreparata u maħduma mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar fi ħdan is-Soċjetà tagħna, u s-suċċess jinħass iżjed meta wieħed jiftakar fis-sagrifiċċju li ħadu d-dilettanti u l-familji tagħhom. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lis-sottokumitati kollha, fosthom tan-nar, lil dawk li għenu fl-armar tal-knisja u lill-Kleru ta' l-Imqabba, għaqda nisa, għaqda żgħażagħ, kummissjoni banda, bandisti tal-post u dawk kollha li jattendu regolarment għall-kunċerti, u fl-aħħar u mhux l-inqas lis-Surmast, għall-isforz kbir li jagħmel sabiex il-banda tagħna tkompli tkabbar u ssebbaħ isem is-Soċjetà tagħna. Irridu niftakru li biex ikollna suċċess komplut, jeħtieġ li nattendu għall- funzjonijiet fil-Knisja wkoll, niedma quddiem Alla u Ommna Marija Assunta.

**VIVA SANTA MARIJA.**

*Grazzi*



*Is-Sur Carmel Zahra (lemin) jidher jirregala l-ktieb Grajjiet is-Soċjetà Santa Marija lill-Isqof Awżiljarju Annetto Depasquale.*


WHEN IT COMES TO CONSTRUCTION
NO ONE HAS RISEN TO GREATER HEIGHTS
Over the years we have quietly built a reputation of being capable of tackling any kind of construction project, large or small.
We have tackled projects that have led us to build upwards, downwards and sideways, each time proving our ability to keep to time scales and budgets.
It is no surprise, therefore, that when the chance to build Malta's tallest building came about, our company was the natural choice.
elbros
Reliability - Flexibility - Determination
ELBROS CONSTRUCTION LTD.
Triq l-Industrja, Kirkop.
Telephone: 249999, Fax: 685075
email:ellul@dream.vol.net.mt


Di Rocco Ltd
DR
IMPORT EXPORT & DISTRIBUTORS
Jablo & Plastic Trays
Disposable Cups
Hot & Cold Foodservice
DisposableTray Insert
Satitia u Gzazzi
Wrapping Paper for Deli Counters
OPS Multi Purpose Containers
TAKE AWAY CONTAINERS
Packaging Film (various types)
Fruit & Vegetable Net
Sandwich Wedge & Micro Oven Containers
Knives & Chopping Boards
Disposable Plates & Cutlery
Egg Packaging
Fruit & Veg. Punnets
FOIL TRAYS
ALSO AVAILABLE: * TWINES FOR MEAT * KITCHEN GADGETS * DIFFERENT TYPES OF HOOKS * BANDSAW BLADES * P.V.C. APRONS ANY SIZE AND COLOUR * PALLET WRAPPING * WAX PAPER * CARTA AL FORNO * ICE-CUBE BAGS * FREEZER BAGS * GASKETS, VALVES, LOCKS & HINGES FOR REFRIGERATION DOORS * PACKING MACHINES * STACKABLE GASTRONOM SS * MEAT PADS * VACUUM BAGS * DISPOSABLE APRONS, BAGS & GLOVES * STRIP CURTAINS * JABLO CUPS * DISP. TABLE CLOTHS * BURGER SEPARATORS * DISP. COCKTAIL CUPS
Triq il-Konvoj Ta' Santa Maria, Mqabba ZRQ 08 Tel: 683222 Mob: 097 8222, 0947 8222 Fax: 640494

# Awgurju mis-Sindku

Emmanuel Buttigieg

***Filwaqt li nsellem lill-Imqabbin kollha nagħtikom il-festa t-tajba.***

Il-15 t'Awissu hija ġurnata mad-dinja kollha ddedikata lil Ommna Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Il-Papa Piju XII, fl-1 ta' Novembru ta' l-1960, iddefenixxa bħala domma dan it-twemmin, li missirijietna mill-ewwel żminijiet kienu jemmnu fih b'fidi sħiħa. Min dan ma jemmnux ma jkunx iben dehen tal-Knisja ta' Kristu. Dan qiegħed ngħidu mhux biss biex nuri l-kobor u l-universalità ta' din il-Festa kbira, imma wkoll biex taraw kemm aħna l-Imqabbin inkunu kburin li għandna l-Parroċċa tagħna ddedikata lill-Assunzjoni ta' Marija.

Dan waħdu ma jfisser xejn, jekk kull wieħed u waħda minna ma jagħmilx ħiltu kollha biex din il-festa jonoraha u jkabbarha bl-imġiba tajba u ħajja tassew nisranija li togħġob lil Marija.

Jum il-Festa ta' l-Assunta għandu jkun xhieda ta' l-imħabba tagħna lkoll li għandna lejn Marija u lejn xulxin, bħala aħwa ta' Ġesù u wlied veri ta' Ommna Marija. Kemm Ġesù u anke Marija, żgur li jieħdu gost bil-festi meta jarawna nifirħu flimkien u nkunu mezz ta' għajnuna għal xulxin. Dan huwa l-iskop veru tal-festi nsara. Għall-kuntrarju, il-festi li joħolqu t-tilwim jew ġlied bejn l-aħwa, ikunu kkunsidrati bħala festi pagani u ta' stmerrija. Liema Omm tieħu pjaċir bil-festa li jagħmlulha uliedha meta tarahom maqsumin bejniethom, jew aktar u aktar fl-okkażjoni tal-festa tagħha jweġġgħu qalb xulxin?

Jiena ċert li l-maġġoranza tal-poplu tagħna huwa matur biżżejjed u jaf jifraħ fil-festi li jagħmel. Biss, irridu jew ma rridux, dan ma nistgħux ngħiduh għal kulħadd. Għad fadal uħud li ma jafux jifirħu fil-festa, jekk ma jweġġgħux lil ħaddieħor kemm bi kliemhom jew b'għemilhom. Dan żgur li Marija ma tridux u ma tiħux pjaċir bih.

Xtaqt insemmi punt ieħor f'din l-okkażjoni u ta' min jirrifletti ftit fuqu għall-ġid tal-komunità kollha Mqabbija. Kemm jintefqu flus fil-festi tagħna? Li kieku wieħed jagħmel ftit ta' moderazzjoni f'ċertu nfieq u minflok jintefqu f'xi ħaġa aktar utli għall-ġid tal-komunità, ma jkunx aħjar? Naf li forsi dan il-kliem ma jogħġobx lil kulħadd. Jien m'iniex ngħid li m'għandhomx isiru marċi jew logħob tan-nar, għax festa bla marċi jew bla nar, kemm ta' l-art kif ukoll ta' l-ajru, ngħidu li mhix festa.



*Is-Sur Emmanuel Buttigieg (lemin) jidher mas-Sur Francesco Mancini sindku ta' Santa Vittoria in Matenano.*

Forsi dawn it-talin għandhom raġun. Biss kull sena wara li tgħaddi l-festa ngħidu kemm infaqna flus u taru mar-riħ. Kieku jitnaqqsu xi ftit mill-ispejjeż ta' xi affarijiet milli jsiru fil-festa u wieħed jindirizza ftit mill-flus li jinġabru għall-festa f'armar, f'xi opra fil-każini rispettivi jew f'xi opra fil-Knisja Parrokkjali li għandha bżonn ħafna affarijiet, dan ma jkunx pass aktar għaqli? Naħseb li nkunu qegħdin ninvestu flusna f'xi ħaġa li għandha aktar valur u li tibqa' titgawda għal bosta snin minn dawk ta' warajna.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi mill-ġdid nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u nixtieq li dan il-messaġġ tiegħi ma jaqax f'widnejn torox, anzi wieħed jixtarru sewwa u jkun kburi li jkun hu l-ewwel wieħed li jipprova jqiegħdu fil-prattika.

# PASS DEVELOPERS LTD

**Notre Dame Mansion**
**Gużè Bonnici Street, Balzan**
**Tel: 414118 Fax: 435536**



**Building • Excavation**
**Plastering • Tiling**





**Demolition Works**
**Turnkey**
**Contractors**



**Mobile: 099 0242, 099 0043, 0947 6496**
**640709, 640902 after 3.00pm**

# Kelmtejn mill-Kappillan

Dun Joe Bartolo

## Lejn il-Millennju l-Ġdid

Fadal biss l-aħħar ftit xhur biex nagħlqu t-tieni millennju mill-miġja ta' Kristu. Kulħadd jitkellem u jistenna l-millennju l-ġdid, forsi mingħajr ma jafu għalfejn. Kultant naħseb li qegħdin nonfħu din il-ġrajja b'mod esaġerat. Naturalment dawk li qegħdin fil-*business* jaqblilhom jagħtu kulur kemm jistgħu lil dan il-fatt għaliex hemm il-qligħ wara dak il-kulur kollu. Irridu jew ma rridux, l-arloġġ se jibqa' jtektek u għad tasal l-aħħar tektika ta' l-1999 u ta' warajha tkun l-ewwel waħda ta' l-2000.

Kif ser ikun il-millennju l-ġdid ma jiddependix però mit-tektik ta' l-arloġġ u lanqas mill-fatt li fil-31 ta' Diċembru niktbu n-numru 1999 u fl-1 ta' Jannar nibdew niktbu n-numri 2000. Dan m'hu se jbiddel xejn mid-dinja. Mhux dan se jagħmel il-ħajja aħjar jew agħar fl-elf sena l-ġodda. Dak li jista' jbiddel id-dinja għall-aħjar jew għall-agħar huwa aħna l-bnedmin. Bidla għall-aħjar fl-atteġġjament u fil-mentalità tagħna lejn il-ħajja, fl-aspetti kollha tagħha, tista' tagħtina millennju ta' snin aktar sbieħ u ta' paċi bejnietna.



*Dun Joe Bartolo - Kappillan ta' l-Imqabba waqt diskors ta' l-okkażjoni waqt programm strumentali - 10.08.98.*

Il-Knisja wkoll qed tagħti l-kontribut tagħha biex il-millennju l-ġdid ikollu ħajja iktar serena u rispettabbli milli kellu dan il-millennju. Il-Knisja temmen fir-rivoluzzjoni li ġab Kristu, elfejn sena ilu. Ir-rivoluzzjoni ta' Kristu ma kinitx waħda mibnija fuq armi u gwerer, imma kienet waħda mibnija proprju fuq il-bidla tal-mentalità u l-atteġġjament li wieħed għandu jkollu lejn Alla u lejn ħutu l-bnedmin. Kristu ġab bidla fil-mentalità ta' kif il-bniedem iħares lejn Alla: Alla m'huwiex dak li jikkmanda u jikkastiga, imma huwa Alla li jħobb, jistieden, jagħder u jaħfer.

Alla, li fl-infinità tiegħu jaf x'inhu l-aħjar għall-bnedmin, jistedinna nosservaw il-liġijiet u t-tagħlim tiegħu - mhux biex joqgħod għassa ħalli kif nonqsu jwaħħlilna xi waħda, imma għax jaf li dak hu l-aħjar mod kif il-bnedmin jgħixu fil-paċi u jilħqu l-iskop aħħari ta' ħajjithom. U lanqas tana xi mod ikkumplikat biex nosservaw il-liġijiet. Il-metodu tiegħu hu wieħed sempliċi: Ħobb 'l Alla fuq kollox u fuq kulħadd (b'qalbek kollha, b'moħħok kollu u bis-saħħa tiegħek kollha) u ħobb 'l għajrek bħalek innifsek. Din ir-regola sempliċi għandha tinżamm dejjem sajf u xitwa, filgħodu u filgħaxija, fil-vaganzi u fuq ix-xogħol, fil-ġranet ta' kuljum u fil-festi. Huwa biss meta l-bniedem jipprova jxellef din ir-regola bl-eċċezzjonijiet li jfassal f'moħħu, meta jibda l-gwaj. Ir-riżultat ta' dawn l-eċċezzjonijiet ħafna drabi jkunu: dwejjaq tal-qalb, taħbil tar-ras, ġlied u għira għall-oħrajn, traskuraġni u bruda fit-talb u fir-relazzjoni ma' Alla.

Għalhekk, ejjew, nibdew nippreparaw minn issa stess, ħalli nagħmlu l-aħjar użu minn din il-kwalità ta' ħajja li għallimna Ġesù għall-ġid tagħna stess. Ejjew nieħdu l-okkażjoni tal-festa li ġejja biex nuru r-rieda tagħna li nixtiequ nagħmlu bidla għall-aħjar fil-mentalità tagħna u nosservaw dak li jixtieq Alla minna. Inħalluna mill-piki żejda u mill-għira li ma jġibu xejn ħlief mibegħda u nuqqas ta' rispett lejn xulxin. Inneħħu minn madwarna 'l dawk li forsi għax 'il bogħod minn Alla, ma jafux josservaw il-liġijiet tiegħu. Inħarsu lejn l-Imgħallem waħdieni tagħna, Ġesù, u nitgħallmu minnu "għax jien ta' qalb ħelwa u umli".

Minn qalbi nawgura festa sabiħa nisranija lil kulħadd.

# Magic Kiosk



## Magic at it's Best

Put some magic into soft seaside evenings.
Magic Kiosk invites you to enjoy the best of cafe' society every evening after 7.00pm, it's delightful range of suppers, snacks and beverages. Simply come, then sit back and savour the service, sights and sounds of another of Sliema 's best loved institutions.

**Magic Kiosk , The Ferries, Sliema.**

# Mill-Pinna tas-Segretarju

Carmel Ellul

**Iż-żmien itir u jgerrbu x-xhur u l-ġranet u erġajna ninsabu fix-xahar sabiħ ta' Awissu, ix-xahar li fih niċċelebraw bil-kbir il-festa ta' Santa Marija, patruna ta' l-Imqabbin kollha. Din se tkun l-aħħar festa li se niċċelebraw f'dan il-millennju.**

Wara l-festa kbira li ġiet organizzata mis-Soċjetà tagħna fl-okkażjoni ta' l-400 sena parroċċa, fejn fiha saru ħafna attivitajiet fosthom kxif ta' pittura kbira u maestuża fis-Sala tal-Każin, irħama ta' tifkira, programm kbir mill-banda tagħna u spettaklu ta' nar mill-aqwa, il-kumitat kompla jaħdem għall-festi li kellhom jiġu organizzati f'Settembu. Għal raġunijiet li kulħadd sar jaf, waqt laqgħa ġenerali straordinarja fil-Każin, is-Soċjetà tagħna ma ħaditx sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet għax għalkemm dejjem konna tolleranti u lesti biex nisimgħu lil kulħadd, iżda qatt ma konna lesti naċċettaw li "ż-żiemel tagħna u nirkbu wara." Paċenzja ħadna kemm kien hemm bżonn bħal ma ħadna għal żmien twil iżda mbagħad il-paċenzja għandha l-limitu tagħha wkoll. Wieħed mill-prinċipji tas-Soċjetà tagħna huwa "li ma tintrifes qatt u minn ħadd".

Wara dan kollu l-Kumitat baqa' jħares 'il quddiem biex niċċelebraw bil-kbir l-aħħar festa tal-millennju.

F'Ottubru li għadda waslitilna l-aħbar sabiħa li s-Soċjetà tagħna rebħet l-unur prestiġjuż Internazzjonali *Les Étoiles D'Or Du Jumelage 1998* mogħti mill-Komunità Ewropea bħala għarfien ta' dak li sar bejn il-ħidma li saret waqt il-ġemelaġġ.

Il-preżentazzjoni ta' dan il-premju saret ġewwa Ferrara fl-Italja fit-13 ta' Novembru 1998 u aħna bħala Soċjetà ninsabu ferm kburin b'dan l-unur li ġejna mogħtija. Hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk in-nies li ħadmu biex dan l-unur jiġi lejn ir-raħal għażiż tagħna.

Ħolma oħra li rnexxielu jwettaq il-Kumitat kienet li wara tant ħidma, jakkwista d-dar li tmiss mal-Każin. B'hekk komplejna żgurajna li l-futur tas-Soċjetà jkun isbaħ u aħjar. Jien li kont nifforma parti mill-iffirmar tal-konvenju u l-kuntratt nixtieq nassigurakom li l-Ġimgħa 5 ta' Frar 1999, ġurnata kollha xita, wara li ffirmajna l-konvenju jiena u l-kaxxier is-Sur Carmel Briffa, għalkemm min jaf kemm-il darba għaddejna minn quddiemha waqafna nħarsu lejha u ma stajniex nemmnu li kienet għadha kemm ġiet akkwistata mill-Każin. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil kull min ħadem, lil dawk il-benefatturi li taw id-donazzjoni tagħhom u nagħmel appell lil dawk is-soċi u partitarji li għadhom ma tawx id-donazzjoni tagħhom biex jagħmlu dan b'risq il-Każin.

Ta' sodisfazzjon ukoll kien li waqt laqgħa ġenerali tressqet mozzjoni li n-nisa jkunu soċi, l-istess bħal-irġiel bid-drittijiet u bl-obbligazzjonijiet. Din il-mozzjoni għaddiet b'maġġoranza kbira. B'hekk illum nisa soċi jistgħu jikkontestaw għall-Kumitat Ċentrali u b'hekk ġie rikonoxxut ix-xogħol li jwettqu n-nisa fis-Soċjetà tagħna.

Bħal ma qegħdin taraw, matul is-sena ġraw ħafna avvenimenti importanti fis-Soċjetà tagħna li tawna ħafna sodisfazzjon, iżda bħal f'kull Soċjetà oħra kellna ngħaddu minn mumenti ta' telf ta' benefatturi li jħallu vojt kbir fis-Soċjetà u li wieħed minnhom hu s-Sur Joseph



*Is-Segretarju s-Sur Carmel Ellul (lemin) f'isem il-kumitat jagħti rigal lill-President is-Sur Carmel Zahra bħala rikonoxximent għal xogħol li wettaq fi ħdan il-kumitat.*



# Spoil yourself for choice on your Dream Day.



## BIG BUN CATERERS...

By Gerald Fenech

The art of catering requires the utmost abilities to impress and satisfy all those who are to experience your product. Just off the centre of Zabbar you will find the aptly named 'Big Bun', which is slowly making its name as one of the best on the island. Two young and enthusiastic men who glow with positive enthusiasm run the setup. Kevin Camilleri and Victor Sant have thrown their heart into this business and their fruits are beginning to take shape. Obviously they are outside caterers and also deliver to various shops during the week; this makes a staple diet of cakes and gateaus constantly in evidence! A visit to the kitchen will prompt even the most pernicious of individuals to ask for a taste of all the products on offer which smell so good that they make the mouth water. However, the guys at Big Bun are geared to provide a wedding reception of the highest order. The endless list of products available make the mind (and the stomach) boggle! The usual array of aperitifs and starters are served with the utmost care and dedication. Dishes of stuffed artichokes, mushrooms, prawns and fish nuggets are just the tip of the iceberg. All these are designed to create an artistic effect. For Big Bun is not your normal tedious caterer. Kevin and Victor take a personal interest in their clients. This service includes the team viewing the wedding hall and providing sound advice for the best possible ideas. After all no one would like his/her special day to turn out sour! The variety of hot dishes is also quite amazing. The oriental flavor of spring rolls blends with the local delicious 'qassatat', both designed to please the eye (and all!). Sweet & Sour Pork goes together with Meat Balls which roll on in a never-ending stream of delicious aromas! In fact I was positively captivated by the various scents and tastes that beckoned before me. However, the real masterpiece must be the tables selection. Big Bun is truly first class in this respect. The normal Maltese table includes the usual 'bebbux', 'hobz biz-zejt' and other local traditions such as 'fazola' and most of all the tongue licking 'gbejniet tal bzar'. We moved on to the Meat and Fish Table, which was another masterpiece. The various qualities of beef, pork, chicken and salami were arranged to the highest order with delightful designs. The same could be said for the even more impressive marine selection. The mouth wateringly arrangement of king prawns, mussels, salmon roulettes, octopus and 'clamari' was indeed a sight for sore eyes! Other tables of note are the Chinese Table which has the finest dumplings on the island and the Fruit table which is impressive in the flesh and in the wide variety on offer. And there's much much more of these finely prepared products which you may want to see (and taste) for yourselves. I don't know if I'm getting married yet (hopefully!), but I'm definite that if I do, my catering will be in the hands of Kevin and Victor at Big Bun. We all deserve the best don't we!






**Shop:**
**Sir Ugo Mifsud Street, Luqa**
**Tel: 808493**
**Mobile: 097 3682**
**Dolceria:**
**Triq Id-Dukkar, Zabbar Tel: 803547**

**Big BUN** *Caterers*
CATERERS FOR ALL OCCASIONS

Galea, li iżjed kien magħruf bħala (Żużu jew il-Qoċċa). Kien bniedem imżejjen bi kwalitajiet li lanqas tista' tispjegahom. Nista' ngħid li hu qatta' ħajtu jaħdem in-nar għall-festa ta' Santa Marija. Jekk xi ħadd kien jinżel il-post tan-nar b'xi problema jew burdata ħażina żgur li kienu jtiru hekk kif jiltaqa' maż-Żużu. Jiena ċert li waqt li tkun qed tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Marija, u l-iżjed dawk li jkunu fl-għalqa, żgur li se jħossu n-nuqqas tiegħu u dik id-daħka ta' fuq fommu.

L-aħħar darba li kellimt liż-Żużu kien l-isptar ftit granet qabel ma miet u għalkemm kien jidher muġugħ, kien jagħmel sforz kbir biex ma jurix x'kien qed iħoss. L-aħħar kelmiet li qalli qabel ma tlaqt kienu: "Karm ħudu ħsieb il-festa u l-Każin." F'isem is-Soċjetà nagħti l-kondoljanzi lil martu, lit-tliet uliedu, u lill-familja.

Bħala Segretarju, f'isem sħabi nixtieq nirringrazzja lis-Sur Frans Vella tal-ħidma li wettaq kemm dam membru magħna fil-Kumitat u ta' l-għajuna li dejjem ta u għadu jagħti lis-Soċjetà. Minn qalbna nawgurawlu kull suċċess fil-ħidma tiegħu bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba bħalma nawguraw ukoll lill-membru l-ġdid is-Sur Grezzju Farrugia l-akbar ħidma b'risq is-Soċjetà tagħna.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat, lill-Għaqda tan-Nar Santa Marija, liż-żgħażagħ ħabrieka tax-xogħol li jagħmlu fl-armar, lill-Kumitat tan-Nisa ta' l-attivitajiet li jagħmlu matul is-sena, lis-Surmast David Agius u l-bandisti tal-post tas-sagrifiċċji li jagħmlu matul is-sena. Ringrazzjament imur lilkom soċi, benefatturi u partitarji ta' l-għajnuna matul din is-sena b'risq il-Każin tagħna.

**Nixtieq lil kulħadd il-festa t-tajba.**

# Kellmitni Marija

Kont tfajjel imqarqaċ
żgħir jien kont miż-żmien
niġġerra ma' sħabi,
nilagħbu flimkien.

Bil-ballun f'saqajna,
kollha 'ntuh bis-sieq,
nilagħbu hawn konna,
eżatt f'din it-triq.

X'ħin f'salt, b'daqqa soda,
il-ballun mitfugħ,
fil-knisja, dritt daħal
minn ġol-bieb miftuħ.

U dħalt biex insibu;
ta' tfajjel li kont,
inħares f'kull rokna,
infittex, kemm domt.

Il-knisja baħħ kienet,
battala min-nies,
għax kien għadu kmieni
għal ħin tal-quddies.

U ħbatt naqta' qalbi,
infittex u ndur
u ħsibt jien biex noħroġ,
fejn sħabi immur.

Ara! Minix waħdi,
hemm mara nnutajt,
"Kelli ballun rajtu?",
staqsejtha, ssuktajt.

U għolliet ħarsitha,
u ħarset f'għajnejja,
u sejħitli b'ismi
biex noqgħod jien ħdejha.

Għidtilha, "Kif tafni?,
lilek ma nafekx....
Kif ġejt f'daqqa waħda?,
għax jien ma rajtekx".

"Sew nafek", din qaltli,
u ħaddnitni magħha
b'għożża bħal li kieku
kont it-tifel tagħha.

"Inħobbok ħanini,
hawn, ħa il-ballun" :
u ħtaftu minn idha
u dort biex inqum.

"Biss, qabel ma nitlaq
immur u nħallik
tista' tgħidli x'jismek,
jimporta nsaqsik?"

U b'vuċi tas-sema,
b'wiċċ kollu qdusija,
weġbitni bil-ħlewwa,
"Jisimni Marija".

"Mel'int il-Madonna,
int Omm il-Bambin,
is-sbejħa Patruna,
tagħna l-Imqabbin".

Bil-ferħ imtliet qalbi
u dmugħ mela għajnejja;
"Nitolbok bil-ħniena,
biex tibqa' hawn ħdejja".

"Nixtieq kieku nista'
li nibqa' hawn ħdejk,
noqgħod jien maġenbek,
inżommlok idejk".

"Biss żgur għad xi darba
nkunu ħdejn xulxin,
ġo dari, fil-ġenna
ħdejn Ibni, l-Bambin".

"Qabel jien ma nitlaq,
wassalli messaġġ
lill-bnedmin tad-dinja
biex jagħmlu kuraġġ".

"Biex jitolbu lili,
fil-ferħ u t-tbatija
u jien minn did-dinja
noħroġhom bla ħtija".

Il-ħsejjes ħasduni,
tal-passi fil-qrib;
"Ħa ddum int ma tiġi
u l-ballun iġġib?"

Hekk sabuni sħabi,
miblugħ u ċċassat,
inħares fin-niċċa
li hemm ġewwa l-ħajt.

"Kellmitni l-Madonna",
għidtilhom lill-ħbieb,
"hawn kienet, bil-qiegħda,
eżatt ħdejn il-bieb".

Ħadd minnhom m'emminni,
ħasbuni ġġennint.
"Taf x'qiegħed tgħidilna,
Int iblah....int x'int?"

"Int qed tidħak bina,
din tiegħek hi qlajja,
mintix tara bħalna?
din statwa bla ħajja!"

Għalkemm din leġġenda
tagħlima tagħtina;
li Santa Marija
trid tidħol għalina.

Biss, ħaġa ngħidilkom
qabel jien immur;
jekk aħna nkellmuha,
Hi twieġibna, żgur.

Patrick Mallia
05.05.99

# GOLIATH DEVELOPMENT LTD

## Building and Civil Engineering Contractors



6, St. Benedict Street, Kirkop
Tel: 642143

# Appell mill-Kaxxier

Carmel Briffa

**Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna 'l ħadd! Erġajna ninsabu ftit ġranet biss qabel niċċelebraw il-festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-festa ta' Santa Marija Patruna tar-raħal tagħna u tal-gżejjer Maltin.**

Is-sena li għaddiet tibqa' mfakkra għal żewġ avvenimenti kbar li ġraw fir-raħal tagħna. L-ewwel avveniment kien meta fl-okkażjoni ta' l-400 sena Parroċċa taħt il-Patroċinju ta' Santa Marija aħna rnexxielna norganizzaw festa kbira ad unur Ommna Marija. Bħala tifkira żanżanna opra artistika kbira. B'dan qed nirreferi għall-pittura ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna, opra oħra tal-bravu artist Għawdxi l-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi. Din saret bl-inizjattiva tal-Kumitat tan-Nisa. Barra minn hekk, il-Vigarju Ġenerali, illum Isqof Awżiljarju, Mons. Annetto Depasquale kixef Lapida Kommemorattiva li tfakkar dan l-avveniment storiku.

It-tieni avveniment li qiegħed nirreferi għalih huwa l-premju internazzjonali "Les Étoiles D'Or Du Jumelage" li s-Soċjetà tagħna rnexxielha takkwista għan-nom ta' l-Imqabbin kollha. Kien fit-13 t' Ottubru 1998 meta ġejna nfurmati minn Brussels li konna rbaħna dan l-unur. Għalhekk delegazzjoni komposta mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra, mis-Sindku s-Sur Emanuel Buttigieg kif ukoll mis-Sur Alfred Galea, marru Ferrara ġewwa l-Italja fejn nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru 1998 ġew ippreżentati bil-premju internazzjonali "Les Étoiles D'Or" proprju mill-President tal-Komunità Ewropea s-Sur Jacque Santer. Għalhekk is-sena 1998 kienet sena verament li tibqa' mniżżla bl-ittri tad-deheb fil-kalendarju tas-Soċjetà tagħna.

Il-ħidma tagħna fi ħdan is-Soċjetà ma waqfitx hawn għaliex proprju din is-sena fil-11 ta' Marzu 1999 is-Soċjetà tagħna rnexxielha tkabbar il-proprjetà tagħha. Qiegħed nirreferi għall-post bin-numru 41, 42, 43 Pjazza tal-Knisja, Mqabba. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalija personali li rnexxieli nikkonvinċi lil Tereża Zammit (illum mejta) sabiex tbiegħ lilna dan il-post fejn 'il quddiem is-Soċjetà tagħna tkun tista' tiżviluppa u tkabbar is-Sede tagħha. Hawn minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ġew minn rajhom u offrew xi donazzjoni sabiex intaffu ftit mill-ispejjeż li għamilna sabiex akkwistajna din il-proprjetà. Barra minn hekk nixtieq nappella lis-Soċji u lill-Partitarji sabiex jagħmlu bħal oħrajn u joffru donazzjoni għal dan il-għan.

Wara li semmejt il-festa tas-sena l-oħra u l-akkwisti li rnexxielna nagħmlu, naħseb ikun xieraq li ndur lejn il-festa ta' din is-sena. Bħalma diġà tafu fil-festa ta' din is-sena se niċċelebraw kif inhu xieraq l-unur "Les Étoiles D'Or Du Jumelage1998" mogħti mill-Komunità Ewropea, unur li jagħmel ġieh mhux biss lis-Soċjetà tagħna, imma lil-lokal tagħna in ġenerali. Għaldaqstant ilkoll taqblu li jkollna festa oħra speċjali.

Hawn ta' min isemmi d-diversi sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà li lkoll ħadmu matul is-sena kollha bil-għan li dejjem inkabbru l-festa. Ma rridx ninsa lid-dilettanti tan-nar għas-suċċess kbir li kellhom is-sena l-oħra fejn taw wirja ta' logħob tan-nar mill-aqwa. Hawn ta' min jirringrazzjahom għas-sagrifiċċji kbar li jagħmlu matul is-sena.



*Is-Sur Carmel Briffa (xellug) wara l-kxif tal-lapida kommemorattiva b'tifkira ta' l-erba' mitt sena parroċċa.*

Ma rridx ninsa lill-Kumitat tan-Nisa li appena tgħaddi l-festa jibdew jorganizzaw l-attivitajiet sabiex jinġabru l-fondi li huma ta' għajnuna kbira għas-Soċjetà, kif ukoll liż-Żgħażagħ li matul il-ġranet tal-festa jaħdmu bla heda u jgħinu lill-Kumitat Ċentrali fl-armar tal-festa.

Il-Banda tagħna, li hija bla dubju l-ħajja ewlenija tas-Soċjetà tagħna, din is-sena wkoll ħadmet bla waqfien sabiex tipprepara għall-programm ta' l-10 ta'Awissu. Għal din is-sena ġibna xi mużika minn barra sabiex il-programm ikun imżewwaq u jolqot il-gosti ta' kulħadd. Din il-mużika ġiet irregalata lill-Każin mis-Sur John Borg li huwa emigrant fl-Amerika. Kellna wkoll ir-*recording* ta' sett marċi ġodda. Għalhekk minn qalbi nixtieq nirringrazzja lis-Surmast ħabrieki Mro. David Agius, kif ukoll lill-bandisti tal-lokal li matul is-sena kollha jagħmlu dawk il-kunċerti bi preparament għall-festa.

Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat u lil dawk kollha li ħadmu matul is-sena sabiex naslu għal festa oħra speċjali f'ġieh il-Patruna tagħna Santa Marija. Bħas-sena l-oħra jiena ċert li bis-saħħa tal-ġenerożità, l-imħabba u d-devozzjoni kbira tagħkom lejn Ommna Marija l-festa tkun suċċess. Nixtieq li l-ferħ u l-briju waqt il-marċi jkunu sinjal ta' ferħ ġenwin, ħalli min jarana u jismagħna waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jinduna li aħna tassew nies ta' kultura u l-ferħ tagħna juri mħabbitna lejn Santa Marija.

Fl-aħħarnett, nixtieq nirringrazzja lill-Benefatturi, Emigranti u Partitarji li ta' kull sena dejjem wiegħbu għall-appell tagħna sabiex bl-offerti tagħhom inkomplu nkabbru l-Festa tat-Titular. Filwaqt li nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba, nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom ġid, barka u sliem.


" L'enfant Terrible "
Innovative
and Seductive...
206
MICHAEL ATTARD LTD
National Road, Blata l-Bajda Tel. 238854
Gozo Agent: Attard Auto Dealer Tel. 559453
206
PEUGEOT
Engineered to be Enjoyed

# Minn Fomm id-Direttur Spiritwali

Patri Joseph M. Ghigo S.J.

## Santa Marija reġgħet Magħna!

*Santa Marija mill-ġdid magħna!* Kull sena, malli jitolbuni bħala Direttur Spiritwali nikteb dawn l-erba' kelmiet għall-ġid tar-ruħ u l-ġisem, malajr nibda naħseb biex se noħroġ! Kull min jixtieq jgħix tassew ta' veru Nisrani jeħtieġlu dejjem jimxi fuq it-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu u għalhekk ma jistax ma jħobbx ukoll lil Ommu, il-Verġni Mqaddsa Marija. Dan kollu jagħmlu għal raġuni l-aktar sempliċi: għax l-Omm għażiża ta' Ġesù Kristu hi daqshekk ieħor **l-Omm għażiża tagħna lkoll** ladarba Kristu stess ħallihielna u tahielna ftit qabel ma miet imsallab għalina u għal dnubietna.



Dan kollu suppost li jgħodd wisq aktar hawn, fir-raħal u l-parroċċa ta' l-Imqabba, għax hawnhekk ftit iżjed minn 400 sena ilu, sewwasew meta twaqqfet il-Parroċċa, din ġiet iddedikata lil Santa Marija. Nafu sewwa aħna lkoll li t-tifkira liturġika tagħha, il-Knisja Kattolika mxerrda fid-dinja tagħmilha fil-15 t'Awissu u dak in-nhar niċċelebraw ġrajja unika fl-istorja tad-dinja: **it-Tlugħ glorjuż tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.** Għall-Knisja Kattolika din mhux biss hija Solennità mill-erbgħa l-kbar li tgawdi Ommna Marija Santissima, imma din hija l-aktar festa qadima tal-Madonna fi ġrajjet il-Knisja.

Issa maż-żmien fi ħdan il-Knisja kibru u xterrdu festi oħra wkoll biex bihom nagħtu l-ġieħ kollu lil Santa Marija, u waħda minn dawn il-festi tfakkar **it-Tnissil tagħha bla ebda tebgħa ta' dnub,** dik li aħna l-Maltin u l-Għawdxin nafuha wisq aħjar bħala l-festa tal-Kunċizzjoni Immakulata. Il-Parroċċa ta' l-Imqabba, bħall-Insara kollha, din il-festa tiċċelebraha wkoll imma fostna żviluppat id-devozzjoni lejn Marija bit-titlu ***tal-Ġilju*** li b'ġieħha ssirilha festa sekondarja fit-tielet Ħadd ta' Ġunju.

L-aqwa ċelebrazzjoni tal-festa għandha ssir dejjem fil-Knisja, imma hawn Malta aktar ma għadda żmien, il-festa ħarġet barra mill-bibien tal-Knisja, beda t-tiżjin u l-armar fit-toroq, dwal, murtali, daqq tal-banda, ecc. Dan kollu talab ħafna xogħol u organizzazzjoni u hekk twieldu u ssaħħu każini soċjali msejħin ***tal-banda.*** Minn ftit fuq 100 sena 'l hawn fl-Imqabba dawn il-każini twieldu wkoll u minn wieħed, malajr saru tnejn, b'kull każin jieħu ħsieb il-festa tiegħu. Daħlet ftit tal-pika u għalhekk waqa' dmir soċjali kbir mhux biss biex ma tinħoloq ebda firda fir-raħal u fil-parroċċa, imma wkoll biex fuq kollox u f'kollox isaltnu dejjem il-komprensjoni, il-bilanċ u l-kontroll. Għax inkella, mingħajrhom, jistgħu jqumu u jiżviluppaw inċidenti kbar u żgħar li ma jridhom ħadd.

Veru li l-kontroll u l-bon ordni huma kompetenza tal-pulizija, imma f'dan il-qasam sensittiv meħtieġa kooperazzjoni kbira bejn il-Kappillan u l-kleru, il-kunsill parrokkjali u l-istess kumitati tal-każini tal-banda. Dawn il-kumitati dejjem jaħdmu id f'id mal-pulizija, speċjalment waqt il-marċi brijużi u l-aktar meta jgħaddu quddiem il-każini ta' xulxin. Issa f'qasam delikat u ġieli wkoll mimli bit-tensjoni, nagħmel suġġeriment żgħir li rajtu jaħdem sewwa f'pajjiż qribna, mogħni wkoll bi drawwiet antiki jixbħu ferm lil tagħna.

F'raħalna, b'żewġ festi li jagħtu ġieħ it-tnejn lill-istess Omm Alla, ma jistgħux ir-rappreżentanti tal-każini joffru ***bukkett fjuri*** lill-Madonna? Tajjeb ħafna meta dan il-ġest tassew sabiħ isir ġol-knisja mżejna għall-festa, imma min jaf kieku dan il-ġest isir barra? Safejn naf jien dan il-ġest qatt ma rajtu mkien f'Malta, imma din m'hijiex raġuni tajba biex ma jibdiex fl-Imqabba tagħna! Xi ħadd, x'imkien, irid jibdieh: jagħmlu sew għalhekk li jiltaqgħu r-rappreżentanti miż-żewġ każini biex jagħtu ħajja lil dan il-ġest sabiħ, sempliċi u sinifikattiv mhux biss għal raħalna, imma wisq aktar għal Malta u Għawdex. Dan hu pass tajjeb fit-triq tajba li jagħmel ġieħ ukoll lil min jagħmlu l-ewwel.

# MANGION BROS.
## *(ID-DIELJA)*

## ŻURRIEQ TELEPHONE: 649590






**Manufacturers of fine quality bricks and interlocking paving system to a variety of designs and colours. This is operated by a computerised controlled plant capable of producing 8000 hollow concrete bricks a day.**

**Suppliers of concrete mix, capable of producing 80 cu. metres per hour.**

**Suppliers of steel rods and straps. The company undertakes all construction, civil engineering and excavation works.**



# Kelmtejn mis-Surmast

David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.)

**Nixtieq nibda billi naghtikom merhba f'din it-tielet festa maghkom l-Imqabbin. Iż-żmien igerbeb u żgur ma tindunax kif inhu ghaddej dment li tkun attiv tul is-sena kollha. Infatti din is-sena kienet sena ohra ta' hidma fil-qasam tal-banda, dejjem biex inkabbru isem il-banda taghna u nkomplu nsahhuha.**

Din is-sena bl-inizjattiva tal-kummissjoni banda fi hdan is-soċjetà, dejjem bl-ghajnuna tal-kumitat ċentrali, ġie organizzat ghall-ewwel darba fil-każin programm mużikali bis-sehem tal-bandisti tal-post ġewwa s-sala tal-każin. Dan il-programm se jibqa' jsir ta' kull sena wara s-suċċess li kellna u se jibqa' jfakkar il-premju miksub mis-soċjetà taghna ta' l-Etoile D'Or, ibbażat fuq l-organizzazzjoni ta' livell gholi li kellu l-kumitat fil-ġemellaġġ li sar mal-Corpo Bandistico ta' San Vittoria in Matenano fi hdan il-Kunsill ta' l-Ewropa. Hawnhekk kulhadd seta' japprezza s-sagrifiċċji li matul is-sena jaghmlu l-bandisti tal-post waqt il-provi li jsiru ta' kull ġimgha. L-iskop ta' dan il-kunċert strumentali ntlahaq ghaliex min kien preżenti ghal dan il-programm irrikonoxxa li l-element tal-mużiċisti kien ta' bandisti tal-lokal. Infatti bhala ghajnuna, f'ċertu sezzjonijiet tal-banda kellna hames bandisti biss barra l-lokal minn banda ta' xi hamsa u tletin bandist. Kif wiehed jista' jifhem, bis-sahha ta' dan il-programm li ġie mtella' ghas-soċji, allievi, bandisti u familjari taghhom, inkunu qed nuru l-progress tal-veru banda Re Ġorġ u fl-istess hin inkunu qed inhajru aktar allievi jitghallmu strument partikolari fi hdan is-soċjetà taghna. Minn dawn il-kelmtejn nixtieq nirringrazzja lill-bandisti ghas-sehem taghhom ghax vera wrew li jafu jiehdu responsabbiltà tal-partijiet taghhom, u ghalkemm minghajr hafna bandisti barranin, interpretaw il-mużika skond il-partitura tal-kompożituri li taghhom indaqqet il-mużika.



*Is-Surmast David Agius jidher jirċievi rigal mis-Surmast Direttur tal-Banda Leipzig Jugend Blasorchester Helmut Römer waqt Programm Strumentali li fakkar l-400 mitt sena parroċċa.*

Hawnhekk kull soċju ghandu jkun kburi bil-bandisti tal-lokal. Kulhadd ghandu japprezza l-fatt li mhux kull banda fl-irhula u bliet kollha ta' Malta ghandha bandisti biżżejjed biex tkun tista' ttella' dawn it-tip ta' programmi kemm minhabba nuqqas ta' kwantità, kif ukoll minhabba nuqqas ta' elementi differenti fis-sezzjonijiet differenti tal-banda biex tkun tista' taghmel prova tal-ġimgha. Ghalhekk bl-apprezzament tas-soċji biss nistghu nheġġu lill-bandisti tal-preżent biex ikomplu fuq din it-triq u nheġġeġ biex nibqghu nikkonkorru u nżidu fil-konkorrenza ta' dawn il-kunċerti mużikali biex naghmlu kuraġġ ikbar lil dawn il-bandisti.

Nixtieq niehu spunt minn dawn il-kelmtejn biex nipprepara lill-ġenituri ta' l-allievi li wara s-suċċess li kellna s-sena l-ohra f'Jum il-Ġenituri, din is-sena wkoll ghandna fil-hsieb li nerghu niltaqghu maghkom biex niddiskutu iktar fid-dettall il-progress ta' uliedkom fit-taghlim mużikali taghhom.

Fl-ahharnett ma nistax f'dawn il-kelmtejn ma nistedinx lil kull min ghandu ghal qalbu l-mużika bandistika, ghall-programm li l-banda taghna ttella' ta' kull sena f'Jum is-Soċjetà nhar l-10 t'Awissu. Din is-sena bhal snin ohra hadt hsieb bl-ghajnuna tal-kummissjoni banda, biex inhejji kunċert strumentali li jolqot il-gosti ta' kulhadd. Fost il-kompożizzjonijiet ta' din is-sena żgur se jkunu strumentali l-Overture impenjattiva ferm mill-opera William Tell ta' Giachomo Rossini u s-selezzjoni mill-opra l-Weghda tal-kompożitur kontemporanju Malti, il-Professur Charles Camilleri fost kompożizzjonijet ohra li se jinstemghu ghall-ewwel darba f'Malta. Ghalhekk inheġġeġ lil kull min ghandu ghal qalbu l-mużika biex ikun preżenti fid-data msemmija hawn fuq biex ikun jista' jgawdi n-noti sbieh, mirqumin tajjeb minn kompożituri ta' fama mondjali f'lejla sajfija fil-pjazza b'akkustika eċċezzjonali fir-rahal ta' l-Imqabba.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u nheġġeġ is-sehem kbir taghkom f'kull attività li l-kumitat hejja ghalikom fl-ahhar festa ta' dan is-seklu.

# Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

For Receptions, Parties and all occasions

**Tel: 683112 - 640083**



Planning a party?

# PISCOPO'S CASH & CARRY

can provide you with all your needs

Small pizza, sausage rolls, ice cream, stuffed olives,
beers and minerals, juices, Panini, Gateaux, napkins,
balloons, disposable plates
and much much more!

## All items at a discounted price!!

**Triq Erba' Mwieżeb**
**St. Paul's Bay SPB 06**
**Tel: 570265, 570375**

**Fl-okkażjoni tal-festa titulari ta'**

# SANTA MARIJA

**is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V, Mqabba**
**bi pjaċir tippreżenta**

# Programm Strumentali

**ġewwa l-Pjazza quddiem il-Każin tas-Soċjetà**
**nhar it-Tlieta 10 t'Awissu 1999, fid-9.00pm**

| | | |
|---|---|---|
| Fantasia | Symphonic Overture | Charles Carter |
| Overture | William Tell | Gio. A. Rossini |
| Selection | Il-Wegħda | Charles Camilleri |
| Intermezz | In a Persian Market | Albert W. Ketelbey |

**Preżentazzjoni u Diskorsi ta' l-okkażjoni**

| | | |
|---|---|---|
| Selection | Mexican Festival | Quincy C. Hilliard |
| Selection | Rock 'n Roll Explosion | Arr. Jerry Nowak |
| Innu | Lil Raħal Twelidi | Anthony Camilleri |
| Marċ | Marija Assunta | Leonard Farrugia |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | Anthony Camilleri |

***Surmast Direttur:* Mro. David Agius A.Mus.L.C.M.,A.Mus.V.C.M. (Hons)**

***Preżentaturi:* Joyce Giullaumier u Patrick Mallia**

# SERVIZZI TAL-BANDA RE ĠORĠ V
# 1999

| Data | Okkażjoni | Servizz | Lokal |
|---|---|---|---|
| 30 ta' Jannar | Recording | Marċi Ġodda | Paola |
| 6 ta' Marzu | Jum ta' tifkira | Programm Sinfoniku | Mqabba |
| 4 ta' Lulju | San Pawl | Marċ | Rabat |
| 21 ta' Lulju | San Ġużepp | Marċ | Żebbuġ |
| 25 ta' Lulju | Tal-Karmnu | Marċ | Żurrieq |
| 30 ta' Lulju | Lejla Maltija | Programm ta' Marċi | Mqabba |
| 9 t'Awissu | Santa Marija | Marċ | Mqabba |
| 10 t'Awissu | Santa Marija | Programm Stumentali | Mqabba |
| 13 t'Awissu | Santa Marija | Marċ | Mqabba |
| 15 t'Awissu | Santa Marija | Marċ (filgħodu) | Mqabba |

Andrexa

FURNITURE LTD




SHOWROOMS:

Triq is-Sebħ, Qormi.

Tel: 443957

Fax: 443964

## IŻ-ŻJARA TAL-

# Banda Jugend Blasorchester - Leipzig

## MILL-ĠERMANJA FL-IMQABBA – 30.07.98

**Bil-memorja għadha friska tas-sena li għaddiet, meta fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-festi f'ġieħ SANTA MARIJA u għall-okkażjoni ta' għeluq l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa ta' l-Imqabba kellna fostna l-Banda Jugend Blasorchester tal-Ġermanja. Ċertament mument memorabbli meta għattieni sena konsekuttiva tospita Banda barranija biex toffri t-talent u l-kapaċitajiet mużikali tagħha lill-poplu ta' raħalna.**

Il-Banda Jugend Blasorchester fetħet b'marċ minn quddiem il-Każin. Kien marċ tipiku Ġermaniż ta' din il-banda fejn il-passi tagħhom ivarjaw mhux ftit mir-ritmu li aħna mdorrijin bih fil-baned lokali. Immedjatament wara, bis-solitu element żagħżugħ




***Il-Banda Ġermaniża waqt il-marċ akkumpanjata mill-membri tal-kumitati tas-Soċjetà.***

tagħha, il-banda tat bidu għal kunċert strumentali li bla dubju ta' xejn paxxa lil dawk kollha preżenti. Il-bravu surmast direttur ***Helmut Römer*** ħaseb għal kulħadd. Fil-fatt waqt din is-serata l-mużika ġiet varjata minn dik klassika għal dik moderna. Kif kien jixraq wara sagħtejn ta' mużika, il-bandisti telgħu għar-riceviment fis-sala, u hemmhekk kellna opportunità li naqsmu magħhom l-esperjenzi mużikali. Avveniment bħal dan żgur ikompli jgħin sabiex permezz tal-mużika r-raħal tagħna jkompli jservi bħala bidu ta' pont li jgħaqqad lil pajjiżi mad-diversi kulturi li jinsabu mifruxa madwar il-kontinent Ewropew.




*Il-bandisti żgħażagħ tal-Banda Jugend Blasorchester waqt il-kunċert sinfoniku.*

**Kunċert Strumentali li sar fil-Pjazza ta' l-Imqabba**

| | |
|---|---|
| Smoke Gets in Your Eyes | Ray Coniff |
| Tango - La Cumparsita | Matos Rodrigos |
| Slawisher Tanz | A. Dvorak |
| New York Overture | K. Vlak |
| Unterm Sternenbanner | John Ph. Sousa |
| Einzug der Gaste | Richard Wagner |
| Sinatra in Concert | Frank Sinatra |
| Medley Abba | Abba |
| El Dorado | R. Beck |
| TV Cherkessen tanz | |
| Old Timer | H.H. Humger |
| Saint Louis Blues | Traditional |
| Radetzky March | Johan Strauss |
| Can Can | Offenbach |
| Spanish March | |
| Innu Nazzjonali Malti | R. Samut |



*Is-surmast Direttur Helmut Römer (fundatur ta' l-istess banda) jidher jidderieġi b'attenzjoni kbira.*

# RENO FARRUGIA TRANSPORT




For the best service in:
Transport, Mini Buses & Buses (24 hour service Day & Night)

**Reno Farrugia**

*'Emerald', Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba*
*Tel: 640869 Mobile: 099 1477*

# Zneiber

## Confectionery & Pastizzerija

*Orders accepted for*
*Weddings and All Occasion Parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 803999
Mobile: 097 8642

St. George's Street, Luqa
Tel: 677230

# JOSEPH BUGEJA
## (1896-1987)

minn Joseph Farrugia

Meta ġie l-ħsieb li nikteb tifkirieti fuq is-Sur Joseph Bugeja staqsejt lili nnifsi, "Min hu dan il-personaġġ u meta sirt naf lil dan il-kompajżan?" Is-Sur Bugeja - hekk konna nafuh - twieled l-Imqabba nhar it-22 ta' Diċembru, 1896, iben Mastru Salv u Marija née Farrugia.


*Joseph Bugeja*

L-ewwel impressjoni li ħadt fuqu fi tfuliti kienet ta' "pilastru minn trijunvirat formidabbli fil-kumitat tas-Soċjetà Santa Marija, Mqabba, magħmul mis-sinjuri Joseph Bugeja, Manwel Zammit u Ġanni Ghigo, President, Segretarju u Kaxxier rispettivament, li ggwidaw lis-Soċjetà bejn is-snin 20 u 50." Kull wieħed minn dawn id-diriġenti għandu niċċa fl-istorja tas-Soċjetà.

L-ewwel konoxxenza li għandi ta' ħidmet is-Sur Bugeja hi fir-rigward tal-fond tal-Każin Re Ġorġ V fl-1934, meta refa' r-responsabbiltà tax-xiri u tal-kuntratt u għadda s-sit għal sede tas-Soċjetà. Dan l-akkwist kien pass ta' previżjoni għaqlija biex is-Soċjetà tiġi kkonsolidata b'sede proprjetà tagħha. Is-soċjetajiet f'Malta f'dawk is-snin kienu jgawdu dan il-privileġġ. Minnufih ġiet abbelita kamra riservata għall-kumitat, inxtrat għamara ta' klassi (illum spiċċat), saret antiporta addattata li tixraq ma l-arkitettura tal-post u l-entrata ġiet miksija b'madum tal-mużajk.

Is-Sur Bugeja żżewweġ lil Carmela Gauci, bint Baskal u Margherita née Facciol, nhar l-24 t'Ottubru, 1937. Il-festin sar fil-każin Re Ġorġ V; kienet l-ewwel okkażjoni ta' din ix-xorta li saret hemm. Kellhom familja eżemplari b'erbat itfal: Mary, Rev. Fr. Joe B.A.,Lic.D., Charlie u Terry.

Fl-1939, is-Sur Lorenzo Zammit tħajjar jagħmel sett gastri għal fuq il-bradella ta' Santa Marija. Inqalgħet diffikultà għall-proposta li ssir l-arma ta' kunjom il-benefattur fil-faċċata ta' wara l-gastri. Għadni nara lis-Sur Bugeja f'ġurnata tal-Ħadd fil-għaxija jindirizza seduta tas-Soċjetà Santa Marija u jispjega li l-arma kif ipproġettata fid-disinn ser tkun tidher b'ċerta prominenza flimkien ma' l-insinja Marija Assunta, sew minn quddiem kif ukoll minn wara ta' l-istatwa. Jidhirli li hu ma kienx jaqbel. Nibtet il-gwerra u l-proġett waqaf u tkompla bil-ħidma tal-kappillan Imqabbi, Dun Ġerald Mangion, fuq mudell disinn ta' Abram Gatt, ġentilment mogħti mis-Sur Lorenzo Zammit. Persuna anonima ħallset l-ispejjeż. Il-gastri nħadmu mid-ditta Francesco Cassar ta' Bormla.

Minn dokument f'idejn Fr. Joe, jirriżulta li wara li żżanżan il-pedestall tal-fidda ta' l-istatwa fl-1928, is-Sur Bugeja beda jipprepara biex isiru sett gastri tal-fidda. Dan id-dokument, iffirmat mill-magħruf Abram Gatt bid-data 5 ta' Novembru 1930, jagħti speċifikazzjonijiet tax-xogħol sal-kwalità tal-fidda.

Matul il-gwerra, l-attività tal-festi waqfet għal kollox. F'dak iż-żmien, meta l-Inġinier Ingliż Mr. Cyril C. Mavity, kien inkarigat mill-*Air Raid Shelter Construction* ta' Malta, is-Sur Bugeja ġie appuntat *Area Officer - Shelter Construction* għar-raħal tagħna. Fil-fatt is-Sur Bugeja kien responsabbli mill-pagi tal-ħaddiema u *accounts* tax-xogħol kollu li sar fix-*shelters* ta' l-Imqabba. Ħadd ma jiskanta ngħid li x-*shelters* pubbliċi fl-Imqabba tħaffru mill-Imqabbi Karmenu Camilleri iben Rokku, l-imgħallem. Il-Każin Re Ġorġ V serva ta' uffiċċju għalhekk.


*Emmanuel Zammit*

Meta kienet qed titwaqqaf l-Orkestra Santa Marija, is-Sur Bugeja kien jieħu interess fil-progress ta' l-istudenti u jagħti sehemu fl-għażla tas-Surmast; anki organizza *lecture* għall-allievi mill-ħabib tiegħu s-Surmast Ċensu Bugeja. Ġà semmejt f'kitba oħra li s-Sur Bugeja kien l-awtur u organizzatur tar-ritratt storiku ta' l-Orkestra Santa Marija, u ħa ħsieb li l-isem tal-Orkestra jiġi inkluż fil-*letterheads* tas-Soċjetà. Kien ir-rappreżentant tas-Soċjetà fl-Assemblea Nazzjonali taħt Sir. L. Preziosi, li sawret il-Kostituzzjoni għall-Gvern Responsabbli.

Meta f'Marzu ta' l-1947 ġejt elett fil-Kumitat tas-Soċjetà, fiż-żmien meta l-Banda Re Ġorġ V kienet għadha fil-formazzjoni tagħha, stajt verament napprezza l-impenn tal-President. Issa li s-Soċjetà kienet qed tieħu forma filarmonika, sar meħtieġ emendi fir-regolamenti tagħha. Manwel Zammit, Segretarju, kiseb kopja tar-regolamenti tas-Soċjetà San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, li servew ta' gwida għall-emendi meħtieġa.

**Attività li s'issa qatt ma ġiet iddokumentata**

Fl-ewwel żmien il-Banda Re Ġorġ V kien hemm għajnuna kbira u koperazzjoni

# MODERN BAZAAR

**TRIQ IL-MURSELLI - MQABBA**
**TEL: 683376**

SOFT TOYS - TOYS - FOOTWEAR
FASHION CLOTHES - UNDERWEAR
SOUVENIRS - STATIONERY
HABERDASHERY - TOILETRIES

***PREZZIJIET RAĠONEVOLI***



## VALENTINA HAIR CARE

TRIQ IX-XRIEK, MQABBA

**HINIJIET TAL-FTUĦ:**

| | | |
|---|---|---|
| • TNEJN | - | MAGĦLUQ |
| • TLIETA | - | 9.00 - 16.00 |
| • ERBGĦA | - | 9.00 - 16.00 |
| • ĦAMIS | - | 14.00 - 19.00 |
| • ĠIMGĦA | - | 9.00 - 16.00 |
| • SIBT | - | 9.00 - 16.00 |

**TEL: 611281**

AGĦMEL APPUNTAMENT
GĦAL SERVIZZ AĦJAR






*Il-Festa t-Tajba*
*lil kulħadd*

sħiħa mis-Soċjetà u Banda San Mikiel, sa anke bandisti tagħha taw sehem fis-servizzi tal-Banda tagħna bla ħlas, mertu tas-Segretarju u s-Sur John Borg (illum l-Amerka).

Għadni nara lis-Sur Bugeja jirtira minn President minħabba modifikazzjoni tal-prospettiva tal-faċċata tal-Każin. Madankollu nsibuh protagonista fl-organizzazzjoni tal-festi kbar tad-domma ta' l-Assunta li saru fl-Imqabba fl-1951; espressjoni ċara ta' mħabba lejn is-Soċjetà u l-Madonna. Is-Sur Bugeja kien darbtejn kandidat għall-elezzjonijiet tal-Gvern. Però, fl-opinjoni tiegħi, hu ma kienx verament maqtugħ għall-politika.

Fr. Joe fakkarni li missieru kien Surġent fl-armata. Fil-fatt, is-Sur Bugeja serva fil-KOMR 2nd Battalion mit-12 ta' Novembru 1913 u spiċċa meta l-battaljun ġie xolt fil-31 ta' Diċembru 1921. Li s-Sur Bugeja ġie mogħti l-grad ta' Surġent f'età hekk żgħira jindika l-maturità tiegħu. Niftakru jsemmi li miegħu kien hemm l-Imqabbin Ġamri Mallia u Karmenu Gauci.

Is-Sur Bugeja kien prokuratur tal-fratellanza tas-Sagrament għal madwar 40 sena. Bħala tali, fl-aħħar tas-snin 30, kien responsabbli biex saret il-ġelandra l-kbira li tintuża fil-festa tal-Corpus u f'festi oħra kbar tas-Sagrament. Iżżanżnet qabel il-gwerra. Niftakru fil-Ħdud jiġbor il-flus għaliha bieb, bieb, mgħejjun minn Mikiel Inguanez u n-neputi tiegħu, Innocenzo Parnis.

L-aħħar laqgħat li kelli mas-Sur Bugeja kienu bejn l-1979 u l-1985 meta kien joqgħod ma' Fr. Joe, fiż-żmien Arċipriet iż-Żejtun. Kont nara li fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Katerina nagħmillu vista. Kont nieħu gost inqatta' dak il-ftit tal-ħin narah ferħan qed jitkellem ma' kompajżan. Għalkemm fl-1972 mar joqgħod Santa Luċija ma' ibnu Fr. Joe meta kien kappillan t'hemm, is-Sur Bugeja baqa' jżomm fih spirtu ħaj ta' ċittadin Imqabbi u dejjem infurmat sew bi ġrajjiet ir-raħal, tant li darba qalli, "Ġuż, taf xejn li l-Mulej għoġbu llum jien dekan ta' l-Imqabba!"


Giovanni Ghigo

Sewwa sew fl-aħħar vista beda jirakkontali l-pjani li kien għamel għall-ġbir tal-flus għall-pedestall tal-fidda ta' l-istatwa Santa Marija. Kien maqsum f'żewġ arburali, wieħed għall-ġbir komuni u l-ieħor għal donazzjoni kbira. L-ewwel kontributuri Mqabbin kienu s-Saċerdot Dun Lawrenz Zammit (£20) u l-imgħallem tal-barriera Ġużeppi Borg (£25). L-istess Ġużeppi Borg irregala lill-knisja missal tal-fidda li żżanżan f'Santa Marija lejn is-sena 1939.

Meta kien qed jintrama l-qabar ma' l-istatwa fil-knisja ta' Santa Katerina ġie jara xogħol id-disinjatur Abram Gatt. Is-Sur Bugeja ħa l-opportunità u talab lis-Sur Gatt jindikalu xi difett bil-ħsieb li jkun jista' jitlob xi skont lid-ditta Ghezzi. Ir-risposta kienet ċara: "Jien sodisfatt ħafna mix-xogħol." Meta żżanżan il-pedestall, il-fondi għall-opra kienu ġà miġbura u ma kienx hemm bżonn ta' ġbir iżjed. Dejjem fhimt li s-sur Bugeja ħa sehem kbir fit-twettiq ta' dan il-proġett u kellu sodisfazzjon kbir tul ħajtu li l-opra rnexxiet.

Tkellimna li tinkiteb l-istorja tal-pedestall. Ma kellhiex tkun. F'għodwa, fi triqti għax-xogħol, sellimli Ġużeppi Xiberras, iben Manwel, u tani aħbar imnikkta; "Is-Sur Bugeja ħalliena." Miet fil-Parroċċa ta' Stella Maris, tas-Sliema fejn Fr. Joe kien Kappillan.

L-Imqabbin kellhom fiduċja kbira fis-Sur Bugeja u kienu jsibu l-għajnuna tiegħu. Nista' ngħid li s-Sur Bugeja qatta' l-isbaħ żmien ta' ħajtu jaħdem fi proġetti ġodda. Beda bil-pedestall ta' l-istatwa, il-gastri, xiri tal-każin, ġelandra tas-sagrament, sar l-ippjanar għall-bini ta' l-ewwel sular tal-każin. Fost kollox, il-pedestall tal-fidda kienet l-opra ta' ħajtu.

Kwotazzjonijiet memorabbli minn diskorsi tiegħu:-

F'meeting pubbliku: "Min iħobb il-Madonna ma jbatix"

Wara quddiesa privata: "Il-ħajja maż-żmien tinbidel - l-Ewkaristija ma nbidlet qatt"

Is-Sur Ġużeppi Bugeja kien kolt, ta' statura sabiħa u karattru ġenjali, mexxej għaqli, kburi li Mqabbi u fuq kollox devot kbir tal-Madonna.

**ĦAJR:-** Rev. Fr. Joe Bugeja B.A.,Lic.D.
Is-Sinjura Eliża Buttigieg (1940- )
Is-Sinjorina Katarina Zammit (1939- )

**NIFIRĦU LIL FR. JOE BUGEJA għan-nomina tiegħu mis-Santa Sede ta' Direttur Nazzjonali ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji.**



**Fr. Joe kien ordnat Saċerdot fl-1965. Kien Kappillan ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi. Serva wkoll ta' Kappillan fil-Parroċċi ta' Santa Luċija, iż-Żejtun, Stella Maris u l-Imsida. Dan l-aħħar kien Segretarju Amministrattiv tal-Kurja.**




*Suppliers of*

***Granite, Marble, Terrazzo, Ceramics and Paving Blocks***

**FRANCESCO FENECH**

Valletta Road, Mosta
Tel: 434555
Fax: 433517

# *Is-Soċjetà Santa Marija tifraħ*

...lill-**EĊĊ. TIEGĦU MONS. ANNETTO DEPASQUALE** għall-ħatra tiegħu ta' Isqof ta' Aradi, u Isqof Awżiljarju ta' Malta waqt li tawguralu ħidma sfieqa fl-għalqa tal-Mulej.

Dan is-saċerdot kellu l-okkażjoni li nhar il-Festa ta' Marija Assunta ta' l-1971 jgħammed tarbija ta' dixxendenza Mqabbija bl-isem Marse-Anne.



*Mons. A. Depasquale jgħammed lil Marse-Anne Farrugia*



SACRA MATRIX ARCHIPRESBYTERALIS AC PAROECIALIS ECCLESIA
CIVITATIS PINTO VULGO QORMI
Melivetanae Dioeceseos
DIVO GEORGIO MARTYRI DICATA

Omnibus et singulis quibus spectat fidem facio ac testor Ego infrascriptus Archipresbyter ac Parochus, in libris praelaudatae paroeciae inter caeteras sequentem reperiri notulam videlicet:

Anno Dni. Millesimo *Nongentesimo Septuagesimo Primo*

die *vero decima quinta* mensis *Augusti* sive *15-8-1971*.

*Adm. Rev. Dnus Annettus Depasquale, delegatus, baptizavit infantem die 30 Julii elapsi, hora 5.50 p.m. in nosocomio S. Catharinae Senensis pagi Attard, natam ex Josepho Farrugia, filio Pauli, et Margharita Mangion, filia qdm Petri, conjugibus habitantibus in Via Frederick Mompel Sqr "Margaret", cui impositum est nomen Marseann, (Maria-Rosa-Anna), Laurentia, Josepha, Antonia, Georgia. Patrini fuere Paulus Farrugia, filius qdm Laurentii, e Micabiba, et M' Gratia Mifsud, filia qdm Joannis, e pago Zebbug.*

*Ego Gerardus Frendo*
*Archipresbyter ac Parochus.*
*(Liber Baptizatorum "T": 1969-1983, fol. 115.)*

In quorum fidem praesentes litteras manu propria subscripsi

Datum in Civ. Pinto die *23 Februarii, 1999.*

PARROCCA SAN GORG M.
QORMI.

*(Rev. Can.)*
pro Archipresbytero et Parocho.

*Ċertifikat tal-magħmudija*


# TOPS 'N' TAILS

YOU DESERVE THE ELEGANCE OF A NEW RANGE OF CLOTHES ON YOUR SPECIAL OCCASIONS.



*To look smart and elegantly dressed, why not visit us for wide selections of Tails, Dinner Jackets, Spencer and Morning Suits*

*Even Coloured Suits available at:*

***51, MARINA STREET,***
***PIETÀ***
***TEL: 235666***

*Prop. Mr M. Cassar*

*No connection with any other shop*



J & M

*Pizzeria*

Wied iż-Żurrieq
Tel: 827908/685875

AUTO TECH

Auto Electrical Service

JOHN CUTAJAR

Valletta Road, Mqabba.
Tel: 640466 Mobile: 099 8465

*Dolceria*
*Primavera*

***CATERERS FOR ALL OCCASIONS***

***SCHOOL STREET, TARXIEN TEL: 826226, 677098 FAX: 676891***

# *Minn fejn se jgħaddi l-Marċ...*

*Għal sena oħra, fuq kollox kif inhu xieraq, għall-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija ser ikollna sitt Baned mistiedna għas-servizzi matul il-jiem tal-festa. Fil-fatt għal din il-festa se tiddebutta banda ġdida għal-lokal tagħna, dik ta' San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Minn hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lill-baned barranin kollha talli għoġobhom jilqgħu l-istedina tagħna.*

*Nieħdu din l-opportunità biex bħas-soltu nheġġukom tiġu takkumpanjaw il-marċ it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz ta' tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru ukoll fl-imġiba tajba tul il-jiem tal-festa.*

*Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-Baned rispettivi.*

**Il-Ġimgħa 30 ta' Lulju – Bidu tal-Kwindiċina**

**8.00pm** – Il-Banda Re Ġorġ V tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' marċi brijużi fuq il-palk ċentrali, fejn wara titkomla Lejla Maltija bl-aqwa talent lokali.

**It-Tnejn 9 ta' Awissu – Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier**

**7.30pm** – Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm strumentali fuq iz-zuntier tal-knisja, il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett ta' marċi brijużi ġodda. Il-marċ jgħaddi hekk; **Triq San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin.**

**It-Tlieta, 10 ta' Awissu – Jum il-Banda**

**8.15pm** – Imiss jerġa' lill-**Banda Re Ġorġ V**, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, li tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-**Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-każin.** Wara l-Banda tagħti bidu għall-**Programm Strumentali** u Annwali tagħha.

**L-Erbgħa, 11 ta' Awissu – L-ewwel Jum tat-Tridu**

**8.15pm** – Il-**Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ**, taħt id-direzzjoni ta' Mro. R. Debattista F.L.C.M. tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej:
**Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar, naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq in-Nazzarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Ġerald Mangion, ix-Xantin, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Ġerald Mangion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.**

**IL-BANDA DE ROHAN – ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

| | |
|---|---|
| Lill-Indrin Borg Missier il-banda De Rohan | G. Farrugia |
| Is-sbejjah | P. Gatt |
| JesJoMar | L. Bonnici |
| CaNoPa | A. Farrugia |
| Joe id-Delegat | R. Fenech |
| Emperor | A. Mizzi |
| Chinese Rose | J. Azzopardi |
| Tracey | N. Farrugia |
| Nathan Mark | J. Mifsud |
| Irene | M. Testa |
| Salette | V. Ciappara |
| The King | A. Mizzi |
| Delmar (10 Snin Kaxxier) | S. Zammit |
| Fiorentina | A. Aquilina |
| Joe is-Segretarju | E. Spiteri |
| Kummissjoni Nisa 1998 | R. Debattista |
| United | A. Coleiro |
| Santos | D. Agius |
| Come on the Stripes | A. Aquilina |
| Ben Fred | John J. Pace |
| Coronation | J. Azzopardi |
| Joseph and Darren | C. Zammit |
| Renzo | F. Galea |
| Ix-xiha | D. Aquilina |

**Surmast Direttur: Mro. Ronnie Debattista F.L.C.M.**

**Il-Ħamis, 12 ta' Awissu – It-tieni Jum tat-Tridu**

**8.15pm** – Il-**Banda Sant'Elena ta' Birkirkara**, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin:
**Triq il-Ġilju, l-aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fi Pjazza quddiem il-Każin.**

**BANDA SANT'ELENA - BIRKIRKARA**

| | |
|---|---|
| 75th Anniversary | Mro. J. Sammut |
| Come on Baldass | Mro. A. Aquilina |
| Tal-Qalba | Mro. Kav. J. Busuttil |
| Bernardette | Mro. R. Pisani |
| Come on the Stripes | Mro. A. Aquilina |
| Żgħażagħ Elenjani '95 | Mro. D. Agius |
| Paul and Mary | Mro. J. I. Borg |
| Kumitat '96 | Mro. J. Vella |
| Coronation | Mro. J. Azzopardi |
| The King | Mro. A. Mizzi |
| Andrigo | Mro. A. Calleja |
| Valley of the Roses | Mro. C. Zammit |
| Chinese Rose | Mro. J. Azzopardi |
| Il-Planċier Tagħna | Mro. C. Sciberras |
| Imħuħ Sploduti | Mro. J. I. Borg |
| Innu tal-Banda | Mro. Kav. J. Busuttil |

**Surmast Direttur: Mro. Joseph Vella**

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu - L-aħħar Jum tat-Tridu**

**8.30pm** – Il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius A.Mus.V.C.M. tagħmel marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-partitarji. **Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.**

**Is-Sibt 14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa**

**8.00pm** Programm strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Charles Wallace Suda. Wara l-istess banda tibda marċ li jgħaddi hekk kif ġej: **Triq il-Karmnu, il-Parroċċa, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq Karmenu Ciantar sal-Pjazza tal-Parroċċa.**

**BANDA SAN MIKIEL – ĦAŻ-ŻABBAR**
**Programm Strumentali – 14.08.99**

| | | |
|---|---|---|
| Innu Marċ | | L. Bongailas |
| Rosamunde | Overture | F. Schubert |
| Alba D'Amore | Marcia | Guimarra |
| Impressions of Seville | Spanish Music | H. Simeone |
| Marciando con Verdi | Melodies from Verdi | Arr. W. Deodati |
| Giovanna D'Arco | Sinfonia | Verdi-Vidale |
| Gold and Silver | Valse | F. Lehar |
| I Racconti di Hoffman | Barcaroli | J. Offenbach |
| Innu San Mikiel | | A. Micallef |

Surmast Direttur: Charles Wallace Suda

# Hamrun Kiosk

**St. Paul's Square. Tel: 248989**

*Specialists in:*

**Ice-Cream & Granita**

*Hamburgers, Chips, Hobż biż-Żejt,*
*Ross il-Forn, Timpani, Ham Rolls,*
*Chicken & Chips, Hot Dogs, Pizza,*
*Cold Drinks, Sweets & Cigarettes, etc.*



Open from Tuesday to Sunday
Bakery House, Qormi Road, Hamrun.
Tel: 249080

Prop. FREDDIE CACCIATTOLO

---

QH

# MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES

HYUNDAI Genuine Parts

*Prop. Noel Camilleri*

MONROE



DAYCO®




Qrendi Road, Żurrieq ZRQ 04
*(Ħdejn l-Armerija)*

**Tel/Fax: 642465**

**BANDA SAN MIKIEL - ĦAŻ-ŻABBAR A.D. 1883**

| | |
|---|---|
| Tislima lill-Madonna tal-Grazzja | L. Galea |
| Edmar | C.W. Suda |
| Mikailos | D. Agius |
| Fergħa Nisa (15-il sena anniversarju) | L. Bonnici |
| Lady of Spain | L. Bongailas |
| Kummissjoni Żgħażagħ (10 snin Anniversarju) | D. Camilleri |
| Tikledan | M. Bugelli |
| Santos | D. Agius |
| Amigos | D. Agius |
| Al Pacino | D. Agius |
| La Senora Rita | A. Aquilina |
| Josleber | D. Caruana |
| Magnus | A. Coleiro |
| Tmenin Anniversarju | A. Coleiro |
| Bernardette | R. Pisani |
| Vinceremos | A. Mizzi |
| L-Ewwel Banda Żabbarija fi Sqallija | A. Mizzi |
| Innu Marċ | L. Bongailas |
| Innu San Mikiel | A. Micallef |

Surmast Direttur: Mro. Charles Wallace Suda

**8.30pm** – Il-**Banda Konti Ruġġieru**, taħt it-tmexxija ta' Mro. J. Vella tibda l-marċ tagħha minn **Triq il-Pal u jkompli għal Triq it-Troll, is-Sejba, Santa Katerina sal-Pjazza tal-Knisja.**

**10.00pm** – Hekk kif iż-żewġ baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**10.30pm** Taħt id-direzzjoni ta' Mro. J. Vella il-Banda Konti Ruġġieru tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' Programm Strumentali.

**BANDA KONTI RUĠĠIERU - RABAT**

| | |
|---|---|
| Ancona | Prof. J. Vella |
| L-Iljun | Mro. V. Ciappara |
| Bompacello | Mro. V. Ciappara |
| Arabian Nights | Mro. J. Azzopardi |
| Madrilena | Mro. J. Azzopardi |
| Karmnu s-Slif | Mro. C. Borg |
| L-Arkivju | Mro. S. Giordemaina |
| Marianna | Mro. C. Muscat |
| Michael | Mro. J. Muscat |
| Olyton | Mro. P. Schembri |
| Nathan Mark | Mro. J. Mifsud |
| Louis | D. Coleiro |

Surmast Direttur: Prof. Joseph Vella B.Mus. FLCM

**Il-Ħadd 15 ta' Awissu – L-Għid ta' l-Assunta**

**10.15am** – Wara d-daqq tal-Glorja, il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn **quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin.**

**6.00 p.m** – Il-**Banda Queen Victoria taż-Żurrieq**, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn **Triq Valletta għal Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, il-Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm quddiem il-Każin.**

**7.15pm** – Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, il-**Banda San Bartilmew tal-Għargħur**, taħt id-direzzjoni ta' Mro. R. Zammit F.V.C.M. A. Mus.L.S.M.,A.L.C.M. tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-Ave Maria biex wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni.

**8.45pm** – Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna

**BANDA QUEEN VICTORIA - ŻURRIEQ**
**Programm Strumentali – 15.08.99**

| | | |
|---|---|---|
| **Innu** | **Lil Santa Marija** | **G. Martin** |
| **Overture** | **Giubileo** | **C. Caruana** |
| **Concerto** | **Two Euphoniums** | **L. Borg** |
| **1st Movement** | **Symphony No. 5** | **L. Beethoven** |
| **Musical** | **Les Miserables** | **W. Barker** |
| | **Frank Sinatra in Concert** | **N. Studnitzky** |
| **Omaggio** | **Queen Victoria** | **E. Bugeja** |
| | **Innu Malti** | **R. Samut** |

**Marċi Brijużi**

| | |
|---|---|
| Sylvikarm | Mro. A. Farrugia |
| Golden Jubilee | Mro. E. Bugeja |
| Carl | Mro. J. Tanti |
| The Blue Stars | Mro. A. Gatt |
| A Dear Friend | Mr. C. Vella |
| Rapido | Mro. J. Ciappara |
| Palazzolo 1997 | Mro. A. Farrugia |
| Għalik Missier | Mr. P. Sammut |
| Salette | Mro. V. Ciappara |
| René | Mro. A. Camilleri |
| Sandiago di Cuba | Mro. J. Abela Scolaro |
| Kumitat Ċentrali | Mro. E. Bugeja |
| Marianne | Mro. A. Farrugia |

Surmast Direttur: Mro. Alfred Farrugia L. (Mus.) L.C.M.

l-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo S.J. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Bartonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi minn Ms. Josanne Zammit A.T.C.L., A.L.C.M. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-Ave Maria

**10.30pm** – Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-**Banda San Bartilmew** tagħlaq il-Festa b'marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin, akkumpanjata speċjalment mill-membri ta' l-Għaqda tan-Nar kif ukoll mis-Soċi u l-Partitarji.

**BANDA SAN BARTILMEW - GĦARGĦUR**

| | |
|---|---|
| Connie | Ray Zammit |
| Over and Out | R. Beck |
| The Champ | Ray Zammit |
| Ta' Katrina | Ant. Lautier |
| Luke | Jonathan Abela |
| Tremend | Ray Zammit |
| Bernardette | R. Pisano |
| Tat-Tromba | Archibald Mizzi |
| Lorraine | Jonathan Mizzi |
| The King | Archibald Mizzi |
| Agrigento | Andrew Coleiro |
| Tas-Sikkina | Emm. Bugeja |
| Il-Padrino | Archibald Mizzi |
| Forza Tigre | John J. Pace |
| Tal-Qalba | Jos. Busuttil |
| Santos | David Agius |

**Surmast Direttur: Mro Ray Sciberras**

# KRISTIANNE

## STATIONERY

**MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ**
**Tel: 647391, 649150**

*Offers*

- stationery items of top quality
- magazines and books
- cards and invitations for all occasions
- toys for all ages
- gifs
- haberdashery
- photocopy service and book binding

# IL-KWADRU TA' SANTA MARIJA TAL-ĦLAS

minn Chev. Carmel Bianchi

## Ħtieġa ta' Restawr

Bla dubju ta' xejn, ġawhra oħra ingastata fi qlub il-Qormin, hija s-Santwarju ta' Santa Marija tal-Ħlas. Isaltan fil-kenn ta' dan it-tempju, hemm f'nofs l-altar, il-kwadru titulari ta' Santa Marija. Dan il-kwadru devot hu miżmum b'għożża kbira. Bosta huma dawk li jirrikorru lejha f'kull ħtieġa tagħhom. Bosta huma dawk l-ommijiet li fit-tqala u l-ħlas, jirrikorru lejn din l-Omm Ħanina. Oħrajn, b'fiduċja kbira lejn il-Madonna, jintelqu fi ħdanha u bil-ħerqa jitolbuha tinterċedi għalihom biex jaqilgħu l-grazzja mingħand Alla li jsiru ommijiet.

Dan il-kwadru prezzjuż, bħal kull oġġett antik, kien jeħtieġlu r-restawr. Fuq inizjattiva tas-Sur George Mangion, dan stinka biex jiġi restawrat. Is-Sur Mangion jiddedika ħafna minn ħinu biex jieħu ħsieb dan is-Santwarju u jżommu fi stat nadif ħafna, kif tassew jixraq lil Santwarju bħal dan. Kif kien xieraq u bi dmir, ġie infurmat il-W.R. Arċipriet Dun Frans Abdilla, S.Th.L. tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi, li dan is-Santwarju hu fdat taħt il-ħarsien tiegħu. L-Arċipriet, li hu wkoll jgħożż ħafna dak kollu li hu Qormi u wirt missirijietna, ma damx wisq ma ħa azzjoni.

## Rikors u Digriet

Il-ħabrieki Arċipriet Dun Frans Abdilla S.Th.L. ressaq rikors il-Kurja għall-approvazzjoni. Dan ir-rikors ġie ppreżentat nhar is-27 t'Ottubru 1997. Ir-rikors ġie ffirmat mill-W.R. Arċipriet Dun Frans, min-Nutar Ġerald Spiteri Maempel li hu s-Segretarju Kunsill Ekonomiku u s-Sinjura M'Louise Sammut, Segretarja Kunsill Pastorali.

L-Awtoritajiet tal-Kurja, Relazzjoni Kummissjoni Art Sagra, qablu li dan il-kwadru titulari ta' Santa Marija tal-Ħlas jimmeritah li jiġi ppreservat tajjeb. Hekk inkiteb fir-rapport tagħhom, datat 20 ta' Diċembru 1997 u ffirmat minn Fr. Alfred Muscat, Assistent Segretarju.

Tlett ijiem wara ħareġ dan id-digriet li jgħid; "Nilqgħu t-talba tar-Reverendu Arċipriet rikorrent fit-termini tar-relazzjoni tal-Kummissjoni Arti Sagra ta' l-20 ta' Diċembru, 1997.

Mogħtija mill-Kurja Arċiverskovili ta' Malta, Floriana, illum 23 ta' Diċembru 1997." Dan id-digriet iffirmat minn Fr. Alfred Muscat, Kanċillier u minn Monsinjur Annetto Depasquale Vigarju Ġenerali.

## Għand ir-Restawratur

Meta l-Arċipriet Dun Frans kellu f'idejh id-digriet, jiġifieri l-permess mogħti lilu biex ix-xogħol f'dan il-kwadru jista' jsir, ħa malajr azzjoni. Ir-restawr tal-kwadru ġie fdat f'idejn il-bravu s-Sur Alfred Briffa. Ix-xogħol fuq dan il-kwadru sar bl-aktar mod professjonali. Illum dan il-kwadru devot u għażiż ta' Santa Marija tal-Ħlas, biex ngħidu hekk, reġa' ġie ġdid.

Meta kien lest, is-Sur George Mangion, mar għalih fl-*istudio* tar-restawratur Briffa fil-Mosta. Dan mar



flimkien mas-Sur Karmenu Muscat. Il-vann tas-Sur Muscat li fih ġabu l-Kwadru kien Isuzu bin-numru EAF 673.

## Il-Wasla tal-Kwadru f'Ħal Qormi

Meta l-kwadru ta' Santa Marija tal-Ħlas wasal Ħal Qormi ġie mqiegħed fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ. Il-kwadru tqiegħed fuq l-altar tal-Madonna tal-Grazzja. Dan tqiegħed hemm biex il-poplu Qormi u dawk li ġew iżuru l-Knisja ta' San Ġorġ setgħu jaraw aħjar u aktar mill-qrib ix-xogħol kemm sar b'reqqa mill-artist. L-ispiża għar-restawr ta' dan il-kwadru telgħet għal Lm500 (liri Maltin). Dawn tħallsu minn benefatturi tal-Madonna tal-Ħlas.

## Pellegrinaġġ bil-Kwadru

Nhar il-Ħadd 1 ta' Marzu 1998 kien ukoll l-ewwel Ħadd tar-Randan. Bħalma kien imħabbar mill-W.R. Arċipriet ta' Ħal Qormi San Ġorġ, Dun Frans Abdilla S.Th.L., sar pellegrinaġġ.

Dan kien billi mill-Knisja Arċipretali, inġarr il-kwadru titulari ta' Santa Marija tal-Ħlas lejn is-Santwarju tagħha. Fl-4.00pm infetaħ il-bieb prinċipali tal-Knisja biex minnu seta' joħroġ dan il-kwadru.

Il-kwadru ġie armat fuq il-bradella li tintuża għar-Redentur fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Fuq wara tal-kwadru ġie mgħotti b'biċċa drapp blu skura.

Kif il-kwadru feġġ fil-bieb prinċipali tal-Knisja ta' San Ġorġ ġie milqugħ minn għadd ta' Qriema, devoti lejn il-Madonna. Il-ġemgħa preżenti mxew wara l-

# TA' BALAL
# PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 809351**



# EURO Caterers

*For all kinds of Confectionery*
Also Caters for Parties
Hotel & Restaurant Desserts etc....

Ta' Skutu

*Testaferrata Street, Żurrieq*
*Tel/Fax: 642647*





# Lorraine Muscat

Beauty Make-Up

*Specialised for all occasions*

**Tel: 611263, 689785**

***Avon* Representative**



*Is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Ħlas*

kwadru. Matul it-triq, l-Arċipriet irreċta r-Rużarju Mqaddes.

Il-kwadru tal-Madonna, merfugħ fuq bradella, għadda minn Triq Kardinal Sciberras, baqa' għaddej minn quddiem l-iskola Primarja li tinsab fi Pjazza Frederick Maempel, u bqajna sejrin lejn is-Santwarju. Hekk kif wasalna u ntemm il-pellegrinġġ, sibna għadd sabiħ ta' devoti jistennew ix-xbieha tal-Madonna terġa' tidħol fis-Santwarju tagħha.

Malli l-kwadru tneħħewlu l-irbit li kien imwaħħal bih, daħħalnieh u poġġejnieh fuq l-altar. Fil-5.00pm, il-W.R. Arċipriet Dun Frans Abdilla, qaddes il-quddiesa. Miegħu kkonċelebra l-W.R. Kanonku Dun Ġwakkin Schembri B.A.,Lic.D.,L.S.S. L-Arċipriet Dun Frans għamel omelija sabiħa ħafna dwar il-Madonna. F'din il-quddiesa ġew ukoll ippreżentati t-trabi lill-Madonna. Il-quddiesa ntemmet fis-sitta.

Jien, li għall-grazzja t'Alla devot ħafna tal-Madonna, inħossni ferħan u xxurtjat li kelli l-grazzja li nerfa' f'dan il-kwadru ta' Santa Marija tal-Ħlas.


# James Green

## Funeral Service

*Irrikorru*

"Green House',

St. Catherine Street,

Qrendi

Tel: 647791

Mobile: 0949 4880, 0949 7959



# LELI FALZON

*Żebbuġ - Malta*

**Minibus Service Day & Night**

**Tel: 464203**

**Mobile: 099 9313**

# Mallia Petrol Station

*Pjazza San Nikola, Siġġiewi Tel: 467764*

Għal kull bżonn fil-karrozza tiegħek, asal wasla s'għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.

*Kif ukoll:*

Silencers għall-karrozzi kollha
Crash Helmets kbar u żgħar
Kull kwalità ta' żjut
Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
Għodod
Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
Aċċessorji u 'spare parts' ta' kull kwalità
Għandek issib ukoll muturi u karrozzi għall-bejgħ

**Self Service**

Mit-Tnejn sas-Sibt sa l-10.00p.m. — Ħdud u Festi sa 12.00p.m.



# Parti mill-familja



Illum is-servizzi li joffrilek il-BOV jaghtuk dik il-flessibilità finanzjarja li teħtieġ biex issolvi dawk il-problemi li kultant jinqalghu. Ghalhekk tistà sserraħ moħħok u tqatta' aktar ħin biex tgawdi l-mumenti sbieħ li toffrilek il-familja.

**Bank of Valletta**
*L-Aqwa Bank f'Malta*

# *Sena ta' Impenn Kbir fis-Soċjetà*

Jirrapporta d-Direttur tal-Każin Victor Galea



Għat-tieni sena konsekuttiva qiegħed naqsam magħkom dawn il-ftit ħsibijiet. Nibda biex insellem lil dawk kollha li matul din is-sena ġew joqogħdu fir-raħal tagħna, b'mod speċjali lil dawk li għoġobhom jidħlu membri ġodda fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

Bla dubju ta' xejn din is-sena tibqa' mfakkra għal akkwist ta' proprjetà li s-Soċjetà rnexxielha tagħmel. Akkwist li jmur tajjeb għaż-żminijiet tal-lum fejn l-ispazju f'każin hu ferm limitat. Immedjatament hekk kif sar il-kuntratt, il-kumitat ried jara kif anke f'din il-fażi jagħmel użu tajjeb minn dan is-sit. Fil-fatt fis-6 t'April 1999 ġiet trasferita fil-proprjetà l-ġdida l-banka tal-lottu mill-Każin. Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità biex f'isem sħabi nawgura risq kemm lis-sinjur u s-sinjura S. Zammit li preżentament qegħdin imexxu l-banka tal-lottu kif ukoll lill-klijenti tagħhom. Aktar tard infetaħ bieb wara l-bar li jinfed mal-proprjetà l-ġdida, fejn qiegħed jintuża bħala maħżen temporanju għall-*barman*. Hemm ukoll il-ħsieb li s-sala li hemm fuq din il-proprjetà tintuża bħala maħżen għal-liedna l-ġdida u għad-drapp.



*Il-kumpless li tippossiedi s-Soċjetà Santa Marija. Fir-ritratt jidhru ż-żewġt imħażen u s-sala kbira fuqhom li tlestiet riċentement.*

Issa li għandna spazju ġewwa l-proprjetà l-ġdida, inħeġġeġ ukoll lil dawk id-dilettanti ta' l-armar biex ikomplu jsebbħu l-armar tal-pjazza, filwaqt li nirringrazzja lis-Sinjuri Andrew Zammit, Mario Camilleri u Paul Gauci għax-xogħol li għamlu fuq il-pilandri.



*Parti mill- proprjetà li s-Soċjetà akkwistat din is-sena. Jidher ukoll is-sit il-ġdid tal-banka tal-lottu.*

Bħas-snin l-imgħoddija kellna diversi xogħol strutturali u ta' dekorazzjoni ġewwa l-każin, fost l-oħrajn ir-restawr fil-bitħa u fuq in-niċċa, u dawl fuq il-faċċata tas-sit il-ġdid. Xogħol li mingħajr l-għajnuna finanzjarja kif ukoll manwali ma kienx ikun possibbli li jsir. Sar ukoll xogħol ta' tindif ta' materjal fis-sala fuq l-imħażen bl-għajnuna tas-Sinjuri Bevel Ghigo, Carlo

# FraMeaker

*Prop: Christian Caruana*

**FOR ALL TYPES OF FRAMES**

27, St. Catherine Street,
Mqabba Tel: 683308

# KATIE'S BEST BUY

*90, St Basil Street, Mqabba*
*(wara l-Knisja)*

**IL-FESTA T-TAJBA**
**lill-klijenti kollha minn**
**RICK u KATIE**

# PET CARE

*Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba, sustanzi eċċ.*
*Għall-pets mediċini għall-annimali kollha.*
*Ġwies u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,*
*ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,*
*qasab, snanar u swivels u*
*kaxxa tal-plastic tas-sajd, eċċ.*
*Lanza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful, eċċ.*

**Qrendi Road, Żurrieq Tel: 649727**

Sciberras u Ivan Briffa biex jittella' u jintrama l-planċier il-ġdid. Tnaddfet ukoll il-proprjetà l-ġdida bl-għajnuna tas-Sur Innocent Camilleri li ġarr il-materjal.

Ringrazzjament ieħor imur għas-sur Frans Sciberras li ħa ħsieb iż-żebgħa tal-bibien ta' l-imħażen.

Biex inkomplu nattrezzaw ruħna għaż-żminijiet tal-lum inxtara computer u unit għalih minn qligħ li sar permezz ta' lotterija kbira li saret fil-Milied, waqt li l-qligħ mil-lotterija l-oħra li saret fl-Għid mar b'risq il-proprjetà. Minn hawnhekk nerġa' nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-pubbliku in ġenerali tal-koperazzjoni u fiduċja li wera f'dawn il-lotteriji matul is-sena. Bħas-soltu nħeġġeġ lill-partitarji kollha biex fil-ġranet tal-festa jtellgħu bnadar u tubi ħomor. Dan kollu jixhed impenn sħiħ u rieda soda kemm min-naħa tiegħi kif ukoll minn sħabi tal-kumitat.

Nixtieq minn qalbi l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha, kif ukoll lil dawk l-irħula u bliet li bħalna jiċċelebraw din l-akbar festa fil-gżejjer tagħna.





*Is-Sur Simon Saliba (lemin) u s-Sur Anthony Ellul (fuq) waqt ir-restawr tan-niċċa u l-bitħa tal-Każin.*



*Is-Sur Frans Sciberras jidher jiżbogħ il-bibien ta' l-imħażen.*


# V. SPITERI & SONS ENT. LTD

Fully Air-Conditioned Coaches & Mini Buses for Hire

*Importers of* VOLVO COMMERCIALS

# GRAVIC HALL

for Weddings, Engagements, Party Receptions, etc.

Apply at 'Gratiae Plena', Wilġa Street, Luqa.

Tel: 820749 Mobile: 097 0405 Fax: 673251

LONG

ESTABLISHED

MANUFACTURERS

OF PRECAST &

PRESTRESSED

CONCRETE

PRODUCTS






Although a relatively young company, Southern Construction has already gathered vast experience as it has been entrusted with works at the Power Station, St. Venera By-Pass, Ta' Qali National Park, home for the Elderly in Żejtun, several housing estates and works for the Malta Development Corporation.

The aim of Southern Construction Co. Ltd. is to give its clients the best service at reasonable prices. The company is already in the process of future expansion as it is the company's goal to be a well-known and reliable Construction Company in Malta.

SOUTHERN CONSTRUCTION Co. Ltd

**Crafts Vilage, Ta' Qali RBT 13**
**Tel: 415243 - 415293 Fax: 434988**

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

Tirrapporta l-Kummissjoni Banda

*Għal darb'oħra messna nagħmlu dan l-intervent annwali tagħna biex fuq fuq nirrapportaw ħidmet il-banda Re Ġorġ V matul din is-sena. Bla dubju ta' xejn ma nistgħux ma nsemmux is-sehem li tat il-banda s-sena l-oħra waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li saru għall-okkażjoni ta' l-erba' mitt sena parroċċa, b'mod speċjali l-programm strumentali li esegwiet nhar l-10 ta' Awissu 1998. Okkażjoni oħra memorabbli kienet laqgħa kordjali mas-Surmast u d-diriġenti tal-Banda Jugend Blasorchester ta' Leipzig li kellna ġewwa lukanda fejn flimkien qsamna l-esperjenzi tagħna, kemm dawk kulturali kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-mużika. Però ħidmet il-Banda Re Ġorġ V mhux il-festa biss.*

Fil-fatt appena għaddiet il-festa, wara ftit jiem ta' mistrieħ, il-kummissjoni banda flimkien mas-Surmast fassalna programm sħiħ. F'Settembru reġgħet infetħet l-iskola tal-mużika ġewwa l-Każin, fejn għal darb'oħra kellna numru sabiħ ta' allievi. Hawnhekk ma nistgħux ma nirringrazzjawx lis-Surmast Direttur Mro. David Agius għas-sagrifiċċju kbir sabiex imexxi l-iskola akkademika tal-mużika fi ħdan is-Soċjetà.



*Is-Sur Joseph Zammit (xellug) rebbieħ ta' l-unur il-"Bandist tas-sena 1998" waqt il-premjazzjoni. Jidher ukoll il-President is-Sur Carmel Zahra (nofs) u s-Sur Rokku Camilleri tal-kumpanija Di Rocco Ltd., sponsor uffiċjali ta' l-unur.*

Bħal kull sena, bħala rikonoxximent żgħir, f'Ottubru saret l-ikla ad unur il-Bandisti tal-post u l-*helpers* tal-banda. Hekk kif għadda dan l-avveniment saret il-laqgħa annwali għall-bandisti. F'Novembru għażilna sett ta' marċi ġodda li ser jiżżanżnu għall-festa kif ukoll il-mużika għall-programm strumentali. Tajna wkoll bidu għall-kunċerti regolari li jsiru kull ġimgħa għall-bandisti tal-post.

Nhar il-Ħadd 20 ta' Diċembru 1998, il-Banda Re Ġorġ V ħadet sehem attiv f'xandira televiżiva diretta waqt il-programm Milied Ħieni 1998, fejn għamlet marċ tul triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. F'Jannar issoktajna bil-kunċerti, din id-darba tal-marċi brijużi. Fil-fatt proprju s-Sibt 30 ta' Jannar 1999 sar ir-*recording* tal-marċi l-ġodda għand Boffa Studios. Għal dawn il-marċi, il-Kummissjoni ħasbet biex toħloq *cassette jacket* aktar professjonali. Hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lis-Sur Alfred Galea li ħoloq format ġdid b'informazzjoni relatata ma' l-unur miksub mill-Unjoni Ewropea *Les Étoiles d'Or Du Jumelage 1998,* u informazzjoni fuq is-Soċjetà in ġenerali.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt Programm Strumentali li sar ġewwa l-Każin nhar is-Sibt 6 ta' Marzu 1999.*

Sabiex jitfakkar dan l-unur internazzjonali, il-Banda Re Ġorġ V tellgħet "Programm Sinfoniku" ġewwa s-sala prinċipali tal-każin nhar is-Sibt 6 ta' Marzu 1999. Waqt dan l-istess programm ġew inawgurati l-logo uffiċjali ta' l-unur *Les Étoiles d'Or du Jumelage 1998* u l-cassette tal-Marċi Ġodda 1999. Għall-ewwel darba minn banda lokali ġie esegwit l-Innu ta' l-Imqabba, kompożizzjoni ta' l-ex Surmast tal-Banda Re Ġorġ V Mro. Anthony Camilleri. Apparti li ġie mfakkar dan l-avveniment storiku, il-bandisti tal-post kellhom opportunità li juru t-talenti mużikali tagħhom. Kien programm li ntlaqa' tajjeb minn dawk preżenti u l-kumplimenti li rċevejna verament imlewna b'kuraġġ kbir. Saħansitra l-bandisti stess urew ix-xewqa li dan il-programm jibqa' jsir kull sena.

Matul ix-xahar ta' Lulju, il-Banda mbagħad

JB STORES

JB STORES L-Iklin Road, Lija
Tel: 437312/3, 435537, 425491 Fax:435475

JB CARPETS Ponsomby Street, Mosta
Tel: 437506 Fax: 437507



għamlet is-soliti servizzi barra r-raħal. Minbarra s-servizz ġewwa r-Rabat Malta għall-festa ta' San Pawl Missierna, u dak taż-Żurrieq għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu, din is-sena żidna ieħor ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Din id-darba għall-festa ta' San Ġużepp. Bħas-snin l-imgħoddija kellna numru konsiderevoli ta' stediniet sabiex il-Banda tiegħu sehem f'diversi festi kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Però għal darba oħra jiddispjaċina li minħabba ħafna raġunijiet ma stajniex naċċettaw dawn l-istediniet. Min naħa l-oħra ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil dawk kollha li qegħdin juru interess fil-banda tagħna billi juru xewqa sabiex tiegħu sehem waqt il-festi ta' l-ibliet jew irħula tagħhom. Waqt dan l-istess xahar bdejna kunċerti ġenerali għall-bandisti barranin sabiex inkomplu nippreparaw il-mużika li ser tindaqq matul il-programm strumentali tal-banda tagħna fil-festa. U kif semmejna għal dan il-programm ma nistgħux ma nirringrazzjawx lill-ammiraturi ta' din il-banda li għal darb'oħra għoġobhom jirregalaw mużika ġdida.



*Is-Surmast David Agius jidher jidderieġi l-banda waqt ir-recording tal-marċi l-ġodda 30.01.99.*

Minn dan il-messaġġ qasir wieħed malajr jikkonkludi kemm hija impenjattiva l-ħidma ġewwa l-banda tagħna. Dan kollu ma setax isir li ma kienx għas-sagrifiċċji, xi kultant anke kbar, li jsiru mill-ikbar sa l-iżgħar wieħed minna. Però mbagħad meta tqis li wara hemm dak is-sodisfazzjon li qiegħed tagħti sehmek fis-suċċess tal-banda, dak is-sagrifiċċju kollu malajr tinsieh. Appell ċkejken imur għalikom ġenituri sabiex tħeġġu lil uliedkom u jiġu jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-każin tagħna. Kif taraw, il-Banda kull ma jmur dejjem qiegħda timxi 'l quddiem. Din il-mixja għandha bżonn l-għajnuna tagħkom. Uliedkom huma l-futur tal-banda tagħna.

## PROGRAMM SINFONIKU LI SAR NHAR IS-6 TA' MARZU 1999

| | | |
|---|---|---|
| Marċ | **SIRINETTA** | F. Francia |
| Traditional | **GREEN SLEEVES** | Arr. A. Reed |
| Highlights from | **JESUS CHRIST SUPERSTAR** | A.L. Weber |
| Innu ta' l-Imqabba | **LIL RAĦAL TWELIDI** | A. Camilleri |
| Selection | **IN A PERSIAN MARKET** | A.W. Ketelbey |
| Fantasia | **THE BEST OF MALTESE FOLKLORE** | L. Farrugia |
| Innu | **BANDA RE ĠORĠ V** | A. Camilleri |

Nagħlqu billi nistednukom sabiex tattendu għas-servizzi tal-banda matul il-festa speċjalment għall-programm strumentali ta' l-10 ta' Awissu. Kif tistgħu taraw iżjed 'il quddiem ippreparajna mużika li għandha tolqot il-gosti ta' kulħadd. Apparti li tiddevertu tkunu tistgħu tapprezzaw ħidmet il-banda tant għażiża għas-Soċjetà tagħna. Narawkom u nawgurawlkom il-Festa t-tajba.


# IL-MITĦNA

Tel: 640925

Pet and Garden Centre




Il-ħanut Kantuniera fi Triq Matteolo Saliba, Żurrieq

ħdejn il-Mitħna tax-Xarolla.



*Life is full of special moments...*



*Secure your tomorrow by investing in a Life Policy and start planning your future now.*



The Comprehensive Life Policy offers you:

*financial protection and savings*

Middle Sea Valletta

*...Grow With Us*

Middle Sea House, Floriana. Telephone: 226412/7. Telefax: 226429. Website: http://www.msvlife.com

# Messaġġ mill-Kumitat tan-Nisa

Kif itir iż-żmien! Reġgħet waslet l-iżjed festa għażiża għalina l-Imqabbin u għal kattoliċi tad-dinja kollha. Santa Marija, li f'kull rokna tad-dinja tiġi ċċelebrata b'pompa kbira.



*Mary Zahra, President tal-Kumitat Nisa, flimkien ma' xi wħud mill-membri l-oħra waqt diskors wara l-kxif tal-pittura – 10.08.98*

Bħala sottokumitat tan-nisa nixtiequ l-ewwelnett nirringrazzjaw lis-soċi u partitarji nisa tas-Soċjetà ta' l-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem insibu minn għandhom. Matul is-sena, bħas-snin ta' qabel organizzajna ħafna attivitajiet li bil-koperazzjoni tagħkom kollha kienu suċċess u ħallewlna qligħ konsiderevoli.

Bl-għajnuna tagħkom kull sena qegħdin nagħmlu opri kbar fil-każin li ser jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Bħalma s-sena l-oħra żanżanna pittura fis-sala tal-Każin, din is-sena wkoll bħala opra ser ngħaddu somma kbira u sabiħa lill-kumitat eżekuttiv bħala parti mis-somma li biha nxtrat proprjetà din is-sena.

Opra oħra li s-sottokumitat tagħna ser iżanżan fil-każin din is-sena, huma sett purtieri fuq stil antik, disinn taż-żagħżugħa Simone Sciberras, għall-kamra tal-kumitat. Dan is-sett purtieri ġie meħjut mill-istess nisa tas-sottokumitat.

Għal din is-sena li ġejja bi ħsiebna norganizzaw xi attivitajiet fl-istess każin, b'differenza minn tas-soltu. Għalhekk inħeġġukom biex f'kull attività tieħdu sehem bi ħġarkom u tħeġġu 'l ħaddieħor biex jieħu sehem.

Bħal ma jaf kulħadd din is-sena hija l-aħħar sena tal-millennju. Għalhekk nagħmlu ħilitna biex il-festa tkun waħda mill-kbar nett, billi nieħdu sehem fl-attivitajiet kollha, sew ta' ġewwa l-knisja biex nagħtu ġieħ lill-Assunta kif ukoll li jsiru barra l-knisja, filwaqt li nżommu dejjem id-dekor tagħna bħal ma dejjem għamilna.



*Il-pittura maestuża li ġiet imżanżna s-sena l-oħra fl-okkażjoni ta' l-400 sena parroċċa.*

Qabel nagħlqu dawn il-kelmtejn nixtiequ ngħidu minn qalbna grazzi lill-membri tas-sottokumitat li matul is-sena kollha ħadmu bla tarf biex ibiegħu l-biljetti tal-lotteriji u tal-*coffee mornings*.

Nerġgħu bħal dejjem nappellaw ukoll biex f'dawn il-granet għeżież għalina nersqu lejn il-qrar u t-tqarbin biex b'hekk nagħtu iżjed ġieħ lil Ġesù u lil ommu Marija.

***Viva Santa Marija patruna tar-raħal tagħna.***

La Gatta

**Women & Men's Wear**
**Teenage Look**

***Specialised in Exclusive gowns made to measure from abroad***

Blue Grotto Avenue, Żurrieq ZRQ11
Tel: 611417 Fax: 611418

Zaren Dalli Street, B'Bugia
Tel: 657639

Macpherson
PAINTS

**RL 7, Ricasoli Industrial Estate,**
**Ricasoli, L/O Kalkara - CSP 11, Malta.**

**Telephone: (+356) 824101, 806815.**
**Facsimile: (+356) 802791**

# Ma' Santa Marija Lejn il-Millennju

Insellmulek f'dil-lejla Madonna
ma' dan noti, tal-banda ħelwin,
imħalltin ma' l-imħabba ħerqana
li hawn tħeġġeġ fi qlub l-Imqabbin.

F'din il-pjazza inġeddu t-tifkira
f'għaqda sħiħa miġbura flimkien
biex il-festa ta' Santa Marija
tkompli tikber, kif ġara maż-żmien.

Huma bosta li jaħdmu fl-Imqabba
biex festitek kull sena tisbieħ,
l-ogħla fosthom imfawwra bl-imħabba
hawn din l-għaqda li wisq tagħtik ġieħ.

Biex inkabbru l-palazz li ġà għandna
ħalli s-swali li jsebbħu l-każin
jiġu akbar u iżjed imżejna
b'din id-dar, jiġu sew imdawlin.

B'din il-kisba tad-dar illi xtrajna
il-kumitat, żgur ħaqqu tifħir,
kemm is-soċi u dawk ta' warajna
bikom kburi kull wieħed isir.

President, Kumitati u soċi
id f'id, dejjem aħdmu lkoll flimkien
agħtu xhieda li intom kapaċi
b'ħila kbira, tmexxu dan l-imkien.

L-unur *Les Étoiles D'Or Du Jumelage*
mill-Komunità Ewropea
ingħata lilna b'rikonoxximent
rawh, li jixirqilna, verament

Mir-rapport li konna ressaqna
tal-famuż ġemellaġġ li kien sar,
bejn dil-Banda u l-oħra Taljana
żgur stħoqqilna unuri hekk kbar.

Dan l-unur, ta' ġieħ kbir liema bħalu
qatt ma ngħata lill-Baned Maltin,
konna aħna li ksibna dal-premju
l-ewwel banda, din ta' l-Imqabbin.

Kompli ndokra liż-żgħażagħ Madonna
sew xebbiet kif ukoll ġuvintur
għinhom jikbru fil-għożża qalbna
f'dik l-imħabba ta' l-aqwa valur.

Idħol fejjaq il-morda fi djarna
kun għalihom ta' faraġ f'kull ħin,
ħalli fik, jaraw Omm wisq ħanina
dejjem lesta li tgħin il-bnedmin.

Mimli benna dak ismek Madonna
isem ħlejju fost l-oħla ħlewwiet,
inlissnuh u dlonk qalbna tithenna
għax dal-ferħ, żgur li ġej mis-smewwiet.

Int il-faraġ fin-niket tal-ħajja
anke l-għodwa li ddawwal is-sebħ,
dejjem ħlistna mill-għaks u tbatija
f'kull tbatija, wassaltna sar-rebħ.

L-aħħar festa ta' dan il-millennju
f'ġieħ lil Ommna Santa Marija
hawn fl-Imqabba hu żmien li wisq ħlejju
jixraq kull unur u foħrija.

Il-Millennju li qiegħed fuq l-għatba
wassalulna, Madonna bil-ġid,
ta' kull Malti u Mqabbi it-talba
miegħek jitlob biex jimxi id f'id.

Tina l-grazzja, li nibdew millennju
mgħannqa Miegħek u m'Ibnek Divin,
li għalina miet fuq il-kalvarju
sabiex jifdi lil lkoll midinbin.

L-Imqabbin, rabta waħda ma' qalbek
lilek ngħożżu Madonna f'kull ħin,
int l-Omm illi tridna lkoll qribek
għax tixtieq li tarana ħenjin.

Ta' l-Imqabba setgħana Padruna
insellmulek b'vuċi qawwija,
illi ħierġa sinċiera minn qalbna
l-għajta, Viva Santa Marija.

Qormi
22.06.99

Carmel Bianchi

# TAR-ROBBA LIMITED

## CONCRETE BATCHING PLANT




Tar-Robba L/O Kirkop ZRQ 10, MALTA
Tel:(+356) 683558, 685332
Fax: (+356) 642834

# Għar-raba' sena konsekuttiva

# *NARDU FARRUGIA CUP TOURNAMENT*

**Għar-raba' sena s-Sezzjoni Żgħażagh Santa Marija organizzat b'suċċess kbir in-Nardu Farrugia Cup Tournament.**

Għall-ewwel darba t-tournament sar barra l-Imqabba. Fil-fatt din is-sena sar ġewwa Ħaż-Żebbuġ (fuq it-*turf*).

Ix-xemx tiżreġ li jaf joffri x-xahar ta' Ġunju ma qatgħetx qalb is-sitt timijiet li nġabru minn filgħodu kmieni għal din l-okkażjoni. Il-premjazzjoni tat-tazza Leonard Farrugia flimkien mal-midalji jitqassmu nhar l-10 t'Awissu 1999.



*Azzjoni waqt logħba li saret ġewwa s-synthetic turf ground f'Ħaż-Żebbuġ.*



***Uħud mill-players li ħadu sehem waqt in-Nardu Farrugia Cup Tournament 1999.***



*Dehra in ġenerali tat-tazza u l-medalji li jitqassmu lill-players.*



*Is-Sur Joseph Farrugia jidher jippreżenta n-Nardu Farrugia Cup lill-Captain tat-tim rebbieħ Alex Falzon.*



***Ir-rebbieħa ta' l-ewwel tournament li sar ġewwa l-ground ta' l-Imqabba F.C.***

# Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 680760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

# F & R SCHEMBRI

**SWEETS & CIGARETTES**
**CIGARS & TOBACCO**

"Frarene", St Edward Street, Qormi.
Tel: 441453 / 449938

# Starbrite

Dry Cleaning

Triq Tas-Sejba, Mqabba
Tel/Fax: 683367

# PROGRAMM

## TAL-FUNZJONIJIET FIL-KNISJA FIL-FESTA SOLENNI TA' SANTA MARIJA

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA**
**6.30pm** Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**L-Erbgħa, 4 ta' Awissu**
**6.30pm** Quddiesa għall-membri ta' l-Għaqda tan-nar, mill-W. Rev. Kappillan Dun Joe Bartolo.

**Il-Ħamis, 5 ta' Awissu**
**6.30pm** Quddiesa tal-Kwindiċina bis-sehem taż-żgħażagħ, mill-W. Rev. Dun Joe Mizzi.

**It-Tnejn, 9 ta' Awissu: ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**
**6.30pm** Quddiesa Kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka.
**7.30pm** Isir il-Ħruġ solenni ta' l-istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu *Ave Maris Stella* u l-Antifona.

**It-Tlieta, 10 ta' Awissu: JUM IT-TIFKIRA TAS-SOĊI U BENEFATTURI**
**6.30pm** Quddiesa Kantata mill-W. Rev. Dun Joe Bartolo, kappillan tal-parroċċa, b'sufraġju għall-Erwieħ tas-Soċi u Benefatturi mejtin. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

**L-Erbgħa, 11 ta' Awissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**
**6.30pm** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Dun Karm Attard, bl-omelija fuq: "Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".
**7.15pm** Talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Reġina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 12 ta' Awissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**
**7.00am** Quddiesa Kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Mons. Karm Zammit bl-omelija fuq: "Marija, Sultana tas-Sema u ta' l-Art".
**7.15pm** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
**7.00am** Quddiesa Kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni, mill-W. Rev. Mons. Ġużeppi Pace bl-omelija fuq: "Marija, Saħħa tal-Morda". B'mod speċjali huma mistiedna l-morda u l-anzjani tal-parroċċa għax waqt l-istess quddiesa jiġi amministrat lilhom is-Sagrament tal-Morda.
**7.30pm** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 14 ta' Awissu: LEJLET IL-FESTA**
**8.15am** Quddiesa solenni mill-W.R. Kappillan tal-Parroċċa, Dun Joe Bartolo. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".
**6.30pm** Transulazzjoni solenni tar-Relikwija, immexxija mill-W.R. Mons. George Deguara. Wara, quddiesa kantata mill-W.R.P. Joseph Ghigo S.J., Salve, Litanija u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħadd, 15 ta' Awissu: JUM IL-FESTA**
**6.00am, 7.00am, 8.00am** Quddies lett.
**9.15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-Paniġierku, mill-W.R. Mons. George Deguara.
**11.00am** (Knisja u S. Bażilju), 12.00pm u 5.00pm Quddies lett.
**6.00pm** Għasar solenni mill-W.R. Mons. George Deguara, Salve u Litanija.
**7.15pm** Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-Parroċċa mmexxija mill-istess Monsinjur.
**10.15pm** Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħadd, 22 ta' Awissu: L-OTTAVA TAL-FESTA**
**6.00pm** Quddiesa, repożizzjoni tar-relikwija, Te Deum u Barka.

**N.B. Is-Sibt, lejlet il-festa, filgħodu u filgħaxija jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu għall-qrar u t-tqarbin fil-jiem tal-festa.**

**Il-mużika tat-tridu, lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast W.R. Patri Salv Galea O.P.**

# PROGRAMM FESTI ESTERNI F

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA**

8.00pm Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-festa ta' din is-sena tibda permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V flimkien ma' l-aqwa talent Malti.

**MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA**

8.00pm Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

**It-Tnejn, 9 ta' Awissu: JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

7.30pm Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet. Wara, il-Banda mmexxija mis-Surmast David Agius A.Mus.(Hons.) V.C.M. tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi.

**It-Tlieta, 10 ta' Awissu: JUM IL-BANDA**

8.15pm Il-Banda tagħmel marċ qasir minn fejn il-bini muniċipali tal-Kunsill għall-pjazza tal-Knisja, San Bażilju u l-Pjazza ta' quddiem il-Każin.

8.45pm Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius A.Mus. V.C.M.(Hons.) L.C.M. tagħti bidu għall-Programm Strumentali u Annwali.

10.30pm Wara l-programm, isir riċeviment ġewwa l-Każin li għalih huma mistiedna s-Soċi, Benefatturi u Partitarji nisa u rġiel kollha.

**L-Erbgħa, 11 ta' Awissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

8.15pm Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista F.L.C.M. tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

**Il-Ħamis, 12 ta' Awissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

8.15pm Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin. Il-marċ se jkun organizzat u sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu: IT-TIELET U L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU**

8.30pm Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius A.Mus. VC.M.(Hons.) L.C.M. tibda marċ tradizzjonali

# ĠIEĦ SANTA MARIJA ~ 1999

ta' l-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċi u partitarji.

**Is-Sibt, 14 ta' Awissu: LEJLET IL-FESTA**

8.00pm Programm Strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. Charles Wallace Suda. Wara, il-Banda tagħmel marċ minn ħdejn il-Każin għal madwar it-toroq tar-raħal.

8.30pm Il-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat immexxija minn Prof. Joseph Vella B.Mus. F.L.C.M. tibda marċ minn Triq il-Pal għall-Pjazza fejn tiltaqa' mal-Banda San Mikiel. Wara, iż-żewġ baned ikomplu marċ alternat sal-Każin tas-Soċjetà.

10.00pm Programm Strumentali mill-Banda Konti Ruġġieru taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha, Prof. Joseph Vella B. Mus. F.L.C.M.

**Il-Ħadd, 15 ta' Awissu: JUM IL-FESTA**

10.15am Il-Banda Re Ġorġ V immexxija minn Mro.David Agius A. Mus.V.C.M. tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal li mbagħad jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

6.00pm Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. Alfred Farrugia L.Mus. V.C.M. tibda marċ minn Triq il-Valletta sal-Pjazza.

7.15pm Il-Banda San Bartilmew tal-Għargħur, immexxija mis-Surmast tagħha Mro. Ray Zammit A.Mus. L.C.M. tilqa' l-istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo. Wara l-ħruġ tal-vara, l-istess Banda takkumpanja l-Purċissjoni bid-daqq ta' innijiet.

8.35pm Malli l-istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia L.Mus.L.C.M. tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin A.Mus.L.C.M., O.S.T.J., fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo S.J. Jieħdu sehem il-Baritonu Piju Dalli, it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor San Ġużepp tal-Kalkara immexxi minn J. Zammit A.T.C.L., A.L.C.M. Wara, l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali.

10.15pm Il-Banda San Bartilmew tagħlaq il-festa ta' din is-sena permezz tal-marċ tradizzjonali tan-nar li jibda minn Triq il-Parroċċa sa ħdejn il-Każin.

**Il-Ħadd, 22 ta' Awissu: L-OTTAVA TAL-FESTA**

7.30pm Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

# Il-Pensjoni tiegħek... Żidha!!!





## Uża s-Sistema 'Direct Crediting' tal-APS BANK LTD

## *u tirċievi 35 ċenteżmu Bonus kull darba,*

***jekk iċ-ċekk tal-Pensjoni jiġi depożitat direttament f'wieħed minn dawn il-kontijiet ta' l-APS Bank...***

**KONT SAVINGS** *li minnu tieħu interessi ta 3¼% p.a.*

**KONT SAVINGS BONANZA** *li jagħtik 3½% interessi p.a. li jitħallsu KULL XAHAR (mehtieg avviż ta tliet ijiem biex tirtira l-flus)*

**KONT KURRENTI** *(taċ-ċekk book)* *li minnu tieħu 3% interessi p.a. mill-ewwel lira.*

*Ikollok dritt għall:*

*PREMIER CARD* **B'XEJN** *li tintuża fuq l-ATM's tal-APS u l-Bank of Valletta.*

*FASTCASH CARD* **B'XEJN** *li tintuża fuq l-ATM's tal-Mid-Med Bank.*

*VISA PAYMENT CARD li biha tista' tuża l-faċilitajiet tal-Visa madwar id-dinja kollha. Il-Visa Card tingħata b'rata mnaqqsa u ma tħallasx taxxa.*



*Tkun infurmat immedjatament li rċevejt il-pensjoni.*

*Tista' anki tiġbed il-flus mill-fergħat tal-Mid-Med Bank.*

APS BANK LTD - *Issibna Kullimkien.*

*Ċempel: 243 243 għal iżjed tagħrif.*

# Tagħrif dwar
# IL-PROGRAMM STRUMENTALI
## li l-Banda Re Ġorġ V se tesegwixxi nhar l-10 t'Awissu 1999

**Symphonic Overture** **Kompożitur: Charles Carter**
Din l-overture li se tindaqq għall-ewwel darba f'Malta, hija kemmxejn fuq stil kontemporanju. Il-forma tagħha hija maqsuma fi tliet partijiet (A-B-A). Fil-ftuħ tagħha nisimgħu tema kemmxejn b'karattru robust u b'ritmu mgħaġġel u interessanti. It-tieni tema hija kemmxejn bil-mod u espressiva, u hija forma indipendenti bbażata fuq l-ewwel tema introdotta mill-Flute. Fl-aħħar nirritornaw għall-ewwel sezzjoni, u l-ewwel tema tiġi trattata bħala fuga bis- suġġett jinbena sakemm jintlaħaq il-qofol x'ħin l-erba' entraturi tal-fuga jinstemgħu. X'ħin l-espożizzjoni tikkonkludi t-tessatura kuntrapuntali, tagħti kwalità homofonika lill-kompożizzjoni. Il-Coda, bħalma hi l-karatteristika f'kompożizzjonijiet simili, jiġi utilizzat mill-ewwel tema.

**Overture William Tell** **Kompożitur: Gioacchino Antonio Rossini**
L-opra William Tell hija l-aħħar opra li kiteb Rossini u dan kien ikkomponiha għall-Opra ta' Pariġi fl-1829. Ma jistax jonqos f'kompożizzjonijiet ta' Rossini li din tkun ikkaratterizzata mil-leġġerezza u ritmi mgħaġġla. Għalhekk waqt l-eżekuzzjoni ta' din l-overture, wieħed jista' jinnota x-xogħol li hemm fuq l-istrumenti ta' l-injam, li dawn jiġu jikkorrispondu mal-vjolini ta' l-orkestra.

L-overture tibda b'Andante bl-introduzzjoni b'arpeġġ fil-Fa minore li normalment jindaqq minn klarinett baxx, iżda għal dan il-programm se jindaqq mill-klarinettista solista tal-banda is-Sur Domenic Scerri. Wara li tintemm l-ewwel parti ta' l-overture, it-temp isir aktar mgħaġġel u hawnhekk jintlaħaq *climax* kbir lejn nofs din il-parti. Wara li tonqos l-istrumentazzjoni ser nisimgħu duet ferm popolari bejn l-oboe u l-flute. Il-parti ta' l-oboe ser tindaqq minn Ian Borg u dik tal-flute minn Nathalie Fenech. Wara din il-parti nisimgħu Allegro Vivace bl-introduzzjoni tkun fanfara fuq l-istrumenti tar-ram fejn wara għandna l-melodija popolari tal-William Tell.

**Selection il-Wegħda** **Kompożitur: Mro. Charles Camilleri Arr: Mro. Ronnie Debattista**
Din is-selezzjoni hija mill-opra Il-Wegħda fejn fiha ser nisimgħu adattamenti differenti ta' l-għana Malti li qiegħda fuq stil tradizzjonali. Wara introduzzjoni kemmxejn mgħaġġla, din is-silta taqa' f'tempo Andante fejn hawnhekk ser nisimgħu Solo fuq l-Euphonium li se jindaqq mill-bandist tal-post is-Sur Alfred Galea. Wara terġa' ssir rikapitulazzjoni tal-melodija li nkunu smajna fl-introduzzjoni sakemm naslu għall-Intermezzo ferm popolari li dan l-aħħar ġie rrekordjat barra minn Malta fuq CD b'risq ir-Richmond Foundation mill-Bournmouth Symphony Orchestra. Din is-CD tinkludi fiha l-aqwa xogħolijiet ta' dan il-kompożitur Malti. F'dan l-intermezz, li huwa verament sensittiv, se nisimgħu Solo fuq il-klarinett li se jindaqq mis-Sur Domenic Scerri li wara jiġi akkumpanjat mill-flawtista Nathalie Fenech. Wara dan l-intermezzo, il-kompożizzjoni tieħu stil iktar allegruż u veloċi u nisimgħu melodiji verament tradizzjonali Maltin li żgur jinżlu għasel f'din il-lejla festiva.

**In a Persian Market** **Intermezzo Scene ta' Albert W. Ketelbev**
Din il-kompożizzjoni ddaħħlilna fl-immaġinazzjoni tagħna x-xena f'suq Persjan fejn nistgħu nimmaġinaw l-iġmla għaddejjin, tallaba jitolbu lil BACK-SHEESH b'melodija grazzjuża, il-kompożitur jissimbolizza l-prinċipessa dieħla fis-suq mal-qaddejja tagħha. Hawnhekk hija tieqaf biex tara lill-*jugglers* u s-*snake charmers*. Il-Kalif jasal u jtemm il-pjaċir fis-suq. Kulħadd jerġa' jitlaq għal triqtu fejn fil-bogħod nerġgħu nisimgħu t-temi prinċipali ta' din il-kompożizzjoni wara xulxin. F'din is-silta tintwera l-abbiltà tal-banda li tnaqqas l-istorbju tal-bidu biex tissimbolizza t-tluq tan-nies mis-suq sakemm jiġi deżert.

**Selection Mexican Festival** **Kompożitur: Quincy C. Hilliard**
L-intenzjoni tal-kompożitur f'din is-silta hija li jdewqilna l-ispirtu u l-vigorożità tat-tradizzjonijiet u kultura Messikana. Għalkemm ma jużax xi folk songs oriġinali, din il-kompożizzjoni għandha timbru Messikan u hija deskrizzjoni ċara tal-kultura Messikana li nindunaw biha minħabba l-orkestrazzjoni li fiha. Infatti din is-silta hija ikkaratterizzata minn bdil fit-tempijiet li hija karatteristika tal-mużika Messikana. Fuq melodiji tal-widna naraw kif il-kompożitur joħloq ċertu klima li tħossok qed tgħixha, u t-tempijiet bil-mod huma kemmxejn drammatiċi. Dawn jiġu bbilanċjati b'sezzjonijiet kemmxejn allegrużi, eċċitanti, kif ukoll drammatiċi.

**Selection Rock 'N Roll Explosion** **Arr. ta' Jerry Nowak**
Din hija silta oħra ġdida li ser tiżżanżan f'Malta mill-banda Re Ġorġ V. Din il-kompożizzjoni tagħlaq dan il-programm pjuttost versatili fuq ton verament ferrieħi b'siltiet minn diski ferm popolari, fosthom Rock Around the Clock, Blueberry Hill, Jailhouse Rock, Put your hand on my shoulder, Hello May Lou, Duke of Earl, Surfin'USA u Please Please Me.

# ĠIENJU GARAGE



Hiring of Classic Bridal Cars
and Mercedes for
Weddings and other occasions;
24 Hour Taxi Service – fully airconditioned;
Airport transfers and Tourist service;
Best service at Competitive Prices.

***Office:***

**'San Ġużepp', 62, Valletta Road,**
**Mqabba**

**Tel: 611011, 685731, 647496**
**Mobile: 0949 0353**

# ĠEMELLAĠĠ

## Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba - Malta.
## Corpo Bandistico Città Di Santa Vittoria in Matenano, Ascoli Piceno - Italja

(It-Tielet Parti)

minn Alfred Galea

### 'Les étoiles d'or du jumelage'...
### ...Unur Prestiġjuż għas-Soċjetà
### ...għall-Imqabba
### ...u għal Malta

Għal min mad-daqqa t'għajn jara t-titlu ta' dan l-artiklu u forsi għadu ma semax bl-unur li bih għadu kif ġie nkunurat il-Ġemellaġġ li jeżisti bejn is-Soċjetà tagħna u l-Banda Taljana *Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano*, bla dubju ta' xejn se titqanqal ġewwa fih xi ftit tal-kurżità. Bħala titlu nammetti li jista' jidher xi daqsxejn twil, però nħoss, u naħseb li kulħadd jaqbel miegħi, li jixraq verament meta nqisu li bil-ħidma tagħna matul dan il-ġemellaġġ irnexxielna nagħmlu unur mhux biss lis-Soċjetà u lill-għażiż raħal tagħna, iżda wkoll lill-Għejjer tagħna. Niftakru li ġewwa l-għejjer Maltin, il-ġemellaġġ tagħna huwa l-ewwel wieħed li rnexxielu jikseb dan l-unur u ġejna magħżula minn fost għadd kbir ta' Ġemellaġġi oħrajn mill-Ewropa kollha. Permezz ta' din il-kitba sejrin insiru nafu aktar dwar dan l-unur u x'wassal u x'kien jimmerita li s-Soċjetà tagħna tiġi onorata internazzjonalment għall-ħidma tagħha waqt dan il-ġemellaġġ.



*Il-logo uffiċjali ta' l-Unur fejn jidher iċ-ċertifikat u l-plakka kommemorattiva.*

Għal min hu midħla tal-lingwa Franċiża diġà nduna li t-titlu jfisser 'STILLA TAD-DEHEB GĦALL-ĠEMELLAĠĠI'. Ġemellaġġ huwa fenomenu mxerred mad-dinja kollha li twieled wara t-tieni gwerra dinjija, meta ħafna bliet madwar l-Ingilterra u l-Ewropa li kienu sofrew ħafna ħsarat bdew jingħaqdu flimkien biex jgħinu lilhom infushom u oħrajn jergħu jibnu u jsewwu l-ħsarat li kienu ġarrbu bil-gwerra. Aktar ma għadda ż-żmien dan il-fenomenu beda jikber u l-ġemellaġġi bdew jieħdu forma oħra fi bdil ta' ideat u kulturi differenti. Illum il-ġurnata, ġemellaġġ żviluppa wkoll f'bidliet fuq forma kummerċjali li jgħin anke ħafna postijiet u pajjiżi ekonomikament permezz ta' żieda fl-esportazzjoni u importazzjoni ta' prodotti varji li jiġu manifatturati. Il-Komunità Ewropeja bla dubju hija konxja li l-hidmiet u inizjattivi li jsiru waqt il-Ġemellaġġi qegħdin jgħinu mhux ftit għal aktar Ewropa magħquda, u jgħinu għal aktar għaqda bejn iċ-Ċittadini Ewropej. Għal dan il-għan il-Komunità Ewropea għandha Dipartiment apposta ġewwa Brussels, il-Belġju, li jieħu ħsieb jippromwovi ġemellaġġi li jsiru bejn postijiet kemm minn pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea kif ukoll pajjiżi interessati li jidħlu fl-Unjoni, bħal Malta, u għadd ta' pajjiżi oħrajn mill-Ewropa tal-Lvant, hekk imsejħa Ex-Komunisti. Biex tkun aktar f'pożizzjoni aħjar li tgħin u tippromwovi Ġemellaġġi, il-Komunità Ewropea tistieden lil dawk il-postijiet involuti sabiex wara kull azzjoni ta' ġemellaġġ jibagħtu rapporti dettaljati ta' dak kollu li jkun sar. B'hekk il-Komunità Ewropea jkollha *feedback* u ħafna ideat varji jkunu jistgħu joħorġu. Naturalment madwar l-Ewropa jsiru eluf ta' azzjonijiet simili. Il-Komunità Ewropea



*Id-delegazzjoni Mqabbija flimkien mas-Sindku ta' Santa Vittoria qabel iċ-ċerimonja uffiċjali ġewwa Ferrara.*

# *Where does character come from?*




## *An exceptionally high malt content.*

**TEACHER'S**

*A measure of character*

Premium Brands from: ALBERT FS MANDUCA LTD. 229/230, St. Paul Str., Valletta. Tel: 233909, 231787



**Fermo** *e* **P.S. Giorgio**

*Martedì* **29** *settembre 1998* — **Il Resto del Carlino**

**CERIMONIA A FERRARA**

***Gemellaggio con Malta, l'Europa premia S.Vittoria con la stella d'oro***

*SANTA VITTORIA — Il Consiglio dei Comuni e delle Regioni d'Europa, che fa capo alla Commissione europea di Bruxelles, ha comunicato che consegnerà al comune di Santa Vittoria in Matenano la «Stella d'oro», come riconoscimento per il gemellaggio effettuato nel 1996 e 1997 con la Repubblica di Malta. Lo ha reso noto direttamente il segretario italiano Gianfranco Martini, che ha annunciato (via fax) la lieta notizia al sindaco Francesco Mancini. Ogni anno la Commissione europea premia dieci iniziative di gemellaggio che risultano maggiormente meritevoli per contenuti, partecipazione, créatività e impatto sulla comunità locale. La selezione avviene sulla base dei dossier esaminati a Bruxelles. Le cifre testimoniano la portata del riconoscimento: ben 2.200 i dossier esaminati, riguardanti qualcosa come 4.000 Comuni: di questi, il Consiglio dei comuni e delle regioni d'Europa ha individuato, come detto, solo dieci iniziative. «La cerimonia di consegna dei riconoscimenti ufficiali — ha informato Gianfranco Martini — avverrà venerdì 13 novembre a Ferrara, nel quadro del congresso europeo dei gemellaggi che l'Associazione, col sostegno della Commissione europea e la piena disponibilità della città di Ferrara, ha organizzato». Il sindaco Francesco Mancini a breve riceverà la documentazione ufficiale da Bruxelles con il programma dettagliato della consegna delle «Stelle d'oro».*

*Artiklu li deher f'ġurnal Taljan*

hija konxja li dan kollu qiegħed jgħin mhux ftit fil-ħidma li qiegħda ssir għal aktar għaqda bejn pajjiżi u ċittadini Ewropej. Għalhek minn ħames snin 'l hawn kien ġie deċiż li bħala rikonoxximent, il-Komunità Ewropea tonora Għaxar Ġemellaġġi kull sena fost dawk l-eluf li jkunu saru. Il-Kummissjoni nnifisha tagħżel 23 ġemellaġġ minn dawk li jkunu ssottomettew ir-rapporti tagħhom; dan naturalment wara li l-Kummissjoni Ewropea tkun studjat kull rapport li jaslilha. Imbagħad kummissjoni oħra mwaqqfa apposta, komposta minn Rappreżentanti Reġjonali u Rappreżentanti ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ibliet Ġemellati, jiltaqgħu biex minn dawk it-23 jagħżlu l-10 finali li jiġu onorati. Dawn jiġu kklassifikati f'ordni ta' mertu ottenut naturalment skond ir-rapport li jkun sar, li eventwalment ikun jirrifletti l-livell ta' organizzazzjoni ottenut, il-ħidma li tkun saret b'risq l-Għaqda Ewropea, eċċ... Naturalment nistħajjel wieħed jgħid li fir-rapport wieħed jista' jniżżel dak kollu li jrid. Tajjeb wieħed ikun jaf li hemm sett ta' regolamenti. Wieħed minnhom hu li, apparti r-rapport finali ta' dak li jkun sar wara li jsir l-avveniment, irid ikun intbagħat programm proviżorju ta' kull avveniment sa TLIET XHUR qabel l-avveniment innifsu u l-Komunità tirriserva d-dritt li mingħajr avviż tibgħat rappreżentant/i ħalli jsegwi/u dak kollu li jkun qed isir waqt l-avveniment. Dan ifisser li mingħajr ma konna nafu aħna, stajna konna segwiti kemm meta l-Banda tagħna żaret l-Italja kif ukoll waqt li konna qegħdin nospitaw lill-Banda Taljana għall-festa ta' l-1997. Finalment dawk il-postijiet li jintgħażlu jiġu mogħtija plakka kommemorattiva flimkien ma' ċertifikat iffirmat mill-President ta' l-Unjoni Ewropea. Fil-każ tagħna l-unur ingħata waqt il-Kungress għall-ibliet ġemellati li sar ġewwa Ferrara, l-Italja f'Novembru ta' l-1998.

**X'wassal biex aħna ġejna mogħtija dan l-unur**

Kollox beda għall-ħabta ta' April 1996; xi tliet xhur qabel kellna nsiefru mal-Banda tagħna ġewwa l-Italja ħalli nagħtu bidu uffiċjalment għall-Ġemellaġġ mal-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano, f'Ascoli Piceno. Niftakar waqt li kont għaddej bil-preparamenti sabiex norganizza dan l-avveniment, is-Sindku ta' Santa Vittoria, is-Sur Francesco Mancini kien semmieli u qalli li tkun ħaġa sabiħa li kieku kellna nippromwovu aktar il-ħidma tagħna billi nirrapportaw dak kollu li konna qegħdin nagħmlu lill-Kummissjoni Ewropea. Jien din l-idea għoġbitni u infurmajt lis-Sindku ta' Santa Vittoria li ħtieġli nkellem lis-Sindku ta' l-Imqabba, peress li fuq ir-Rapporti kien meħtieġ li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali tar-Raħal tagħna permezz tal-firma tas-Sindku. Kif stennejt, sibt l-appoġġ kollu min-naħa tas-Sindku s-Sur Emanuel Buttigieg. Għalhekk, flimkien ma' l-organizzatur ewlieni Taljan, is-Sur Fabio Millevolte, għamilna rapport proviżorju li bgħatna wara li ż-żewġ Sindki rispettivi ta' l-irħula tagħna poġġew il-firma tagħhom. Eżatt kif għaddiet il-mawra tal-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Italja, Fabio u jien ħejjejna rapport aktar dettaljat ta' dak kollu li sar waqt il-mawra tagħna flimkien ma' lista ta' dawk kollha li ħadu sehem, cioè dawk kollha, bandisti u nies li ġew magħna l-Italja. B'kollox ir-rapport kien jikkonsisti f'aktar minn għaxar faċċati. Wara li għal darb'oħra r-rapporti ġew approvati bil-firma tas-Sindki rispettivi ta' l-irħula tagħna, intbagħtu Brussels, il-Belġju. L-istess ħaġa reġgħet saret sena wara, jiġifieri għaż-żjara li l-Banda Taljana għamlet ġewwa Malta għall-festa ta' Santa Marija 1997. F'Mejju bgħatna l-Programm proviżorju u eżatt wara l-festa bagħatna rapport ieħor dettaljat ta' dak kollu li sar waqt il-ġimgħa tal-festa ta' l-1997.



*Is-Sur Alfred Galea (xellug) flimkien mas-Sindku ta' l-Imqabba s-Sur Emmanuel Buttigieg.*

Sinċerament nistqarr li jien wara dan kollu ftit kont nistenna li kien se jkun hemm xi eżitu ieħor. Kont naf li madwar l-Ewropa jsiru eluf ta' ġemellaġġi u ftit kien jgħaddili minn rasi li l-ġemellaġġ tagħna kien se jiġbed xi

# Kuljum
# Il-Ħin Kollu
# Servizzi tal-
# Mid-Med Bank

## ***Minn Hawn!***

**Għażel il-libertà u l-konvenjenza tal-Mid-Med Direct, 24 siegħa kuljum, il-ġimgħa kollha.**

**Sempliċi biex tuża u kunfidenzjali, il-Mid-Med Direct jagħtik l-opportunità li taqdi il-bżonnijiet bankarji permezz tal-kumdità tat-telefon tiegħek, f'Malta kif ukoll barra minn Malta.**

***Servizzi Bankarji aktar faċli mal-***

**MID-MED DIRECT**

*Membru Grupp* HSBC



ħaġa aktar mill-ġemellaġġi oħrajn. Però nista' ngħid li mort żmerċ. Kien nhar id-29 ta' Settembru 1998 li rċevejt fax mingħand il-ħabib tiegħi Fabio li fiha qalli li kienu għadhom kif irċevew aħbar sabiħa mingħand is-Sezzjoni Taljana tal-Kunsill għall-Ibliet Ġemellati Ewropej f'Ruma, li qalulhom li kienu ġew onorati bl-'Étoiles d'Or du Jumelage 1998'. Flimkien mal-fax, Fabio għoġbu jibgħatli kopja tal-fax bid-data 22 ta' Settembru li kienet għadha kif tathom l-aħbar. Naturalment huwa qalli li kienu għadhom qed jistennew il-komunikazzjoni uffiċjali mingħand il-Komunità Ewropea fi Brussels. Il-Komunikazzjoni Uffiċjali minn Brussels waslet kemm Santa Vittoria in Matenano kif ukoll għandna permezz ta' fax mingħand id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea nhar it-13 ta' Ottubru 1998. Biha aħna ġejna mistiedna uffiċjalment sabiex nattendu għaċ-ċerimonja tal-premjazzjoni li kellha ssir ġewwa Ferrara, l-Italja nhar it-13 ta' Novembru 1998, eżattament xahar wara. L-ittra, iffirmata minn Spyros A. Pappas, Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, għarrfitna li aħna konna ġejna magħżula minn fost 2200 ġemellaġġ li kienu jinvolvu 'l fuq minn 4500 belt jew raħal minn madwar l-Ewropa. Il-ġemellaġġ tagħna, skond l-Ordni tal-Mertu, spiċċa fir-raba' pożizzjoni. Ġew mistiedna tliet rappreżentanti minn kull naħa biex ikunu preżenti għall-premjazzjoni. Għalhekk il-Kumitat tas-Soċjetà tagħna għażel lill-President is-Sur Carmel Zahra, lis-Sindku ta' l-Imqabba s-Sur Emmanuel Buttigieg, bħala rikonoxximent ta' l-appoġġ tiegħu waqt dan il-Ġemellaġġ u lili, bħala persuna li ħdimt ħafna biex dan il-ġemellaġġ seta' jkollu dan ir-riżultat.



*Dehra tar-raħal pittoresk ta' Santa Vittoria in Matenano fix-xitwa. Żgur li dawk li ġew magħna ġewwa l-Italja jaraw id-differenza.*

## L-Esperjenza ġewwa Ferrara, l-Italja

Wara li ħadna ħsieb nikkonfermaw il-preżenza tagħna mal-Kummissjoni Ewropea, ma' l-Organizzaturi taċ-Ċerimonja Uffiċjali kif ukoll ma' ħbiebna ġewwa Santa Vittoria in Matenano, ħallejna Malta nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru b'titjira lejn Ruma. Fuq xewqa tas-Sindku ta' Santa Vittoria in Matenano, Francesco Mancini, minflok bqajna sejrin dirett Ferrara (belt viċin Padova u ftit 'il bogħod minn Bologna), minn Ruma morna fir-raħal ta' Santa Vittoria fejn qattajna l-lejl ta' bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa. Kien evidenti l-ferħ tal-ħbieb tagħna mill-Italja meta reġgħu rawna fosthom. Dakinhar filgħaxija qattajnieh flimkien mal-ħbieb tagħna. Dnub li ma kellniex ħin biżżejjed x'inqattgħu iżjed magħhom. L-iktar ħaġa li impressjonatni dakinhar kien il-fatt li n-nies ta' Santa Vittoria in Matenano ma jistgħux jinsew l-esperjenzi sbieħ li għaddejna flimkien matul dan il-ġemellaġġ. Dan il-fatt komplejt nikkonfermah meta ħaduna fil-post ġdid li għadhom kif għamlu għall-kunċerti tal-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria*. Il-ħitan huma litteralment miksija b'ritratti u tifkiriet tal-mawriet tal-Banda Re Ġorġ V fl-Italja u tal-Banda ta' Santa Vittoria ġewwa Malta.

L-għada l-Ġimgħa tlaqna filgħodu kmieni flimkien mad-delegazzjoni ta' Santa Vittoria in Matenano, komposta mis-Sindku Francesco Mancini u l-Viċi Sindku Roberto Tanucci, lejn Ferrara. Hemmhekk wasalna tard wara nofsinhar. Kif dħalna ġewwa t-*Teatro Comunale* ta' Ferrara, fejn kellha tinżamm iċ-Ċerimonja Uffiċjali ta' l-għoti ta' l-unuri, sibna jistennewna rappreżentanti mill-Komunità Ewropea li ppreżentawlna pakkett kull wieħed indirizzat personali, mimli informazzjoni utli. Flimkien mal-pakkett kien hemm mehmuża *Identity Card* li kienet waħda speċjali. Kellha stampata stilla lewn id-deheb li kienet tindika li aħna konna niffurmaw parti minn delegazzjoni li kienet qiegħda tirrappreżenta Ġemellaġġ onorat. Kif dħalna fis-sala prinċipali tat-Teatru sibna post riservat għalina fuq quddiem. Iċ-Ċerimonja ma damitx ma bdiet. Saru diskorsi minn Spyros A. Pappas u Anne Blanche, mid-Direttorat Ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, Roberto Soffriti, Sindku ta' Ferrara u Antoni Siurana i Zaragoza, Sindku ta' Lleida, belt fil-Ġermanja tal-Lvant ġemellata mal-belt ta' Ferrara. Wara saret il-preżentazzjoni ta' l-unuri. Fuq insistenza tal-President tas-Soċjetà, tela' jirċievi l-unur is-Sindku tar-raħal



*Is-Sur Alfred Galea ko-ordinatur tal-Ġemellaġġ flimkien mas-Sindku Francesco Mancini wara ċ-ċerimonja uffiċjali.*

die ECKE

**Mons. M. Azzopardi Street, Siggiewi**
**Tel: 463403**

Seven










Enjoy shopping at ***die Ecke***

*You can find a large selection of:*

BOOKS, MAGAZINES, CARDS, STATIONERY,
EDUCATIONAL TOYS, SOFT TOYS, PLAY STATION GAMES
HI-FI, WATCHES, HOUSEHOLD AND GIFTS.

mita®

Your **PHOTOCOPYING** and **BOOK BINDING** services are also offered at **die Ecke**

*Also in stock* GARDEN FURNITURE, BAR-B-QUE SETS,
PICNIC COOLERS, UMBRELLAS and CHARCOAL.




***DISCOUNT*** ALL THE YEAR ROUND

***We offer these Services***

***Photocopying, Book Binding, Passport Photos, Film Developing & Quick snap Photos***



*Everything you need for your home under one roof*

# *SUPER S IRONMONGERY*

Dun Matteolo Saliba Street,
Żurrieq. Tel: 689256

**Opening Hours:** **Monday to Friday** **6.30a.m. - 7.00p.m.**
**Saturday** **6.30a.m. - 2.00p.m.**

Electrical & Water Fittings, Cement, Lime & Fuq il-Fil

A large selection of Power Tools & Hand Tools

Indoor & Outdoor Lightings Skirting, Metal & Wooden Curtain Poles

A large variety of household appliances and kitchen utensils

Fans, Dehumidifiers, Coolers, Heaters & Fan Heaters

Ruzuni, Garden furniture, Picnic Tables, Umbrellas, Resin Tables & Chairs

**FOR HIRE**
**JIGGERS, SCAFFOLDINGS**

tagħna s-Sur Emmanuel Buttigieg bħala l-ogħla Awtorità tar-raħal tagħna. It-tifkira ta' l-unur tikkonsisti fi plakka kommemorattiva flimkien ma' Ċertifikat Awtentiku ffirmat minn Jacques Santere, dakinhar President ta' l-Unjoni Ewropea. Għal mument żgħir hekk kif ġie ppreżentat l-unur, is-Sindku ta' l-Imqabba kellu ċans jagħmel kelmtejn żgħar li fihom irringrazzja lill-Komunità Ewropea għal dan l-unur prestiġġjuż li tatna. Wara ċ-ċerimonja konna mistiedna flimkien ma' l-oħrajn għal ċena uffiċjali li nżammet ġewwa Castello Estense, kastell storiku li jinsab ġewwa ċ-ċentru ta' Ferrara. Matul din iċ-ċena kellna ċans niltaqgħu ma' għadd ta' rappreżentanti oħra minn diversi pajjiżi. Biss biss fuq il-mejda fejn kont preżenti jien kien hemm rappreżentanza minn erba' pajjiżi differenti: l-Italja, Spanja, Bulgarija u Malta. Il-lejl tal-Ġimgħa qattajnieh ġewwa lukanda fil-periferija ta' Padova, ġentilment offruta lilna għas-spejjeż ta' l-Unjoni Ewropea.

L-għada filgħodu tlaqna minn Padova lura lejn Santa Vittoria in Matenano. Wara li waqafna għal żjara qasira ġewwa Padova u Bologna, bqajna sejrin dritt lejn Santa Vittoria in Matenano fejn naturalment sibna jistennewna għadd ta' nies ħerqana biex jaraw f'hiex kien jikkonsisti l-unur 'Étoiles d'Or du Jumelage'. Wara li qattajna l-aħħar sigħat tal-jum ġewwa Santa Vittoria in Matenano, mas-sbieħ ta' jum il-Ħadd 15 ta' Novembru, bdejna l-vjaġġ lejn Ruma minn fejn qbadna t-titjira lura lejn Malta. Mal-wasla tagħna lura Malta kellna jilqgħuna membri mill-Kumitat tas-Soċjetà flimkien ma' xi partitarji li huma wkoll kienu ħerqana sabiex jaraw it-tifkira li ngħatat ma' l-unur. Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Novembru mbagħad is-Soċji u Partitarji preżenti kellhom iċ-ċans li jaraw il-premju.



*Il sindaco Mancini ed il Presidente della Giunta provinciale Colonnello insieme alle autorità Maltesi*

## Un agosto indimenticabile

A distanza di alcuni mesi dalla ratifica del gemellaggio tra il Corpo Bandistico di Santa Vittoria e quello di Mqabba (paese maltese di 2300 persone), si parla ancora con vivacità della iniziativa che ha reso possibile avvicinare due realtà così distanti.

Nel mese di agosto dello scorso anno, infatti, alcuni rappresentanti della locale Amministrazione sono stati ospiti della piccola cittadina maltese in occasione di una ricorrenza particolare: i 50 anni del complesso bandistico di Re Giorgio V, uno dei più conosciuti dell'intera isola.

La compagine farfense, diretta dal Maestro Francesco Mancini nella duplice veste di Direttore e primo cittadino, ha subito conquistato l'attenzione e l'ammirazione della comunità locale nonché delle alte autorità governative maltesi presenti alla prima esibizione internazionale del Corpo Bandistico di Santa Vittoria. Per l'Amministrazione Comunale si è trattato di un evento senza precedenti, il quale acquista ancor più valore se messo in relazione all'atavica chiusura del governo maltese.

Ovviamente, il gemellaggio costituisce il punto di partenza per una più stretta collaborazione sotto il profilo turistico-culturale ma anche la strumento preferenziale per esportare e far conoscere in altre nazioni gli usi e costumi della comunità farfense.

*Artiklu iebor li deher f'gazzetta Taljana*

### Issa wara li ġejna onorati

Illum il-ġurnata t-tifkira ta' dan l-unur prestiġġjuż tinsab miżmuma b'għożża kbira ġewwa l-Każin tas-Soċjetà tagħna. Bħala rikonoxximent saret kopja taċ-ċertifikat u *frame* bid-dehra tal-plakka kommemorattiva li rċevejna, li ġew regalati lill-Kunsill Lokali waqt bibita fl-Okkażjoni tas-Sena l-Ġdida ġewwa l-Kunsill. Is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba, ta' l-appoġġ qawwi tiegħu li fl-opinjoni tiegħi kien ferm importanti biex Komunità Internazzjonali hekk importanti rrikonoxxiet inizjattiva tas-Soċjetà tagħna. Din hi okkażjoni Storika, u nħoss li ma nkunx qiegħed nesaġera meta ngħid li hi Okkażjoni UNIKA għar-Raħal tagħna. Għalhekk ħassejna li jkun xieraq li fil-Kunsill Lokali tar-raħal tagħna nħallu tifkira li tibqa' għal dejjem. Aktar tard, f'Marzu li għadda, ġewwa l-każin saret Serata Mużiko-Letterarja bis-sehem tal-Banda Re Ġorġ V sabiex jitfakkar dan l-avveniment Storiku. Dakinhar ġie ppreżentat *Logo* Uffiċjali għall-Okkażjoni (li qiegħed jidher fil-faċċata ta' dan il-ktejjeb) li anke ġie ppreżentat lis-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali.

Fuq it-tifkira ta' l-Unur hemm imniżżel l-isem ta' l-Imqabba. Dan hu kollu mertu tax-xogħol li sar mis-Soċjetà tagħna li ħadmet tassew biex tgħolli isem l-Imqabba mhux biss ġewwa pajjiżna iżda saħansitra madwar l-Ewropa. Fl-artiklu li kont ktibt fil-Programm tal-festa ta' l-1997 fuq l-ewwel parti tal-ġemellaġġ kont bdejt billi għidt li minn dejjem is-Soċjetà tagħna fittxet li tagħmel inizjattiva Internazzjonali li biha tgħolli Isimha flimkien ma' isem Raħalna u fuq kollox Pajjiżna. Illum iż-żmien tana raġun. Is-Soċjetà tagħna rnexxielha tassew taqdi dmirha u tkun Ambaxxatriċi denja għal Pajjiżna. Jiena nħossni verament kburi u kuntent li tajt il-ħajja lil din l-inizjattiva u aktar tard kont involut mill-bidu sat-tmiem fiha. Forsi din il-biċċa xogħol ħaditli ħafna mill-ħin liberu tiegħi. Però żgur li dak il-ħin ma kien moħli xejn. Is-sodisfazzjon li rnexxieli nagħmel xi ħaġa hekk sabiħa għas-Soċjetà, u fuq kollox għal Raħal Twelidi u Pajjiżi huwa verament kbir. Nifhem li kull Imqabbi ieħor bħali għandu jinsa kull fehma jew partit u jħossu kburi li ġej minn raħal li fiċ-ċokon tiegħu rnexxielu jagħmel unur hekk kbir lil Malta, li min-naħa l-oħra fiċ-ċokon tagħha uriet li kapaċi tieħu inizjattivi u tagħti kontribut qawwi daqs pajjiżi oħrajn ferm ikbar minnha. Kif diġà għidt

The Malta Independent 30.11.98

# EU award for Mqabba band

A DELEGATION led by the president of the St Mary's Band Club of Mqabba, Carmel Zahra, together with Mqabba's mayor Emmanuel Buttigieg and Alfred Galea, co-ordinator, has just returned from Italy after receiving the honour "L'Etoile d'Or" from the European Community.

[illegible]

The award ceremony took place on Friday, 13 November, in Ferrara, Italy.



Part of the Mqabba delegation led by Carmel Zahra (left) and Mqabba mayor Emmanuel Buttigieg (right)

Confraternity

# Induraturi

**Għal materjal ta' l-Induratura rrikorru għand:**

## E. Theuma & Company Ltd.,

**Theuma House, 302, St. Paul Street,**
**Valletta VLT 07 – Malta**
**Tel: 234075, 236605 Fax: 244201**

# Alessio's Old Cottage

Triq il-Parroċċa, Mqabba
Tel: 683292

*Ħinijiet tal-Ftuħ:*

Mit-Tnejn sas-Sibt: 6.30am - 12.00pm; 5.00pm - 8.00pm
Ħdud u Festi: 6.30am - 12.00pm

*Issibu dak kollu li teħtieġu:*

**Kartolini, affarijiet ta' l-iskola, rigali, żraben u ħwejjeġ għal kull età, kif ukoll videos, CDs, cassettes, films, affarijiet ta' Hi-Fi u ġugarelli.**

***Għal tiġijiet, engagements, parties, eċċ., qegħdin nipprovdu servizz ta' disco:***

**STARLIGHT DISCO**

# MARTIN MONTREAL IRONMONGERY

**Triq il-Bronja Żurrieq Tel: 682435**

***Issibu għall-Bejgħ: Żebgħa ta' kull kwalità, u ħafna oġġetti utili għall-bini***

**Kiri ta':**

Fekruna tat-trinek
Concrete mixers
Crane jiggers
Siggijiet għall-parties

## LES ÉTOILES D'OR DU JUMELAGE

**VILLES LAUREATES 1998**

I. Clonmel (IRL), Reading (UK), Eysines (F), Trofaiach (A), Gangi (I), Costa Mascagna (I).
II. Kalisz (PL), Heerhugowaard (NL), Hamm (D), Erfurt (D), Preston (UK), Hautmont (F), Tongeren (B), Southampton (UK), Adria (I).
III. Lanskroun (CZ), Castiglione de Teverina (I).
**IV. Mqabba (M), Santa Vittoria in Matenano (I).**
V. Obervellach (A), Hemer (D), Seltz (F), Dilbeck-Schepdaal (B), Freising (D), Kreuzau (D), Muggia (I), Mülheim and der Ruhr (D), Skofja Loka (SLO).
VI. Oekelbo (S), Antau (A), Bievre (B), Bucine (I), Samuel (P), Cisse (F), Desborough (UK), Esch (NL), Hepstedt (D), Holmegaard (DK), Kamus (SF), Trois Vierges (L), Cashel (IRL), Kolindros (GR), Ocana (E).
VII. Riihimäki (SF), Kariskoga (S), Aalborg (DK), Szolnok (H).
VIII. Trois-Ponts (B), Xylokastro (GR).
IX. Velenje (SLO), Esslingen (D), Schiedam (NL), Piotrkow Trybunalski (PL), Vienne (F).
X. Wunsiedel (D), Mende (F).

*L-għaxar ġemellaġġi distinti minn 2,200 ġemellaġġ li sar madwar l-Ewropa bejn l-1996 u l-1997, li ġew onorati b' "Les Étoiles D'Or". Fir-raba' post jidher il-Ġemellaġġ tagħna.*

f'okkażjonijiet oħrajn meta ktibt rigward dan il-ġemellaġġ, nispera li din l-inizjattiva ma tieqafx, anzi tkompli tikber. Dan il-ġemellaġġ fil-fehma tiegħi għandu jkompli u tkun ħaġa xierqa li ma jibqax bħala Ġemellaġġ bejn il-Baned iżda jsir Ġemellaġġ Uffiċjali bejn l-irħula ta' l-Imqabba u Santa Vittoria in Matenano. Nappella lill-għaqdiet KOLLHA tar-raħal tagħna biex ma jħallux okkażjoni bħal din taħrabilhom. Għandhom ċans kbir li jieħdu sehem f'ħafna inizjattivi ta' bdil ta' kultura, ideat eċċ... U mhux għall-għaqdiet biss. Kif għidt fil-bidu, Ġemellaġġ jista' jgħin anke fuq forma ta' skambji kummerċjali. Ħafna kumpaniji u nies fin-negozju għandhom iċ-ċans ikabbru l-attività kummerċjali tagħhom permezz ta' dan il-ġemellaġġ. Hemm ħafna entitajiet f'Santa Vittoria in Matenano u fil-viċin (kemm Industrijali, Kummerċjali jew Turistiċi) li jixtiequ jiftħu rapporti kummerċjali ma' Malta. Min hu interessat jista' jirrikorri għand is-Soċjetà tagħna, il-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba jew inkella jfittex lili personali. Nagħlaq billi nistieden lil kulħadd sabiex waqt il-ġranet tal-festa jasal wasla sal-Każin u jara t-tifkira ta' l-unur li għandu jibqa' mniżżel b'ittri kbar tad-deheb kemm fl-istorja glorjuża tas-Soċjetà tagħna kif ukoll tar-Raħal għażiż tagħna l-Imqabba.

## Ngħożżuk Stilla Dehbija

Kemm hawn f'Malta u f'Għawdex,
każini mxerrdin,
kien tagħna li rebaħ,
Re Ġorġ Ħamsa l-każin.

Unur ġibna f'Malta
u lill-Imqabbin,
kemm għandna għax inkunu
ferħana w kburin.

Fl-istorja tar-raħal
ser tibqa' msemmija,
l-unur illi rebħet
Soċjetà Santa Marija

U b'ittri jaħarqu
minquxa fl-istorja
ta' dal-każin tagħna,
il-kbira vittorja.

O raħal Imqabbi
u ħuti Mqabbin
prosit, jien ngħidolkom,
sħabi tal-Każin.

Ngħożżuha ser nibqgħu
l-istilla dehbija,
bħal ma ngħożżu lilek,
O Santa Marija.

**Patrick Mallia**
26.02.99


# Ġrajjiet is-Soċjetà
## issa miġbura fi ktieb ġdid.

Ktieb utli għall-istudenti ta' l-Istorja.
Rigal uniku għal qrabatna Emigranti.
Jista' jinxtara mill-Każin tas-Soċjetà
Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
għall-prezz ta' Lm4.



MED LENS
OPTICAL CLINIC

**Sliema Road, Gżira GŻR 04 Tel: 315730**
**55, New Street, Luqa LQA 02 Tel: 673238**

Large range of the very latest designer brands spectacle frames and sunglasses, full range of contact lenses including sterilising of all types of contact lenses. Tinting and anti-reflective coatings. Special hard coating of plastic lenses to avoid scratching.
24 hour service on most prescription lenses including photochromatic lenses.

*stockist of :*

SERENGETI
Sunglasses by CORNING OPTICS

EYEWEAR COLLECTIONS

APACHE®

Slazenger

FAT BOY
EYE WEAR

TIFFANY

MARIELLA BURANI

P.O.BOX

GIVENCHY
PARIS







**Manufacturers, Exporters and Importers of Classic Furniture**
Factory 204A, Ind. Est., Luqa LQA05 - Malta Tel: 222094 Fax: 244485

# FESTA KBIRA TAL-KAŻIN

## fl-1960

minn Carmen Lia B.Ed.(Hons.), B.A.

**Fil-ħamsinijiet - diverġenzi bejn is-Soċjetà King George V u l-awtoritajiet reliġjużi dwar ir-reffiegħa tal-vara titulari - il-festa esterna ta' Santa Marija ma ssirx għal diversi snin - żvilupp fil-ħamsinijiet għas-Soċjetà *King George V* - Festa Kbira fl-1960 - lejn soluzzjoni Paċifika fl-1960 - il-Mozzetta Ħamra fl-1976.**

### Lejn it-Tielet Millennju b'eżistenza paċifika taż-żewġ partiti fl-istess raħal

Fin-nofsinhar ta' Malta jeżistu diversi rħula fejn isiru żewġ festi prinċipali matul is-sena - waħda titulari u oħra sekondarja. Fost dawn l-irħula nsibu lil Ħal Għaxaq, Ħal Kirkop, iż-Żurrieq, il-Qrendi kif ukoll l-Imqabba. Fi rħula bħal dawn insibu li kienu, kif aktarx għadhom, jeżistu xi fazzjonijiet tal-festi. Bosta huma dawk in-nies li jappartjenu għal xi partit tal-festa u mhux ieħor. Ftit huma dawk li jbiddlu l-partit. Ħafna drabi l-abitanti tal-post jitwieldu mal-partit jew jiddakkru maż-żmien. Tfal ġeneralment isegwu l-passi tal-ġenituri tagħhom.

Il-pika bejn il-partiti tal-festa fl-istess raħal aktarx żviluppat tul is-sekli. Ħafna sekli ilu l-festi kif nafuhom illum ma kenux jeżistu. Il-festi li kienu jsiru kienu jieħdu l-forma ta' tqassim ta' ħobż, inbejjed u frott fost dawk in-nies kollha li kienu jattendu ċ-ċerimonji reliġjużi fil-Knisja, jew ġieli wkoll kien ikun hemm tqassim ta' ikel u flus lill-foqra tar-raħal. Il-festi kif nafuhom illum tfaċċaw madwar mija u ħamsin sena ilu.

Fl-Imqabba r-rivalità bejn iż-żewġ festi u ż-żewġ każini tal-baned żviluppat għall-aħħar tas-seklu dsatax u kompliet tikber u ħafna drabi taggrava wkoll, fil-bidu tas-Seklu Għoxrin. Il-partit titulari kien appoġġjat mill-ordni stabbilita. Kontra din l-ordni stabbilita, jew "it-teżi", żviluppat l-"antiteżi" jew partit ta' oppożizzjoni għall-ordni stabbilita. Ġara li l-partit li kien jeżisti sa l-1910 inqasam u ma reġax ingħaqad. Fis-sena 1910 jew forsi wkoll qabel, inqala' xi nkwiet bejn is-soċi tal-Każin *Santa Maria* u saret firda f'dan il-każin. Pawlu Caruana, il-President tal-każin *Santa Maria* rriżenja. Aktarx li dan it-tilwim kien beda bejn iż-żewġ gruppi tan-nar. Dawk li kellhom għal qalbhom il-festa tal-Madonna tal-Ġilju dehrilhom li aktar sar nar għall-festa ta' Santa Marija milli fil-festa l-oħra. Għalhekk fl-1911 infetaħ każin ieħor fl-Imqabba bl-isem *Pio X* li beda jieħu ħsieb il-festa esterna tal-Madonna tal-Ġilju. Mill-1911 'il quddiem, l-Imqabba dejjem kellha żewġ każini, kull wieħed minnhom bil-partit tiegħu, imsejħin il-festa tat-Titular *Tal-Ħamra* u l-festa Sekondarja *Tal-Kaħla*. Iż-żewġ partiti ħadu wkoll il-laqmijiet - *Tal-Ħamra* saru *Barrin* minħabba l-kantina sottostanti l-każin u *Tal-Kaħla* saru *Bċieċen* għaliex kellhom tromba tat-taraġ tiela' bħal barumbara.[1]

Fl-1935 il-Knisja għamlet pressjoni fuq il-festi sekondarji biex dawn jispiċċaw. Iżda l-partit tal-festa sekondarja fl-Imqabba kien b'saħħtu biżżejjed biex ma jitfarrakx peress li kien irnexxielu jibni u jinkorpora ħafna mill-karatteristiċi tiegħu qabel bdiet il-pressjoni tal-Knisja.

Id-dikotomija bejn iż-żewġ festi u partiti baqgħet dejjem tikber għaliex il-partiti kibru tnejn tnejn. Il-partit tat-titular baqa' dejjem iqis lilu nnifsu bħala l-partit stabbilit u pprova li dejjem ikun l-ewwel fil-preċedenza. Fin-negozjar dejjem kien jiddetta jew jimponi x'għandu jsir u ma jsirx, inkella jhedded li ma jeħux sehem fil-festa.

Il-partit tal-festa sekondarja qatt ma kkuntenta ruħu b'dan it-tip ta' neguzjar. Jirraġuna li għandu dritt jorganizza l-festa tiegħu kemm jiflaħ hu, mingħajr indħil jew restrizzjonijiet jew differenza bejn partit u ieħor.

### Il-Każin King George V jiddeċiedi li ma jeħux parti fil-Festa ta' Santa Marija ta' l-1957

Is-Soċjetà, bħal kull familja, tgħaddi sew mis-sabiħ u sew mill-ikrah tal-ħajja. F'nofs il-ħamsinijiet, is-Soċjetà *King George V* għaddiet minn baħar tassew qawwi minħabba li kienu jeżistu xi diverġenzi bejn il-Każin u l-Awtoritajiet Reliġjużi u għalhekk peress li matul is-snin ma nstabet l-ebda soluzzjoni, mill-1957 'il quddiem il-Każin ma kienx baqa' jieħu parti fil-festi esterni ta' Santa Marija.

Fl-1956 meta spiċċat il-purċissjoni ta' Santa Marija f'jum il-festa, inqala' l-inkwiet fil-Knisja minħabba li ntqal li l-Istatwa kienet intrefgħet b'mod goff u abbużiv. Però, ukoll, il-partitarji ta' Santa Marija kienu riedu jneħħu darba għal dejjem iż-żewġ reffiegħa tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni.




*Żjara lill-Każin tas-Soċjetà mill-Arċisqof fl-1957*

L-inkwiet li nħoloq mal-Kappillan ta' dak iż-żmien, l-Imqabbi Dun Gerald Mangion, ma kienx fuq livell personali. Jindika li għalkemm f'dak iż-żmien il-Kappillan tar-raħal kellu importanza kbira u kien meqjus bħala persuna li m'għandek qatt toħodha magħha, in-nies, jew aħjar il-partitarji tas-Soċjetà King George V flimkien kienu lesti joħduha kontra d-deċiżjonijiet tal-Kappillan. Ħafna drabi r-rivalità bejniethom kienet tisbokka f'nhar il-festa.

# St Peter's

## Ironmongery

*Prop. Joe Farrugia*

**Triq it-Troll Mqabba**
**Tel: 680143, 0949 9721 Fax: 685249**

- **Colour Chart Paint & Mixing Centre (fejn tiġi u tagħżel minn 5,000 tip ta' kulur li jitħalltu bla ħlas permezz tal-Computer**

- ***Nissuplixxu wkoll:***
  **Water Heaters u Stainless Steel Sinks**

- **Fittings ta' l-ilma u l-elettriku**

- **Asbestos pipes, għodda tad-dawl, pompi ta' l-ilma, aluminium ladders, etc...**

Fit-2 ta' Ġunju 1957, is-Segretarju tal-Każin tal-Banda kiteb lill-Kappillan Dun Gerald fejn infurmah li peress li bħala Segretarju kien responsabbli ta' l-imsemmi Każin, kien fid-dmir tiegħu li jgħarrfu b'dak li kien ikkmandat f'Seduta eċċezzjonali msejħa lil dawk kollha li kienu partitarji ta' Santa Marija. Dak in-nhar kien ġie deċiż taħt protesta kbira li l-Każin ma kienx beħsiebu jieħu parti fil-festa ta' Santa Marija għax kienu jħossu li huma offiżi bl-abbużi li kienu qegħdin jitħallew isiru ta' kull sena fil-festa sekondarja.[2]

Ma jissemmewx x'kienu l-abbużi. Iżda ħafna jsostnu li l-inkwiet kien minħabba r-reffiegħa ta' l-Istatwa ta' Santa Marija fil-purċissjoni ta' jum il-festa. Is-Soċjetà riedet li l-Istatwa ta' Santa Marija tkun merfugħa fil-purċissjoni minn individwi magħżulin mill-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija u lebsin bil-kunfratija u l-muzzetta.

### Ir-reffiegħa tal-vara

Parti integrali tal-festa ta' Santa Marija, anzi ta' kull festa, hija l-purċissjoni bil-vara. U parti importantissima tal-purċissjoni jkunu żgur ir-reffiegħa tal-vara. Waħda mit-tradizzjonijiet antiki fir-raħal ta' l-Imqabba kienet li l-Istatwa titulari tkun merfugħa minn rappreżentanti ta' tliet Fratellanzi: tnejn tal-Kunċizzjoni, tnejn tar-Rużarju u erba' tas-Sagrament. Ir-reffiegħa tal-Kunċizzjoni u tar-Rużarju kienu jkunu jerfgħu fuq il-wara ta' l-Istatwa u kienu jilbsu l-abjad filwaqt li tas-Sagrament kienu jkunu fuq quddiem lebsin l-aħmar. Ma' kull żewġ persuni kien ikun hemm forċina, b'kollox żewġ forċini quddiem u tnejn wara. Ir-reffiegħa kienu, kif għadhom, jidħlu sew mal-lasti u jaħkmuhom b'idejhom. Maż-żmien is-Soċjetà ta' Santa Marija kienet riedet li r-reffiegħa jkunu kollha partitarji ta' l-istess Soċjetà għaliex deħrilha li seta' jkun hemm xi abbużi waqt il-purċissjoni.

Peress li r-reffiegħa fil-festa titulari kienu jkunu miż-żewġ partiti tal-festa, kien isir xi taqbil ironiku u satiriku mill-partitarji tal-Madonna tal-Ġilju, fosthom versi bħal "Tagħna tagħna u tagħkom tagħna" u oħrajn.

## IL-PURĊISSJONI TA' SANTA MARIJA TA' L-1958 MA TOĦROĠX

F'jum il-festa ta' Santa Marija ta' l-1958, li ħabat il-Ġimgħa, il-purċissjoni bl-Istatwa tal-Madonna ma ħarġitx minħabba xi protesti u għagħa li nqalgħu fil-Knisja Parrokkjali. Il-Pulizija malajr battlet in-nies mill-Knisja u ġiet magħluqa. Il-baned kienu ordnati jżarmaw u l-festa spiċċat ħesrem għal xi s-7.00 ta' filgħaxija.

L-inkwiet jidher li beda meta l-Banda *Fra Anton De Paule* ta' Raħal Ġdid, waslet quddiem il-Każin *King George V* biex ittemm il-marċ tagħha. Dak il-ħin, ġemgħa ta' partitarji tal-festa ta' Santa Marija li soltu kienu jieħdu ħsieb il-festa, inġemgħu quddiem il-Każin u bdew iċapċpu u jgħajtu. Qam ftit ta' l-għagħa u l-bieb tal-Każin ġie magħluq. F'dak il-waqt kienet bdiet ħierġa l-purċissjoni. L-istandard Kaħlani tal-Fratellanza u warajh is-Salib kienu diġà ħarġu fuq iz-zuntier meta fil-Knisja qam ftit ta' l-għagħa wara xi protesti li saru mill-partitarji tal-festa. Kien hemm min għajjat: "l-istatwa ma toħroġx". Dak il-ħin xi nisa, sorijiet u anke rġiel bdew ħerġin jiġru mill-bibien tal-ġnub. Minħabba dan il-għagħa, il-purċissjoni ġiet imħassra dak il-ħin u l-Istandard li laħaq ħareġ fuq iz-zuntier ġie ordnat biex jerġa' lura lejn il-Knisja.[3]

Il-verżjoni li ngħatat fil-*Berqa* kienet tgħid hekk:-

"Jingħad li l-partitarji ta' Santa Marija la s-sena l-oħra u lanqas din is-sena ma ħadu ħsieb il-festa minħabba kwistjoni bejn il-Kappillan tar-raħal u l-Każin tal-Banda *King George V*, li soltu jieħu ħsieb jiġbor u jarma - kwistjoni li qamet is-sena l-oħra ftit qabel il-festa dwar liema fratellanza għandha terfa' l-istatwa tal-Madonna fil-purċissjoni".[4]

### L-Interdett

Minħabba l-inkwiet u l-ġlied li nqala' fil-Knisja fil-festa, ingħata l-interdett u għal tlett ijiem ma sarux funzjonijiet fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba. Patri Joseph M. Ghigo S.J., li kien ġie ordnat Patri ġewwa Brusselles fil-Belġju fil-15 ta' Awissu 1957, kellu jagħmel quddiesa ta' radd ta' ħajr fil-Knisja Parrokkjali nhar is-17 ta' Awissu 1958. Fis-16 ta' Awissu 1958, iżda, kien infurmat mill-Kappillan Dun Gerald Mangion li kien mar ikellmu personalment f'Raħal Ġdid, li l-quddiesa kellha titħassar. Wara li l-Isqof ta permess biex il-funzjonijiet reliġjużi jsiru fil-Kappella ta' San Bażilju, il-quddiesa ta' radd il-ħajr ta' Patri J.M. Ghigo imbagħad saret fl-istess Kappella.[5]

### Programm mill-Banda *King George V*

Jidher li għalkemm il-purċissjoni ma ħarġitx, fl-24 ta' Awissu 1958 sar programm mużikali fil-Pjazza tal-Knisja taħt it-tmexxija tas-Surmast George Martin:-

"Programm ta' Banda

Nhar il-Ħadd li ġej fil-5.30pm, il-Banda King George V ta' l-Imqabba tesegwixxi programm f'Misraħ il-Knisja, l-Imqabba, taħt it-tmexxija tas-Surmast George Martin".[6]

## FESTA KBIRA TAL-KAŻIN KING GEORGE V FL-1960

Fis-sena 1960 il-Każin tal-Banda *King George V* għalaq il-ħamsin sena mit-twaqqif tiegħu bħala każin soċjali u għalhekk il-Kumitat tal-Każin ħaseb biex jiċċelebra l-ħamsin anniversarju kif kien jixraq. It-tilwim bejn is-Soċjetà u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi kien għadu ma kienx irranġat, b'konsegwenza li l-festa esterna ta' Santa Marija ma kinitx baqgħet issir:-

*The Feast of the Assumption - known as Santa Marija - has always been a popular feast in the Maltese Islands. This popularity is closely linked with the great devotion the Islanders have always had towards the Blessed Virgin Mother.*

*There are eight parishes in Malta and one in Gozo, and the Gozo Cathedral dedicated to the Assumption, Attard, Dingli, Ghaxaq, Gudja, Mġarr, Mosta, Mqabba and Qrendi, and Żebbuġ in Gozo. The feast will be celebrated today in all the above-*


FREE PETROL
From LÖWENBRÄU
ĠEMMA
24 Tapp
u ibdilhom ma'
1 litru PETROL
jew
2 litri DIESEL
L-offerta hija valida ukoll fuq
• JOHN BULL • RED LEAF • JAZZ
Iġbor il-voucher mill-Birrerija Löwenbräu,
Lion Street, Qormi bejn it-8.30 a.m.u s-2.30 p.m.
• mingħand Petrol Stations partikolari
INFO TEL: 483001
DO NOT DRINK AND DRIVE
L-offerta valida sal- Ġimgħa 24 ta' Settembru 1999
LAGER
LÖWENBRÄU
LAGER

**TBERIK TA' STATWA ĠDIDA FL-IMQABBA**

Għada se titbierek l-istatwa ta' Santa Marija, li kienet tkissret fl-aħħar gwerra u issa ġiet imwaqqfa mill-ġdid fil-Pjazza tal-Knisja, l-Imqabba. Fil-5.30 p.m., wara l-funzjoni fil-Knisja, il-Kappillan ibierek l-istatwa u, wara li jitkanta l-Innu lill-Madonna mit-tfal, il-Banda "Maria Annunzjata" ta' Ħal Tarxien iddoqq programm fil-Pjazza tal-Knisja.

L-istatwa u l-pedistall tagħha ġew skolpiti mill-iskultur Marco Montebello u saru bli spejjes tal-benefattur Spiru Schembri mill-Imqabba.

*Tberik ta' l-istatwa l-ġdida ta' Santa Marija tal-Pjazza. Il-Berqa, Is-Sibt 20 ta' Awissu 1960, p.2*

*mentioned parishes with the exception of Dingli and Mġarr in Malta and Żebbuġ in Gozo which celebrate the feast next Sunday. At Mqabba, there will be only internal festivities.*[7]

Għalhekk il-Ħadd 18 ta' Settembru ta' l-1960, il-Każin *King George V* fakkar il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tiegħu b'festa sabiħa li f iha l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali, bierek lapida kommemorattiva fil-każin.[8]



*Il-firma ta' l-Arċisqof fil-Visitors' Book.*

Il-festi tal-Każin bdew filgħaxija l-Ġimgħa, 16 ta' Settembru b'*Song Contest* organizzat mill-*Imqabba Aurora* fis-sala tal-Każin. Ħadet sehem l-orkestra *Aurora* tal-każin, akkumpanjata fuq il-pjanu minn Mary Flores. Is-sala kienet imballata bin-nies u f'dik il-lejla kienu ħadu pjaċir tassew. Il-*judges* kienu Mro. George Martin A.(Mus.)L.C.M. u s-sinjorina Victoria Briffa. Kien preżenti wkoll il-Kappillan Dun Gelard Mangion li fl-aħħar qassam il-premjijiet. L-ewwel premju ħadu Ronny Camilleri bil-kanzunetta "Ue, Ue che femmina"; it-tieni premju ngħata lil Mary Mallia li kantat "Splende l'Arco Baleno" u t-tielet premju ngħata lil May Gauci li kantat "Falling in Love With You". Il-konkorrenti rebbieħa min-naħa tagħhom irregalaw it-tazzi li rebħu lill-Każin biex jinżammu bħala tifkira. Il-Kappillan ippreżenta wkoll rigali lill-*judges*. Is-Surmast Martin ingħata kartiera tas-sigaretti tal-fidda, waqt li s-sinjorina Victoria Briffa ngħatat sett magħmul minn ġiżirana u par imsielet kif ukoll *juke box* żgħira forma ta' pjanu. Fl-aħħar Victoria Briffa u l-kompetituri kantaw kanzunetti oħrajn.[9]





*Song Contest organizzat mill-'Imqabba Aurora' fis-sala tal-Każin il-Ġimgħa 16 ta' Settembru 1960. Ħajr: Elisa Buttigieg*



*Festa tal-Każin 1960: Ronny Camilleri jkanta l-kanzunetta "Ue, Ue che Femmina" li biha ħa l-ewwel premju fis-Song Contest li saret fil-Każin King George V.*

# MANUEL BEZZINA CO. LTD.

## IMPORTER, EXPORTER, & AGENT FOR:

## *LISETA*
## *CARA*
## *AVONDALE*
## *SLANEY*

## SEED POTATOES

Importer of Fresh Fruits, Table & Seed Potatoes and other Agricultural Products.



Żerriegħa tal-Patata, ta' qatgħa Safra Olandiża, bikrija u ta' l-aqwa kwalita'. Tgawdi fama tajba fis-suq Ewropew.

**LISETA**

Cara żerriegħa tal-Patata Irlandiża tal-qatgħa bajda. Resistenti għall-ġlata u għall mard ieħor. Tgawdi stima kbira fis-suq barrani.

**CARA**

TA' GHAJNA HAMRA





Żerriegħa tal-Patata Irlandiża, tal-qatgħa bajda, għammiela ħafna, tiflaħ għall-mard u ta' l-aqwa kwalita'.

**AVONDALE**

Patata taż-żriegħ Irlandiża tal-qatgħa bajda tixbaħ l-arran Banner u għammila ħafna

**SLANEY**



Iktbu dawn il-varjetajiet fl-uffiċji ta' l-Agrikultura, għand is-snasal jew ċemplu l-aġent f'Malta:- MANUEL BEZZINA CO. LTD. Office: 23 Liesse Hill, Valletta. Tel: 238558. Fax: 241194. Residence: "Springfield", Excelsior Street, Gharghur. Tel: 410204, 412587. Mobil: 099 7346



*Il-Kappillan Dun Gerald Mangion iqassam il-premjijiet fl-aħħar tas-serata. Hajr: Joseph Mizzi*



*Festa tal-Każin 1960:*
*Diskors mill-President Charles Sciberras.*
*Jidhru l-President (bil-wieqfa), Il-Kappillan Dun Gerald Mangion (l-ewwel fuq ix-xellug), l-E.T. Mons. Emanuel Galea (fin-nofs) u Dun Ġużepp Xuereb (ħdejn l-Isqof fuq il-lemin).*

## Il-Logħob tan-Nar

Is-Sibt, il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq għamlet programm mużikali ħdejn il-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Emanuel Bugeja A.(Mus.)L.C.M. Wara l-programm tal-Banda, inħaraq in-nar li nħadem mid-dilettanti tal-Każin immexxija minn Joseph Ghigo, George Agius u Angelo Briffa li wrew kapaċità kbira speċjalment fil-mekkaniżmu li ħadmu. Speċjalità tan-nar li għoġob lil kulħadd kien il-mekkaniżmu ta' arloġġ bil-minutieri jaħdmu u jdoqq it-tokki kull kwarta.

Fl-aħħar inħarqet riproduzzjoni tal-faċċata tal-Każin tas-Soċjetà, kompluta b'kollox, saħansitra bl-istatwa ta' Santa Marija fil-quċċata.

Imbagħad il-Ħadd 18 ta' Settembru tkompliet il-festa u filgħodu saret Quddiesa bi Tqarbina Ġenerali għas-soċi kollha tal-Każin. Il-quddiesa kien qaddisha l-Kanonku Dun Alwiġ Cilia.



*Festa tal-Każin 1960:*
*Arloġġ maħdum minn Joseph Ghigo li għaxxaq lil kulħadd. Fir-ritratt Innocenzo Camilleri jidher għassa ma' l-arloġġ fiz-zuntier tal-Kappella ta' San Bażilju u qiegħed bilqiegħda fuq waħda mill-qniepen.*
*Hajr: Innocenzo Camilleri*



*1960: L-ewwel biċċa nar ta' l-art bil-Universal Joint maħduma minn Joseph Ghigo.*



*1960: Katina tiġġebbed maħduma minn Joseph Ghigo.*

## Preżentazzjoni ta' Standard Amerikan

Il-Ħadd, f'xi l-5.00 ta' filgħaxija, is-Sur Mike Buhagiar f'isem is-Sur John Borg, ex-soċju li kien jinsab l-Amerika, ippreżenta standard Amerikan lill-President tal-Każin. Kien preżenti wkoll is-Sur Junius Walker, il-Viċi Konslu Amerikan. Din iċ-ċerimonja saret quddiem il-Każin u malli l-Istandard kien ippreżentat, il-Banda *King George V* daqqet l-Innu Amerikan. L-istandard tbierek mill-Kappillan Dun Gelard Mangion. Il-Ħadd filgħaxija ħadu sehem kemm il-Banda *King George V*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. George Martin A.(Mus.)L.C.M., kif ukoll il-Banda *Santa Katerina* taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Espedito Deguara A.(Mus.) L.C.M.

THE VILLAGE JEWELLERS
SIGGIEWI

# THE VILLAGE JEWELLERS

39, Triq San Nikola
Siġġiewi QRM 12
Tel: 461921  Mobile: 097 6432



VITOPARDO
ARGENTI

• 18ct gold Jewellery • Hand made Jewellery
• Diamonds • Culture Pearls / Simulated Pearls
• Silverware • Silver Jewellery • Engraving
• Wrist Watches • Original Wedding Rings
• Repairs • We also accept wedding lists

CANDINO
SWISS WATCH

GALANTI &C. SPA

LAURENS

## Il-Kxif ta' Lapida



F'għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda King George V tbierket lapida fil-Każin mill-E.T. Mons. E. Galea.

Il-Ħadd filgħaxija fis-7.00 wasal fil-Każin l-E.T. Mons. Emanuel Galea, Vigarju u Locum Tenens. Malli wasal Mons. Isqof, akkumpanjat mill-Kappillan ta' l-Imqabba, il-Banda daqqet l-Innu tal-Papa u l-Eċċellenza Tiegħu ġie milqugħ mill-President u l-Kumitat tal-Każin. Għal din iċ-ċerimonja tal-kxif u t-tberik tal-lapida kommemorattiva kienu preżenti wkoll is-Sur M.A. Delia, President tal-*Malta Banda Clubs Association*, is-Sur George Mangion M.A., it-Tabib Mercieca D.M.O. tal-Qrendi, il-W.R. Dun Pawl Pace Arċipriet taż-Żurrieq, l-Avukat Joseph Cassar, Mr Junius Walker il-Viċi Konslu Amerikan, Mr Forcey espert tal-Biedja, Dun Ġużepp Xuereb, rappreżentanti tal-każini tal-baned ta' Malta u rappreżentanti mill-għaqdiet ta' l-Imqabba stess.

Wara li l-mistednin iffirmaw il-*Visitors' Book*, saret iċ-ċerimonja tal-Lapida kommemorattiva li ġiet mikxufa mill-President tal-każin u mbierka mill-E.T. Mons. Isqof Galea. Inqara telegramm li bih il-Q.T. il-Papa kien għoġbu jbierek l-Għaqda u l-membri tagħha.

## Diskors tal-President

F'diskors sabiħ li għamel is-Sur Charles Sciberras, il-President, huwa tenna lil dawk preżenti l-istorja ta' ħamsin sena tal-Każin tal-Banda King George V. Huwa semma l-bidu tat-twaqqif tas-Soċjetà fl-1905 bl-isem Santa Maria. Fl-1910 is-Soċjetà ħadet l-isem King George V.

Il-President semma d-diversi żjarat li saru lis-soċjetà kemm mill-E.T. Mons. Arċisqof Gonzi kif ukoll minn diversi gvernaturi.

Il-President semma l-fatt li fl-aħħar ftit snin, minħabba xi diverġenzi, il-Każin ma kienx qiegħed jieħu parti fil-festi esterni ta' Santa Marija u wera t-tama li l-futur seta' joffri xi ħaġa aħjar ħalli d-diverġenzi jispiċċaw u l-festa tibda ssir bħas-soltu.

Il-President temm id-diskors tiegħu billi ftakar fil-mejtin tas-Soċjetà li ma kellhomx ix-xorti jaraw il-Każin tagħhom jagħlaq ħamsin sena u ħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jaħdmu għas-Soċjetà u jimitaw l-eżempju tan-nies ta' qabilhom.

Wara l-President, għamel kelmtejn is-Sur M.A. Delia, il-President tal-*Malta Band Clubs Association* li feraħ lill-Każin *King George V* għall-progress li għamel u xtaq kull suċċess fil-ġejjieni b'mod partikolari fil-Banda. Is-Sur Delia insista biex il-membri jżommu dejjem quddiem għajnejhom l-iskop tal-mużika li għalih twaqqfu u ma jħallu xejn li jfixkilhom.

## Diskors ta' Monsinjur Isqof

Fl-aħħar tkellem Mons. Isqof Galea li qal li ħa gost ħafna li s-Soċjetà *King George V* stidnitu permezz tal-Kappillan ta' l-Imqabba. Ma setax jonqos li jsemmi l-festa ta' Santa Marija li ma kinitx qiegħda ssir, u wera x-x-xewqa tiegħu li l-affarijiet jirranġaw ruħhom malajr. Qal ukoll li l-festa tal-Każin kienet festa ċivili; b'dan kollu huwa ħa gost ħafna meta ra li l-Kumitat tal-Każin ma ħalliex barra minn din il-festa l-parti reliġjuża. Huwa temm id-diskors tiegħu billi awgura li s-Soċjetà tibqa' magħquda u li tibqa' taħdem għall-iskop li ġiet imwaqqfa.

Wara d-diskors ta' Mons. Isqof, is-Sur J. Camilleri, is-Segretarju tal-Każin *King George V* ippreżenta lil Mons. Isqof kallotta u Mons. Isqof offra l-kallotta tiegħu biex tinżamm bħala tifkira fil-Każin. Ġiet ippreżentata wkoll lil Mons. Isqof donazzjoni ta' flus għall-istituti tal-karità. Hawnhekk Mons. Isqof faħħar il-ħsieb għoli tal-Kumitat li waqt li kien qed jiċċelebra l-festa tal-Każin, ftakar ukoll fl-istituti tal-karità.

## Il-festa tkompli

Fl-aħħar ingħata riċeviment lill-mistednin preżenti. Waqt il-programm mużikali li sar quddiem il-każin, il-Banda *King George V* ġiet ippreżentata bi tliet tazzi tal-fidda mogħtija mill-ammiraturi tagħha.

F'Misraħ il-Knisja saru programmi mużikali mill-Baned *Santa Katerina* u *King George V*. Fit-8.00 ta' filgħaxija sar ħruq ta' murtali tal-kulur maħdumin mid-dilettanti ta' l-istess Soċjetà. L-għada, it-Tnejn 19 ta' Settembru, fis-sebgħa ta' filgħaxija, saret quddiesa *De Requiem* għall-fundaturi, benefatturi u membri mejtin tas-Soċjetà *King George V*.[10]

## LEJN SOLUZZJONI FL-1960



DOMUS CURIALIS,
Mqabba.
10 ta' Ottubru, 1960.

Segretarju,
King George V Band Club,
Mqabba.

Sinjur,
bi tweġiba għall-ittra tiegħek tal-1 ta' Ottubru, 1960, li fiha kellek l-unur li tibgħat per mezz tiegħi lill-Ecc.ma Tiegħu Rev.ma, dwar il-Festa Titulari fil-Parroċċa, jiena ġejt inkarigat mill-Ecc.ma Tiegħu biex ngħarrfek b'dan li ġej:

1. L-Ecc.ma Tiegħu Rev.ma japprova bil-qalb il-formazzjoni ta' Kumitat, biex jieħu ħsieb il-Festa ta' Santa Marija fil-Parroċċa, li jkollu lil-Kappillan bħala Chairman tiegħu;
2. L-Organizzazzjoni tal-Festi fil-Knisja jibqgħu prerogattiva tal-Kappillan, li jilqa' kull suġġeriment f'waqtu li l-Membri tal-Kumitat tal-Festa jistgħu jissuġġerulu dwar il-Festi fil-Knisja;
3. Li Statwa ta' Santa Marija [illegible] fil-Proċessjoni [illegible] bil-kunfratija u [illegible] muzzetta, li jkunu magħżulin mill-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija;
4. Il-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija jaħdem id f'id mal-Kumitat tas-Soċjetà ta' Santa Marija dwar dak kollu li jkun jinteressa l-Festi fil-Knisja u fir-Raħal, inkluż ukoll il-[illegible] tal-ġbir tal-flus [illegible] jekk dan il-[illegible] jista' [illegible].

[illegible] li kollox imur tajjeb għall-ġid tar-Raħal u biex issir Festa xierqa lill-Madonna.
Għodni dejjem
il-qaddej tiegħek,
[illegible signature]
Kappillan.

*Ittra mill-Kappillan lis-Segretarju tal-Każin li turi li kien sar ftehim.*

Fl-10 ta' Ottubru 1960, is-Segretarju tas-Soċjetà *King George V* kien infurmat mill-Kurja permezz tal-Kappillan ta' l-Imqabba, illi Kumitat iffurmat apposta bil-Kappillan bħala *Chairman* tiegħu, kellu jibda jieħu ħsieb il-festa ta' Santa Marija fil-Parroċċa; illi l-organizzazzjoni tal-Festi

# Royal Insurance

**150 YEARS** 1845 – 1995

POLOZ ġodda li joffru sigurtà aktar kompluta u vasta
għad-DJAR, UFFIĊINI, NEGOZJI, SAFAR U VETTURI

81, St. Catherine Street, Mqabba Tel: 683142

# KINGFISHER

Bar & Restaurant



Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq, Malta

Tel: 647908
Mob: 0947 6573

fil-Knisja kellha tibqa' prerogattiva tal-Kappillan; li kellu jilqa' kull suġġeriment f'waqtu li l-membri tal-Kumitat tal-festa setgħu jissuġġerixxu dwar il-Festi fil-Knisja; l-Istatwa ta' Santa Marija kellha tkun merfugħa fil-Purċissjoni minn individwi lebsin bil-konfratija u mingħajr muzzetta iżda magħżulin mill-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija, liema Kumitat kellu jaħdem id f'id mal-Kumitat tas-Soċjetà ta' Santa Marija dwar dak kollu li kien ikun meħtieġ għall-Festi fil-Knisja u fir-Raħal, inkluż ukoll il-bilanċ tal-ġbir tal-flus jew żbilanċ.



***Ħaddiema tan-Nar fl-1961.***
***Ħajr: Innocenzo Camilleri***

## FRATELLI LEBSIN IL-MOZZETTA FL-1976

Wara l-1960, is-Soċjetà ta' Santa Marija qatt ma waqfet tinsisti ma' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi sabiex il-vara tkun merfugħa minn fratelli lebsin il-mozzetta tas-Sagrament.

Fit-30 ta' Mejju 1976, il-President tas-Soċjetà ta' dak iż-żmein, is-Sur George Busuttil issottometta għall-kunsiderazzjoni tal-Kurja Arċiveskovili, ix-xewqa assidwa tas-Soċjetà li l-vara ta' Santa Marija minn dik is-sena 'l quddiem tkun merfugħa minn fratelli lebsin il-mozzetta, bid-dritt ta' l-għażla tar-reffiegħa tibqa' f'idejn is-Sottokumitat. Din ix-xewqa tas-Soċjetà nqatgħet fit-23 ta' Ġunju 1976 fi żmien il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Anton Vella D.D., illum Kanonku Prepostu ta' Birkirkara.

B'hekk l-inkwiet dwar ir-reffiegħa u l-mozzetta l-ħamra spiċċa għal kollox.



*Festa 1961: L-istatwa ta' Santa Marija merfugħa għall-ewwel darba fil-Purċissjoni minn individwi lebsin bil-kunfratija bajda u magħżulin mill-Kumitat tal-Festa ta' Santa Marija.*
*Ħajr: Innocenzo Farrugia*



41, Church Square,
Mqabba.
30 ta' Mejju, 1976.

Valletta.

Granted by his Grace the Archbishop on Wed. 23/6-76

*Fi żmien il-Kappillan Dun Anton Vella, sewwasew l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 1976, il-vara ta' Santa Marija kellha tibda tkun merfugħa minn fratelli lebsin il-mozzetta l-ħamra.*
*Ħajr: Innocenzo Farrugia*



*Festa 1976: Ir-reffiegħa lebsin il-mozzetta l-ħamra għall-ewwel darba.*

## LEJN IS-SENA ELFEJN

Din se tkun l-aħħar festa ta' Santa Marija f'dan is-seklu u l-Millennju. Aktar ma noqorbu lejn it-tielet Millennju, aktar nersqu lejn is-sintesi b'eżistenza paċifika taż-żewġ partiti tal-festa fl-istess raħal ta' l-Imqabba.

**Riferenzi:-**


1 Lia Carmen. Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba, Malta, 1997.
2 Ittra ffirmata minn M. Zammit li ġġib id-data tat-2 ta' Ġunju 1957.
3 F'dak il-ħin il-Banda ta' Raħal Ġdid kienet immexxija mis-Sur Joseph Bugeja u l-marċ kien baqa' miexi sa quddiem il-Knisja tas-Soċjetà. Eugenio Sciberras għalaq malajr il-bieb tal-Każin.
4 Il-Berqa, it-Tnejn 18 ta'Awissu 1958, p. 2.
5 Informazzjoni komunikata minn Patri Joseph Ghigo.
6 Il-Berqa, Il-Ġimgħa, 22 ta'Awissu, 1958, p. 8.
7 Times of Malta, Monday 15th August, 1960.
8-10 Il-Berqa, il-Ġimgħa, 23 ta' Settembru, 1960, p. 5.
Informazzjoni komunikata wkoll minn George Busuttil, Innocenzo Farrugia u Innocenzo Camilleri.

# BELLIZZI TRAVEL & INSURANCE

**"El Paradiso", Triq Matteolo Saliba, Zurrieq. ZRQ 02**
**Tel 642519 Tel/Fax 689791**

Jekk għandek bżonn taqta' Biljett ta' l-ajru jew tal-Katamaran,
tibbukkja Tour/Ġita, Lodging barra minn Malta,
Coach Tour minn Londra bi Prezzijiet irħas,
jew xi ħaġa oħra li għandha x'taqsam mas-Safar

*Agħmel bħal ħaddieħor ........................... Ejja għandna.......................*
*Tinqeda xorta............................................ u Malajr...............................*

Jekk għandek bżonn tagħmel Transfer jew Insurance għall-
karozza, dar, ħanut, kaċċa, safar, life jew Personal Accident

*Agħmel bħal ħaddieħor ........................... Ejja għandna.......................*
*Tinqeda xorta............................................ u Malajr...............................*



# Dolceria Croce Bonaci

We are the originals
Over 100 years Experience
*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Te/Fax: 225924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 247933

# Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar

Jirrapporta Joseph Camilleri


Joseph Camilleri
Licencee

Meta tkunu taqraw il-messaġġ tiegħi jkun fadal ftit ġranet biss għall-festa oħra kbira ta' Santa Marija. Din is-sena nibda billi nsemmi l-mibki u wisq għażiż għalina Joseph Galea, *Il-Qoċċa*. Il-Ħadd 25 t'April ta' din is-sena, jien u sħabi konna l-post tan-Nar. Għall-ħabta tal-ħdax u kwart waslilna messaġġ li seħibna l-*Qoċċa* kien ħalliena biex igawdi lil Marija fil-glorja tas-Sema. Joseph għamel snin twal jaħdem in-nar. Huwa kien iħobb lil Madonna u l-festa ta' Santa Marija. Bħala bniedem ferrieħi, kien dejjem bid-daħka fuq wiċċu u lest biex jagħamlilna l-kuraġġ biex bħal dejjem, il-festa ta' Santa Marija tkun suċċess. Jien u sħabi tan-Nar morna l-funeral fejn tajnieh l-aħħa tislima. Barra minn hekk waqt li kien ħiereġ mill-Knisja ta' San Bastjan, Ħal Qormi, l-Għaqda tan-Nar sparat salut minn ħdejn il-post tan-Nar. Aħna sħabu ma nistgħux ninsew il-vojt kbir li ħalla fil-post tan-Nar. Joseph miet iżda żgur ser ikun iħares lilna lkoll li nkunu fil-post tan-Nar. Joseph għalina kien fjura sabiħa li l-Bambin kellu bżonnha fis-Sema, imma żgurin li din il-fjura se tibqa' tfewwaħ il-Kamra tan-Nar tagħna għal dejjem.

Però bħal ma jaf kulħadd, fid-dinja ma tistax tieqaf u għalhekk aħna bqajna nippreparaw għall-festa oħra kbira. Ma nistax issa ma nsemmix il-festa tas-sena l-oħra li kienet festa kbira, speċjalment il-wirja piroteknika kbira li saret lejlet il-festa. Il-logħob tan-nar kien sinkronizzat mal-mużika klassika permezz tal-kompjuter u tant kien kollox impressjonanti li sal-lum ħafna nies għadhom isemmu l-wirja meraviljuża. Ta' dan grazzi lil kull min ħa sehem.

Però aħna dejjem moħħna biex nagħtukom spettaklu tan-Nar għalhekk nerġa' nħeġġiġkom biex din is-sena terġgħu tiġu u jekk Alla jrid nerġgħu nagħtukom spettaklu ieħor kbir ta' nar ta' l-ajru.

Din is-sena, qabel l-ispettaklu ta' lejlet il-festa, se jkun hemm minuta silenzju għall-mibki Joseph Galea *Il-Qoċċa*.

Jien nixtieq nirringrazzja lil sħabi li jaħdmu n-nar u l-familji tagħna tas-sagrifiċċji li jagħmlu biex inkunu nistgħu nagħmlu n-nar. Nixtieq nirringrazzja dawk li dejjem kienu ta' għajnuna sew fix-xogħol u sew fil-finanzi għax jekk ma tkunx il-ġenerożità tagħkom, ma nkunux nistgħu nagħtu dan l-ispettaklu li tant aħna magħrufin għalih. Il-materjal dejjem jogħla fil-prezz u nħeġġukom biex, bħalma dejjem kontu, tkunu ġenerużi bl-għotjiet tagħkom din is-sena wkoll. Nieħu wkoll din l-opportunità biex f'isem il-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija, nirringrazzja lil kull min jieħu ħsieb l-arbular tan-nar u lil min imidd idu għal dan ix-xogħol, lis-sidien ta' l-għelieqi li jħalluna nużaw ir-raba' tagħhom waqt il-ħruġ tan-nar, lill-Kumitat Eżekuttiv tal-koperazzjoni kbira tiegħu, lill-*isponsors* u lil min jgħin bid-donazzjonijiet tiegħu. F'isem il-membri tal-Kamra tan-Nar tagħna, nixtieq il-festa t-tajba lis-soċi, partitarji u lill-Imqabbin kollha kif ukoll lill-eluf ta' Maltin u anke barranin li jiġu ġewwa raħalna, għall-ispettaklu kbir tan-Nar. Konvint li bħas-snin ta' qabel, din is-sena se naraw esebizzjonijiet kbar ta' murtaletti bil-logħob, beraq pront, baraxxijiet, kaxxi infernali, murtali tal-kulur, nar ta' l-art u ħafna affarijiet oħra.

Però fuq kollox il-grazzi tagħna jmur lejn Ommna l-Verġni Marija li dejjem lesta biex teħlisna minn kull deni u nitolbuha biex dejjem iżżommna taħt il-mant tagħha, biex teħlisna minn kull tiġrib.

*Grazzi ta' kollox Sultana tad-dinja kollha,*
*Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin,*
*Żomm idejk fuqna u ħarisna.*


Joseph Galea (Il-Qoċċa)






**DENFAR**

*WHERE QUALITY COMES FIRST*

*Denfar House,*
*Old Valletta Road,*
*Mqabba*
*Tel: 683228, 685706*
*Fax: 689529*

# DENFAR

## *THE NAME IN CONCRETE*

**• Building Construction • Concrete & Torba Suppliers**
**• Earth Moving • Trench Excavation**
**• In House Quality Control**



Parti mill-

# WIRJA PIROTEKNIKA

li saret lejlet il-festa ta' l-1998



# LIFE IS PRECIOUS



## DRIVING IS NOT A GAME

Don't take chances with life

*Contact:*
***Joe Busuttil***
***Insurance Sales Office***
***Zurrieq Road,***
***Safi ZRQ 11***
***Tel / Fax: 682095***

Office Hours:
***Monday to Friday***
9.30 a.m. to 12.00 p.m.
4.00 p.m. to 7.00 p.m.
***Saturday***
9.30 a.m. to 12.00 p.m.

**Gasan Insurance Agency Ltd**
Msida Road, Gzira GZR 03. Tel: 345 123 Fax: 345 377

**GM Galdes & Mamo Ltd**
173, Old Bakery Street, Valletta VLT 09 Tel: 232 666 Fax: 223 787

# Programm tan-Nar

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju: Bidu tal-Kwindiċina**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' murtali tal-bomba. |
| **12.00pm** | Ħruq ta' murtali tal-bomba. |
| **7.15pm** | Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, isir ħruq ta' Murtali tal-bomba u Musketterija. |

**It-Tnejn, 9 ta' Awissu.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u murtaletti. |
| **12.00pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u murtaletti. |
| **7.30pm** | Mal-ħruġ ta' l-istatwa jsir ħruq ta' Salut, Musketterija, Kaxxa Infernali u Murtaletti bil-logħob. |
| **9.30pm** | Ħruq ta' murtali tal-Beraq pront u tal-kulur. |
| **11.00pm** | Ħruq ta' Musketterija ma' tmiem il-Marċ. |

**It-Tlieta, 10 ta' Awissu:Jum il-Banda.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba. |
| **12.00pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba. |
| **7.30pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti. |

**L-Erbgħa, 11 ta' Awissu: L-Ewwel Jum tat-Tridu.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti. |
| **12.00pm** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti. |
| **8.15pm** | Ħruq ta' Musketterija u Murtaletti bil-logħob. |
| **9.30pm** | Ħruq ta' Murtali tal-Beraq pront u tal-Kulur. |
| **11.25pm** | Ħruq ta' Musketterija ma' tmiem il-Marċ. |

**Il-Ħamis, 12 ta' Awissu: It-Tieni Jum tat-Tridu.**

Kollox bħall-Jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu: It-Tielet Jum tat-Tridu.**

Kollox bħall-Jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 14 ta' Awissu: Lejlet il-Festa.**

| | |
|---|---|
| **9.30am** | Mad-daqq tat-Te Deum ikun hemm ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Infernali u diversi Murtaletti bil-logħob. |
| **11.45am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti bil-logħob. |
| **6.30pm** | Toħroġ it-translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' Salut, Kaxxa Infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' Murtaletti bil-logħob. |
| **9.30pm** | Jingħata bidu għal Spettaklu kbir ta' logħob tan-Nar ta' l-ajru li jinkludi Salut, bombi tal-Lampjun, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, diversi settijiet ta' Murtali tal-Beraq pront u Murtali tal-Kulur. |
| **11.30pm** | Wirja ta' logħob tan-Nar ta' l-art. |

**Il-Ħadd, 15 ta' Awissu: L-Għid ta' l-Assunta.**

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba u Murtaletti. |
| **9.30am** | Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' Murtali tal-bomba, Kaxxa Infernali u Murtaletti bil-logħob. |
| **11.45am** | Ħruq ta' Murtali tal-bomba akkumpanjati mid-daqq tas-Sirena, segwita mill-ħruq ta' Murtaletti bil-logħob. |
| **7.15pm** | Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni jiġi sparat Salut. Hekk kif l-istatwa artistika u devota tal-Patruna tar-Raħal, Santa Marija toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Maria, tinħaraq Musketterija u Kaxxa Infernali. Wara jkun hemm wirja kbira ta' Murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni. |
| **9.30pm** | Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, ikun hemm ħruq ta' Murtali tal-Beraq pront u tal-Kulur. |
| **10.15pm** | Ħruq ta' Kaxxa Infernali tal-Kulur ma' tmiem il-purċissjoni. |

**Il-Ħadd, 22 ta' Awissu: L-Ottava tal-Festa.**

| | |
|---|---|
| **6.00pm** | Mal-ħruġ tal-purċissjoni, tinħaraq Musketterija, Murtali tal-Bomba u Murtaletti. |

**Nota tal-Bord Editorjali:** Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-Membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Aħna, f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex, f'isem is-Soċi u l-Partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-Membri kollha ta' din l-għaqda - sew ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art - u 'l kull min għenhom sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tibqa' tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-Nar u waqt il-ħruq.



OUR LAGER
TRADE MARK
CISK®
Lager

# Il-Kult Marjan fl-Art Imqaddsa

minn Jonathan Farrugia

**L-Ewwel Parti - Ġerusalemm**

Għalkemm il-belt ta' Ġerusalemm forsi aktar nassoċjawha mal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu, xorta waħda fiha nsibu xhieda tad-devozzjoni kbira lejn il-Madonna li kien hemm matul dawn l-aħħar elfejn sena.

Viċin il-menqa tal-Bieb tan-Ngħaġ, magħrufa bħala Betesda (Ġw.5:2), insibu l-knisja ta' Sant'Anna. Din il-knisja timmarka l-post fejn, skond it-tradizzjoni, tnisslet u twieldet Ommna Marija. Oriġinarjament, meta nbniet l-ewwel knisja f'dan il-post fis-sena 248 W.K., kienet iddedikata lill-Madonna, iżda fis-sena 614 W.K. din il-knisja nħarqet mill-Persjani li attakkaw il-Belt. Ħames mitt sena wara, fis-sena 1130, inbniet il-knisja li hemm illum u hija l-aqwa eżempju ta' arti minn żmien il-Kruċjati li hawn fid-dinja.

Taħt din il-knisja hemm kripta li fiha kappella li tfakkar it-Tnissil bla tebgħa ta' Marija. L-altar qiegħed fuq il-post fejn hu maħsub li twieldet il-Madonna.

*Il-Monasteru tar-Raqda*





*L-altar tal-Golgota*

Hekk kif noħorġu mill-knisja ta' Sant'Anna u nduru lejn ix-xellug niġu fit-triq magħrufa bħala l-Via Dolorosa li twassal sal-Kalvarju. Wara ftit mixi niltaqgħu mal-knisja Armena li tfakkar ir-raba' stazzjon tat-triq tas-Salib - meta Ġesù ltaqa' m'ommu. 'Il fuq mill-bieb tidher skultura żgħira li turi din il-laqgħa kiefra.

Fi tmiem it-Triq tas-Salib, eżattament fil-Knisja tal-Kalvarju u tas-Sepulkru Mqaddes, insibu diversi xbiehat tal-Madonna. Naturalment l-aktar li tolqot l-għajn hija x-xbieha miksija bil-fidda t'Omm Alla wieqfa ħdejn is-Salib. Fuq in-naħa tal-lemin ta' l-altar tal-Golgota nsibu bust ferm sabiħ li jfakkar id-Duluri ta' Marija Santissima. Din l-istatwa nħadmet f'Lisbona fis-seklu XVI u ttieħdet f'din il-knisja fis-sena 1778.

Fl-istess knisja nsibu l-qabar fejn ġie midfun Kristu, magħruf bħala l-Anastasis. Ġo fih hemm

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 683129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*
jfakkru li huma jagħmlu
**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

# D'AMATO FINE TUNES

Piano & Pipe Organ: Servicing,
Rebuilding, Tuning: Supply & Rental

Sonata Building, Bronja Street, Żurrieq, Malta
Tel/Fax 685326 Mobile 099 5828



# A. Ferriggi

## Hand Tools Supplier

*Available from all leading ironmongeries*

'Fiorella', 46, Triq Ġużè Abela, Żejtun.
Tel: 673719 Mobile: 097 5154

ikona antika tal-Madonna tħares lejn il-qabar, simbolu ta' Marija li tħares il-Knisja mill-hemm. Ftit 'il bogħod mis-Sepulkru jinsab wieħed mill-isbaħ altari li hemm f'din il-knisja. Bix-xieraq jirrappreżenta l-Inkurunazzjoni tal-Madonna wara li ttellgħet fis-sema. Hekk kif nitilqu l-knisja u naqsmu l-Wied ta' Kedron li jdawwar 'il Ġerusalemm, naraw il-Bażilika ta' l-Agunija magħrufa bħala l-knisja tal-Ġnus. Din il-Bażilika hija mibnija fil-ġnien ta' Ġetsemane. Ftit 'il bogħod minn din il-Bażilika nsibu l-Grotta ta' Ġetsemane, fejn probabilment kienu reqdin l-appostli waqt li Ġesù kien fil-ġnien jegħreq l-għaraq tad-demm. Hemm ġew, mal-ħajt tax-xellug, naraw pittura fuq il-blat li turi t-tlugħ fis-sema tal-Madonna. Dan l-affresk ġej mis-Seklu XII.


*Il-kripta fejn twieldet il-Madonna Ġerusalemm*

Lejn in-naħa tal-punent tal-grotta naraw bażilika oħra, imsejħa l-Qabar tal-Madonna. Hija binja tassew antika fejn partijiet minnha jwasslu sas-seklu VI u oħrajn sas-seklu XII. Ġewwa nsibu ħafna ċensieri tal-fidda mdendlin ma' kullimkien, kif ukoll ħafna kandelabri mimlijin ħaġar prezzjuż. Dawn ġew akkwistati fl-imgħoddi mid-donazzjonijiet tad-devoti li tul is-snin żaru din il-Bażilika. Naturalment hawn jinsab ukoll il-qabar li skond it-tradizzjoni laqa' l-fdalijiet tal-Madonna wara mewtha sa ma ttieħdet lejn is-smewwiet bir-ruħ u l-ġisem. Mill-1951 (meta l-Assunzjoni tal-Madonna ġiet aċċettata bħala domma tal-Fidi Nisranija) din il-Bażilika bdiet tiġi meqjuma kif jixraq bħala post fejn il-Madonna telgħet is-sema.

Mill-ġdid ġewwa Ġerusalemm, fil-parti magħrufa bħala l-Għolja ta' Sijon, insibu wħud mill-aktar ċentri magħrufa fl-istorja tar-reliġjon Lhudija u dik Nisranija; fosthom hemm iċ-Ċenaklu, il-qabar ta' David u l-Monasteru tar-Raqda. Il-Knisja ta' dan il-Monasteru hija fost l-aktar maestużi li nsibu fl-Art Imqaddsa kollha. Mibnija bejn l-1906 u l-1910, tħaddan il-post fejn skond it-tradizzjoni mietet il-Madonna (jew skond kif jgħid l-isem, fejn Hija 'raqdet'). Għandha forma tonda, bil-koppla ppuntata u b'erba' kampnari żgħar. L-art minn ġewwa hija miksija b'mużajk li jirrappreżenta t-Trinità Qaddisa, il-profeti ta' l-Antik Testment, l-Evanġelisti u l-Appostli.

Fuq l-altar maġġur insibu mużajk tad-deheb li jġib ix-xbieha tal-Madonna turi lid-dinja 'l Ġesù bi ktieb f'idu li jgħid bil-Grieg "Jien id-dawl tad-dinja" (Ġw.8:12). Taħtu jidher miktub il-kliem "Il-Verġni tnissel f'ġufha u jkollha iben u ssemmieh Immanuel" (Is.7:14). Dan l-altar għandu żewġ niċeċ, waħda fuq kull naħa. Dik tax-xellug fiha l-Anġlu Gabrijel bil-kliem "Is-Sliem, mimlija bil-grazzja", filwaqt li dik tal-lemin turi l-Madonna bil-kliem "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej".

.../91





L

# GEJTU PINTLEY

## MOTORING SCHOOL

TEL: 234440

After 8.30 p.m.



Marsalite
Quality Products
Postformed Elements
Produced in Malta
In High Pressure 1.mm Laminate
to any Size Specification
FORMICA
Industrial Estate, Marsa - Malta
Tel: (356) 241266/7, 239465, Fax: (356) 246740 e-mail:mslite@kemmunet.net.mt

Taħt il-knisja hemm kripta li f'nofsha hemm statwa ta' l-irħam t'Omm Alla rieqda. Din l-istatwa hija mdawra bil-kolonni li fuqhom għandhom koppla ta' rħam prezzjuż. F'nofs il-koppla, minn ġewwa, hemm mużajk li juri lil Kristu qed isejjaħ lill-Ommu bil-kliem "Ħabiba tiegħi, qum ejja, sabiħa tiegħi" (Għan.2:10). Madwar Kristu naraw il-figuri ta' sitt nisa importanti ta' lAntik Testment: Eva, Mirjam, Jael, Ġuditta, Rut u Ester.


*Il-Grotta ta' Getsemane*


*Tidher l-istatwa ta' l-irħam t'Omm Alla*

Bħalma forsi tistgħu tobsru dawn li semmejt m'humiex l-uniċi ċentri ta' devozzjoni lejn il-Madonna fil-belt qaddisa. Hemm ħafna oħrajn, iżda impossibbli li nsemmihom kollha. Dawn li semmejt huma biżżejjed biex juru li Ommna Marija għadha ferm maħbuba u meqjuma f'pajjiżha, avolja n-numru ta' l-Insara huwa żgħir ħafna. Fil-programm li jmiss nagħtu ħarsa lejn aktar xhieda tad-devozzjoni Marjana f'postijiet oħra fl-Art Imqaddsa.


**B'tifkira tar-rebħ ta' l-Unur Internazzjonali 'LES ETOILES D'OR DU JUMELAGE' li għall-ewwel darba f'Malta ġie mogħti mill-Komunità Ewropeja lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V f'isem ir-raħal ta' l-Imqabba. Ferrara, Italja - 13 ta' Novembru 1998.**

BANDA RE ĠORĠ V - MQABBA

*Marċi Brijużi 1999*




Soċjetà Santa Marija
Banda Re Ġorġ V, Mqabba
*Marċi Brijużi 1999*

**Side A:**
**Les Etoiles d'Or** .................... David Agius
**Id-Dragun** .................................. Ronald Pisani
**Famokar** .................................. Joseph Zammit
**Clinton** ...................................... Andrew Coleiro
**Sirenetta** .................................. Fernando Francia

**Side B:**
**Al Pacino** .................................. David Agius
**Ferrara '98** ............................... Brian Bugeja
**St Petersburg '95** ..................... David Caruana
**El Toro** ...................................... Archibald Mizzi
**Marija Assunta** ........................ Leonard Farrugia
**Innu Banda Re Ġorġ V** .......... Anthony Camilleri

**Surmast Direttur:**
Mro David Agius
A.(Mus)V.C.M.(Hons), A.(Mus)L.C.M.

***Ritratt fil-faċċata:*** Il-Plakka Kommemorattiva flimkien maċ-Ċertifikat awtentiku li ngħataw lis-Soċjetà Santa Marija ġewwa l-Italja, fuq sfond ta' l-Istandardi ta' l-Italja, tal-Banda u ta' Malta li jirrappreżentaw il-ġemellaġġ u ċ-ċimblu, simbolu tal-Mużika. (Ara aktar dettalji fuq ġewwa)

**Għadu kif ħareġ volum ieħor ta' Cassettes ta' Marċi Brijużi tal-Banda Re Ġorġ V.**

***Hu ħsieb li takkwista volum.***

# BIBAS STORES

**For Modern & Exclusive Textiles, Curtain & Upholstery**
**Wedding & Occasional Wear, The Latest Fashion in Footwear**

**Also a Large Selection of**
**Ladies', Gents' & Children's Wear**

**Hompesch Road, Fgura Tel: 691269 Fax: 802727**



# NOEL'S CONFECTIONERY

**Accepts orders for**
**• Weddings • Baptisms • Parties etc. etc.**



**Vjal l-Indipendenza, Żurrieq**
**Tel: 680458**

**AĦSBU KMIENI GĦAL KULL ORDNI SABIEX MA TOĦORĠUX DIŻAPPUNTANTI**



# *E. CATANIA WOOD CARVING*

Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal
salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura
MORRU GĦAND

**MANWEL CATANIA**

SHOWROOM:
"Odyssey", Bronja Street, Żurrieq

WORKSHOP:
"Odyssey Garage", Alexander Street, Żurrieq

**Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.** **Tel: 682137**

# Il-Festa ta' l-Imqabba

Kitba ta' Patrick Mallia

Waħda mill-isbaħ tradizzjonijiet li għandna f'pajjiżna hija l-mod kif tiġi ċelebrata l-festa tal-patruna tal-pajjiż. Tant tkun attrazzjoni sabiħa li t-turisti jagħmlu minn kollox biex fejn jistgħu, okkażjoni simili ma jitilfuhiex. Mhux talli festi bħal dawn jiġbdu bi ħġarhom lit-turisti, iżda wkoll lin-nies mill-pajjiżi viċini ħalli jgawdu kif jixraq iċ-ċelebrazzjonijiet ad unur u glorja tal-qaddis protettur tal-pajjiż.

Iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru ġewwa l-knisja parrrokkjali, li għall-okkażjoni tkun liebsa l-libsa tal-festa, bid-damask, gandlieri u apparat ieħor li jintuża biss f'dawn il-granet tant għal qalb il-parruċċani kollha, bl-orkestra li tkompli żżid fis-solennità u l-ġmiel li jixraq, tkun mistennija bil-ħerqa minn kulħadd. Il-festi jibdew wisq qabel il-ġurnata li fiha jkun imfakkar il-qaddis protettur u tilħaq il-qofol tagħha waqt it-tridu, lejliet il-festa u l-ġurnata tal-festa.



*Is-Sur Patrick Mallia flimkien mas-Sinjura Joyce Guillaumier waqt il-Programm Strumentali ~ 10.08.98*

Il-festi ta' barra żgur li ma jonqsux, u f'ħafna każi l-każini tal-baned jagħtu wkoll is-sehem tagħhom, billi l-banda ddoqq mużika ferrieħa fit-toroq prinċipali tal-pajjiż akkumpanjata minn numru kbir ta' ammiraturi. Din il-mużika, normalment marċi brijużi tindaqq kemm fil-ġranet tat-tridu, kif ukoll lejlet u nhar il-festa. Tista' tgħid li l-pajjiż kollu jgawdi kemm jista' jkun minn din ix-xorta ta' mużika, għax min ikun jiflaħ u jkun dilettant tassew jakkumpanja l-banda, oħrajn igawdu kif jistgħu meta l-banda tgħaddi mit-triq tagħhom. Dawk il-pajjiżi żgħar fejn ma jkollhomx soċjetà tal-banda tagħhom, iġibu banda minn pajjiż ieħor.

Ħaġa li tassew tolqot l-għajn fil-ġranet tal-festi hija l-kwanitità kbira ta' dekorazzjonijiet li jsiru kemm fil-pjazza tal-knisja kif ukoll fit-toroq prinċipali. Dawn id-dekorazzjonijiet, l-iżjed f'forma ta' statwi fuq pedestalli għoljin u pavaljuni mdendlin fil-għoli, fihom tassew x'wieħed jara u biex jitpaxxa. L-istatwi huma ġeneralment biċċa xogħol ta' arti tassew għolja, filwaqt li l-pavaljuni, minbarra li huma kapulavur tal-ħajjata, huma wkoll xogħol ta' arti ta' ċertu

.../95


# LINDA STORE

**46, Republic Street, Żurrieq**

**Tel: 647215**

**Household goods, Small Furniture Chandeliers,**

**Colour T.V., Video Recorders**

# CJP TARMAC LTD.

## PRODUCERS, SUPPLIERS AND LAYERS OF HOT AND COLD ASPHALT




**Fully equipped to do all types of Road Construction whatever the size.**



**TITAN 2000 capable of producing 120 tons of Hot or Cold Asphalt per hour.**

***SUPPLIERS OF ALL TYPES OF CONCRETE AND LEAN MIX***

**CJP TARMAC LIMITED**



Siggiewi Rd., Ta' Kandja, l/o Mqabba, Malta
Tel: (0356) 611600    Fax: (0356) 611601

preġju. L-Imqabba ma tagħmel għajb lil ebda pajjiż ieħor f'dak li għandu x'jaqsam ma' dekorazzjonijiet. L-istatwi li jarmaw fil-festa huma xogħol ta' arti li fih tassew x'wieħed japprezza. Dak is-sett statwi ta' l-appostli trid tarahom għal darba tnejn, biex tapprezza tassew il-ġmiel tagħhom u l-abbiltà ta' min ħadimhom. Il-pedestalli tagħhom huma tassew xogħol li ħareġ minn id l-imgħallem. Dawk l-istatwi l-oħrajn, bħal dawk ta' l-appostli, li ma jagħmlulhomx għajb, trid tiflihom sewwa biex tagħraf il-ġmiel kollu tagħhom; dnub jaħasra li kapolavuri ta' arti jintramaw biss għal żmien il-festa. L-iżjed sett statwi li jiġbdulek l-attenzjoni huwa dak ta' l-Inkoronazzjoni tal-Madonna li jintrama' fil-pjazza. Nibdew mill-pedestall: dan huwa xogħol fl-injam li ħareġ minn taħt idejn mgħallem mustaċċun, għax iżjed ma tħares lejh, iżjed jkollok aptit li tarah u tiflih, wisq iżjed meta wieħed ikun dilettant tas-sengħa fl-injam. Dan il-pedestall iħaddan fih, fuq l-erba' naħat tiegħu, statwi li huma l-figuri tal-Madonna. Ester ir-Reġina, mart ir-Re Asswru li ħelset lil-Lhud mill-mewt ċerta li ħejja għalihom Aman li kien il-favorit tar-Re; Abigail, il-mara li kienet ta' għaqal kbir u sabiħa fil-għajn, li wara saret mart is-Sultan Profeta David; Gagħel (Jahel), li ħelset il-poplu tagħha meta qerdet lil Sisera l-kmandant ta' l-eżerċtu ta' Gabin, billi ħadet kunjard tat-tined, qabdet martell f'idejha, resqet ħdejh inkiss inkiss u sammritu f'nagħsu u niffditulu sa l-art meta dan kien rieqed: u Ġuditta li hi wkoll ħelset lill-poplu tagħha billi qatlet lill-Ġeneral Oloferne. Il-figura ta' Kristu, kif jarah l-artist, daqstant ieħor huma xogħol artistiku li jpaxxi l-għajn. Xejn inqas sbieħ huma l-istatwi tal-ġebel tar-Redentur u San Ġwann il-Battista li hemm fuq iz-zuntier li jagħmlu tassew kumpliment kif jixraq lil dawn l-istatwi li jarmaw fil-ġranet tal-festa. Ħaġa li tagħtik ukoll sodisfazzjon hija li d-dekorazzjonijiet jiżdiedu minn sena għal oħra, grazzi għal dawk li jaħdmuhom kif ukoll għal dawk li jħallsu għall-ispejjeż tagħhom. Dwar il-logħob tan-nar, m'hemmx għalfejn ngħaddu l-ebda kumment. Kulħadd jaf li l-Imqabbin huma surmastrijiet ta' dan ix-xogħol, kemm fil-kwalità kif ukoll fil-kwantità. Santa Marija żżomm idejha fuqhom u teħlishom minn kull periklu.



*L-istatwa titulari ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-Knisja.*

Ma nistgħux ma nsemmux dik il-vara meraviljuża u ta' ġmiel singulari ta' Santa Marija mtellgħa s-sema. Hawn diversi vari tat-Tlugħ ta' Santa Marija fis-sema, iżda bħala biċċa xogħol artistika naħseb li dik ta' l-Imqabba hija waħda mill-isbaħ li hawn f'Malta. Meta tħares lejha għal darba tnejn, f'qalbek tħoss dik id-devozzjoni u mħabba li tixraq biss lil Sidtna Marija. Din l-imħabba u devozzjoni lejn Santa Marija tilħaq il-qofol tagħha meta l-vara titfaċċa fil-bieb il-kbir tal-knisja biex tkompli ddur mat-toroq prinċipali ta' l-Imqabba u titfa l-barka tagħha.

Prova ta' kemm hija popolari l-festa li ssir l-Imqabba huwa l-fatt li l-attendenza kemm ta' l-Imqabbin kif ukoll ta' oħrajn li jiġu apposta minn barra l-pajjiż hija tant għolja, meta wieħed jikkunsidra li barra din il-festa fl-Imqabba jsiru oħrajn f'diversi pajjiżi f'Malta. U dan huwa ċertifikat għal kull min jagħti sehmu biex il-festa tkun suċċess, kif ukoll għall-Imqabbin kollha f'kull qasam tal-ħajja. J'Alla dawn il-festi jkunu mezz biex iressquna iżjed lejn Alla, lejn il-Madonna u l-qaddisin u li nkomplu ngħożżu dak kollu li writna mingħand missirijietna u li nikkultivawh u nżiduh ħalli nkunu nistgħu ngħadduh lil uliedna.

# CONCORDE MINI MARKET

Triq Karmenu Ciantar, Mqabba

*Prop: Mario Formosa*

Tel: 680922

*Għall-ħtiġijiet tal-familja tiegħek kollha.*
*Kumdità - Għażla Ħielsa*
*u Prezzijiet Moderati*

NAWGURAW IL-FESTA T-TAJBA LILL-IMQABBIN KOLLHA



**BAKERY**

*Maypole*

**LTD**

*Carmel Debono*

**FANCY BREAD**

**14, St Joseph Street, Qormi**
**1, Victory Street, Qormi**
**Tel: 488992**

**Erba' Mwieżeb Street, San Pawl**
**Tel: 581646**



# COMBINED TRADES CENTRE

SALJATURA STREET, MQABBA

(wara Celest il-Mechanic)
Fejn issibu: varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Tapes & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħaffir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00p.m.
Is-Sibt mit-8.00a.m. - 12.30p.m.

# MESSAĠĠI INTERNAZZJONALI
## LILL-POPLU MQABBI

CORPO BANDISTICO DI SANTA VITTORIA IN MATENANO
Provincia di Ascoli Piceno
ITALIA

Al Comitato della BANDA RE GIORGIO V di
MQABBA - MALTA

La straordinaria partecipazione alla passata azione di Gemellaggio mi spinge a rinnovare anche quest'anno la mia più viva riconoscenza per l'entusiasmo e la passione dedicati dalla Vs. Società Musicale all'iniziativa proposta.

Desidero pertanto farVi giungere i più fervidi auguri di tanto successo e la più sincera gratitudine per gli appuntamenti musicali trascorsi insieme a S.Vittoria e a Mqabba.

Certo che il Comitato continuerà a profondere il Suo importante compito per dare sempre maggior lustro alla Banda Musicale, esprimo a nome di tutto il Complesso Bandistico di S.Vittoria i migliori saluti.

Santa Vittoria in Matenano, li 6 luglio 1999.

Il Presidente
Valeriano Pettinelli

Corso G. Matteotti - Tel. 0734 / 780111
partita IVA: 01350240444

**Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano**
**Provinċja ta' Ascoli Piceno**
**Italja**

**Il-Kumitat tal-BANDA RE ĠORĠ V**
**MQABBA - MALTA**

Il-parteċipazzjoni tiegħi waqt l-azzjoni tal-Ġemelaġġ ċertament tqanqalni biex anki din is-sena nwassal kliem ta' rikonoxximent lejn l-entużjażmu u l-passjoni li s-Soċjetà Mużikali tagħkom iddedikat għall-istess inizjattiva.

Nixtieq għalhekk nibagħtilkom l-isbaħ xewqat u nawguralkom kull suċċess kif ukoll nibagħtilkom l-gratiduni sinċiera tagħna lejkom wara l-esperjenzi sbieħ li għaddejna flimkien waqt l-appuntamenti mużikali li kellna ġewwa Santa Vittoria u l-Imqabba.

Ninsab ċert li l-Kumitat tagħkom ser ikompli jaħdem sabiex jaqdi d-dmir ewlieni tiegħu, dak li jsaħħaħ dejjem aktar l-impenn mużikali tal-Banda tagħkom. Nagħlaq billi l-isem il-Banda tagħna nibgħat it-tislijiet tagħna lilkom kollha.

Santa Vittoria in Matenano, 6 ta' Lulju 1999

Valeriano Pettinelli
President

COMUNE DI SANTA VITTORIA IN MATENANO
Provincia di Ascoli Piceno
ITALIA

All'Amministrazione Comunale di
MQABBA - MALTA

E' con grande cordialità e simpatia che, a nome della Cittadinanza e dell'Amministrazione Comunale, rivolgo il mio saluto all'Amico e Collega Emmanuel Buttigieg e a tutti gli Amici Maltesi per l'ormai consueto appuntamento annuale che Vi vede impegnati come non mai.

Anche quest'anno colgo l'occasione per rinnovare il mio apprezzamento e la mia riconoscenza a tutti coloro che hanno contribuito al Gemellaggio tra le nostre due Comunità, con l'augurio di poter continuare a mantenere saldi i rapporti di amicizia e di collaborazione instaurati, magari ripetendo la precedente esperienza con un nuovo scambio di Comitive tra S.Vittoria e Mqabba.

I migliori auguri, dunque, per le Festività prossime e tanta serenità.

Santa Vittoria in Matenano, li 5 luglio 1999.

Il Sindaco
Francesco Mancini

**COMUNE DI SANTA VITTORIA IN MATENANO**
**Provinċja ta' Ascoli Piceno**
**ITALJA**

**Lill-Ammistrazzjoni tal-Kunsill Lokali**
**MQABBA - MALTA**

Huwa bi pjaċir kbir li f'isem il-Popolazzjni ta' Santa Vittoria in Matenano u l-Amministrazzjoni tal-Kunsill tiegħi li tirrappreżentah, għall-okkażjoni annwali tal-festa ta' Santa Marija li tarakom impenjati bħal dejjem, nibgħat it-tislijiet lill-ħabib kbir u kollega Emanuel Buttigieg u lill-ħbieb kollha ta' Malta.

Anke din is-sena nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nuri l-apprezament u r-rikonoxximent tagħna lkoll lejn dawk kollha li kkontribwew u ħadmu għas-suċċess tal-Ġemellaġġ ta' bejn iż-żewġ Komunitajiet tagħna. Nawgura li għall-futur inkomplu nżommu u nsaħħu dejjem iżjed ir-rapporti ta' ħbiberija u kollaborazzjoni li bnejna sa issa. Iddejalment permezz ta' xi skambju kulturali ieħor bejn żewġ komunitajiet min Santa Vittoria u l-Imqabba.

L-awguri tagħna u l-isbaħ xewqat għall-festa ta' din is-sena. Nawgurawlkom kull hena u sliem.

Santa Vittoria in Matenano, 5 ta' Lulju 1999

Francesco Mancini
Sindku

GRS LIMITED

Hal-Far Road,
B'Buga BBG 07
Tel. (+356) 658152
Fax (+356) 658151

*Specializing in all kinds of Road Surfacing, Servicing Works and Road Construction Works*

CF BUILDING CONTRACTORS LTD.

Hal-Far Road, B'Buga BBG 07
Tel. (+356) 658153/658154
Fax (+356) 658151

**Building & Civil Engineering Contractors specializing in Excavation, Trenching and all kinds of Construction Works**

SCHEMBRI & SONS LTD.

• Ready Mixed Concrete •
• Bricks • Kerbs •
• Paving Blocks •
• Prestressed Slabs •

Hal-Far Road, B'Buga BBG 07
Tel. (+356) 658155/658156
Fax (+356) 658151

# L-IMQABBA

## *400 sena Parroċċa*

**Ma kien hemm ebda ħsieb li dan l-artiklu jiġi miktub, iżda wara li deher artiklu fil-ktejjeb li toħroġ is-Soċjetà l-oħra fejn ġew imsemmija membri tal-Kumitat u s-Soċjetà tagħna, aħna se nirrispondu għal dan l-artiklu u ngħidu x'għamel il-Kumitat tagħna għall-festi ta' l-400 Sena Parroċċa.**

L-ewwelnett nixtiequ ngħidu lil min kiteb dan l-artiklu u li xtaq jibqa' anonimu, sabiex qabel jikteb jara li jkollu l-informazzjoni kollha tajba u eżatta u mhux nofs verità biex joħloq suspetti u jitfa' dell ikrah fuq is-Soċjetà ta' Santa Marija.

Min kiteb l-artiklu stagħġeb għax qamet polemika taħraq fil-ġurnali, meta l-istess awtur għamel artiklu mingħajr ma wera ismu u fih ipprova minn kollox biex iħammeġ Kumitat u Soċjetà. Rigward il-grupp żgħir ta' nies li semma fl-artiklu kulħadd jaf min huma u fejn ikunu. Rigward fejn qal li ż-żminijiet inbidlu għandu jkun jaf li dawn vera nbidlu għax aħna aċċettajna li jsir kollox nofs bin-nofs imma s-Soċjetà tagħna m'hi lesta qatt li tpartat id-deheb mar-ram. Rigward ir-rikonċiljazzjoni vera fir-raħal tagħna, dan urejnieh wara ftehim fuq żewġ opri li kellhom isiru fil-knisja; minflok komplejna bħala tim għażel li jikteb artiklu biex jidher sabiħ ma' ħaddieħor u jpinġi lilna koroh. Hawn infakkruh li l-istess inkurunazzjoni li tlabna aħna saret ġewwa Għawdex is-sena l-oħra u riċentement saru fjuretti ġodda għal San Ġużepp ġewwa l-Kalkara. Hawn nistaqsu, "Allura n-nies ta' l-Imqabba biss jiġu mċaħħdin minn dawn l-affarijiet?"

Hawn se nagħtu rendikont ta' x'għamel u x'laqgħat kellu l-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija mal-Kappillan u mas-Soċjetà tal-Ġilju.

Insibu li l-Erbgħa, 2 ta' Lulju 1997 il-Kumitat tagħna kellu laqgħa mal-Kappillan rigward il-festa ta' dik is-sena u l-festa ta' l-400 sena Parroċċa tas-sena ta' wara, jiġifieri ta' l-1998. Waqt din il-laqgħa, il-Kappillan wera x-xewqa li fil-Kumitat rigward il-festi ta' l-400 sena Parroċċa, il-każini tal-festi ma jiffurmawx parti mill-Kumitat (sa llum aħna għadna ma nafux eżatti min kienu n-nies li jiffurmaw parti minn dan il-Kumitat, ħlief għas-Sur Emmanuel Buttigieg). Eżatt wara li għaddiet il-festa ta' l-1997, propju nhar id-29 ta' Awissu 1997,




intbagħtet ittra bil-proposti mill-Kumitat tagħna għall-festa ta' Santa Marija 1998. Insibu li f'ittra mill-Kappillan, bid-data tat-8 ta' Settembru 1997, ġejna mistiedna biex nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ mill-Knisja ta' Bir Miftuħ sal-Knisja ta' l-Imqabba. Il-Kumitat flimkien mas-soċi u partitarji attenda bi ħġaru għall-pellegrinaġġ fejn wara saret attività ġewwa l-Każin u membri ta' l-għaqda ta' l-armar żejnu parti mill-pjazza. Wara dan l-avveniment, il-Kumitat baqa' jinsisti biex jieħu risposta mingħand il-Kappillan.

Kien nhar l-Erbgħa, 29 ta' Ottubru 1997 li waqt konverżazzjoni bit-telefon mal-Kappillan, urejna biċ-ċar li ma konniex lesti nistennew iżjed. Il-Ħadd, 9 ta' Novembru 1997, il-Kappillan informa lill-President bit-telefon li l-Erbgħa, 12 ta' Novembru 1997 kellha tinżamm laqgħa fil-*Youth Centre* f'dan ir-rigward. Fit-12 ta' Novembru, id-delegazzjoni kienet tikkonsisti fil-President Carmel Zahra, is-Segretarju Carmel Ellul, il-kaxxier Carmel Briffa u l-Assistent Kaxxier Benny Camilleri. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi t-talbiet li għamel il-Kumitat rigward il-festi Ċentinarji u 'l hekk imsejjaħ *boycott* li kien qed isir lill-Kappillan. Nistgħu ngħidu li s-sitwazzjoni bejn il-kappillan u s-Soċjetà kompliet teħżien.

Il-Ħadd, 16 ta' Novembru 1997 il-Kappillan reġa' ċempel lill-President fejn qallu li l-Erbgħa, 19 ta' Novembru 1997 kellha tinżamm laqgħa fil-Kurja mal-Vigarju, mal-Kappillan ta' l-Isqof, mal-Kappillan u delegazzjoni mis-Soċjetà tagħna. Id-delegazzjoni ffurmata minn Carmel Zahra, Carmel Ellul, Carmel Briffa, Frans Vella u



# PRIME BACON CO. LTD.

Member of the J & L Muscat Group

*MGIERET ROAD - MARSA*
*Tel: 222291/2*

Producers: PRIME WILTSHIRE CURE BACON & HAMS
ENGLISH TYPE PORK & BEEF SAUSAGES

**Awarded the**
**Malta Goverment Board of Standards Award**

**'FLOWER MARK'**
**FOR: 1. Quality; 2. Purity; 3. Hygiene**



# ELECTROCARE

PlayStation® SONY

25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 640654, Mobile: 097 7755

*Retailer of: T.V's, Videos Players and Cameras, Hi-Fi equipment, Faxes,*
*Car Stereos and Speakers, Mobile Phones, and small Domestic Appliances*
*We do also Repairs, specialising in Videos, T.V.'sHi-Fi and Playstation*

KENWOOD aiwa PIONEER The Art of Entertainment clarion Panasonic SAMSUNG GRUNDIG made for you PHILIPS DeLonghi SIEMENS

Benny Camilleri attendiet għal-laqgħa li kienet waħda kordjali, fejn fiha ġew iċċarati ħafna punti u ġejna mwiegħda mill-Kurja li aktar 'il quddiem ningħataw risposta fuq il-proposti li ressaqna.

Insibu li f'ittra tat-3 ta' Diċembru 1997, ġejna infurmati li se tinxtegħel il-koppla nhar 10 ta' Awissu kif ukoll li se ssir Translazzjoni minn San Basilju. Wara din l-ittra kompliet medjazzjoni bejn il-Kumitat u l-Kappillan fejn il-Ħadd 4 ta' Jannar 1998, il-Kappillan ikkuntattja lis-Segretarju biex issir laqgħa fis-7 ta' Jannar 1998 bejn delegazzjoni mis-Soċjetà tagħna, delegazzjoni mis-Soċjetà tal-Ġilju u l-Kappillan. Din l-istedina ġiet diskussa t-Tlieta, 6 ta' Jannar 1998 fejn il-Kumitat aċċetta l-istedina u ddiskuta li jressaq żewġ proposti li huma:

1. **li flimkien mal-Każin tal-Ġilju nagħmlu Banda waħda bejn iż-żewġ każini u ndoqqu fil-15 ta' Settembru 1998.**
2. **li dakinhar tal-15 ta' Settembru 1998 il-każini jagħtu trattament lill-Banda u wara jsir riċeviment għan-nies ta' l-Imqabba fl-Iskola.**

Din il-laqgħa saret fil-*Youth Centre* fejn għaliha attendew żewġ membri mill-Kumitat tagħna, żewġ membri mill-Kumitat tal-Ġilju, il-Kappillan u s-Sindku. (Hawn ta' min jgħid li s-Sindku m'attendiex għal-laqgħat kollha). Il-kappillan spjega li hu xtaq li ż-żewġ każini jieħdu sehem dakinhar tal-15 ta' Settembru 1998 u li kien beħsiebu jistieden grupp ta' *scouts*, jorganizza tiġrijiet taż-żwiemel, joħroġ il-ktieb ta' l-istorja tal-parroċċa u li fil-15 ta' Settembru 1998 isir Pontifikat mill-E.T. Mons. Arċisqof. Huwa qal ukoll li flimkien mal-membri tal-kumitat tal-festi ċentinarji ssir l-inkurunazzjoni ta' l-inkwadru tal-kor. Hawn ta min jgħid li ż-żewġ membri tal-Każin tal-Ġilju oġġezzjonaw li ssir l-inkurunazzjoni u ssuġġerew li jsir bust ta' l-irħam. F'din il-laqgħa ġie deċiż li l-partijiet konċernati jitkellmu waqt il-laqgħat tal-Kumitat rispettivi tagħhom, li fil-13 ta' Settembru 1998 issir wirja ta' għodda antika, tberik ta' l-annimali u tiġrijiet taż-żwiemel, fl-14 ta' Settembru 1998 iż-żewġ baned idoqqu f'banda waħda, kull każin jagħti trattament lill-banda u wara jsir kxif ta' xi tifkira ta' l-400 Sena Parroċċa. Fil-15 ta' Settembru 1998, iż-żewġ Baned idoqqu f'banda waħda u jakkumpanjaw lill-Isqof sal-Knisja u wara jagħmlu marċ sa l-iskola u hemmhekk isir riċeviment għan-nies ta' l-Imqabba u l-mistednin. Rigward id-dawl, il-Kappillan kellu jkellem lill-kuntrattur biex iħalli r-raħal armat u 'l quddiem iż-żewġ każini jiltaqgħu biex jaraw liema toroq se jarmaw. Waqt din il-laqgħa iż-żewġ membri tagħna staqsew jekk is-Soċjetà l-oħra hix se tagħmel xi nar għall-14 u 15 ta' Settembru 1998. Huma qalu li fiċ-ċirkostanzi preżenti ma setax ikollhom nar għal dakinhar. B'sens ta' rġulija iż-żewġ membri tagħna wiegħdu li min-naħa tagħna ma kienx se jinharaq nar biex ħadd ma jieħu vantaġġ fuq l-ieħor. Il-laqgħa li kien imiss tħalliet għal meta kellu jiġi lura l-Kappillan.

It-Tlieta, 24 ta' Marzu nżammet laqgħa tal-Kumitat mal-Kappillan fejn fiha ġew diskussi l-preparamenti għall-festa ta' Santa Marija u l-festi ta' l-400 sena Parroċċa. Dakinhar il-Kumitat issuġġerixxa li l-purċissjoni titmexxa minn Monsinjur Bianco. Ġew diskussi wkoll il-mixgħela tal-Knisja, it-transulazzjoni, il-ħruġ ta' l-istatwa fil-Knisja f'Settembru u l-inkurunazzjoni ta' l-inkwadru titulari.

F'din il-laqgħa l-Kappillan qal li se jagħmel ħiltu kollha biex jekk ma tiġix l-Inkurunazzjoni, tkun tista' toħroġ l-istatwa ta' Santa Marija f'Settembru. Dan reġa' qalu fit-12 ta' April meta l-Kappillan kien waqt it-tberik tal-Każin.

Il-laqgħa ta' wara saret fil-*Youth Centre* fis-26 ta' Marzu 1998m, il-Kappillan qal jekk kienx possibli li l-festa prinċipali ssir fit-13 minflok fil-15 ta' settembru 1998. Iż-żewġ soċjetajiet ma qablux għaliex fit-13 ta' Settembru 1998 kienet taħbat il-festa tal-Grazzja u kien diffiċli li jsibu l-Bandisti, u anke minħabba li ma jkunux jistgħu jattendu ħafna nies. Wara, id-delegazzjoni tal-Ġilju qalet li lesta li taċċetta l-inkurunazzjoni iżda huma xtaqu li peress li l-pedestall preżenti wasal biex issirlu manutenzjoni sħiħa għax hu mimli bis-susa u mhux maħdum għaliha, jagħmlu pedestall ġdid tal-fidda fi żmien ħames snin. Is-Soċjetà tagħna wegħdithom li kellha tiddiskuti din il-proposta fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat. Id-delegazzjoni tagħna kienet għamlet proposta li għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju, il-faċċata u l-kampnar tal-Knisja jinxtegħlu l-ġimgħa kollha u għall-festa ta' Santa Marija tinxtegħel mit-30 ta' Lulju sal-15 ta' Awissu 1998.

Id-delegazzjoni tal-Ġilju għamlet proposta lid-delegazzjoni ta' Santa Marija biex waqt il-festa ta' Santa Marija, it-Transulazzjoni li bħalissa toħroġ mill-knisja u terġa' tidħol fl-istess knisja, tibda mill-Kappella ta' San Bażilju sal-Knisja Parrokkjali u min-naħa tal-Ġilju, meta toħroġ l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju tkun tista' toħroġ fuq iz-zuntier ukoll. Id-delegazzjoni ta' Santa Marija wiegħdet li tagħti risposta fil-laqgħa li kien imiss. Il-laqgħa waqfet ħesrem għax il-kappillan kellu jmur jassisti lil xi ħadd li kien qed imut.

Dawn il-punti mqanqla ġew diskussi waqt laqgħa tal-Kumitat nhar it-Tlieta, 31 ta' Marzu 1998. Wara diskussjoni fit-tul, il-Kumitat tagħna qabel li jsir il-pedestall tal-fidda u li għandhom jitressqu seba' domandi rigward il-pedestall tal-fidda. Qabel ukoll li l-ħruġ tal-Madonna tal-Ġilju min-niċċa għal fuq iz-zuntier isir qabel nofsinhar u l-membri kellhom jistaqsu wkoll:

1. **jekk hux se jindaqqu qniepen waqt il-ħruġ ta' l-istatwa fuq iz-zuntier u l-Kumitat tagħna ma qabilx li l-banda tidħol iddoqq fuq iz-zuntier;**
2. **jekk għall-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena, għall-purċissjoni setgħetx tinġieb Bażilika minn xi kolleġġjata biex tieħu sehem fil-purċissjoni;**
3. **dwar proposti ġodda għad-dawl li jinxtegħel għaż-żewġ festi;**
4. **jekk il-kuruna tistax tittella' b'purċissjoni minn Triq Karmenu Ciantar mill-Isqof jew mill-Kappillan tal-Parroċċa.**
5. **jekk sett gandlieri qodma kellhomx jiġu rranġati biex jintużaw fl-altar tal-kor ta' Santa Marija għall-festa tal-Ġilju u għall-festa ta' Santa Marija.**

Dan kollu ġie mistoqsi waqt laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa, 3 ta'




Ta' Ċelest

**CHARLES MOTOR SERVICE**

Qrendi Road, Mqabba ZRQ 07

Tel: 640275, 682200 Residence: 689531, 689024 Mobile: 099 0184

*Fantasy Flowers*



*Arrangements for all occasions*
*Weddings, Engagements, Baptisms, etc.*

"Madonna ta Pinu"
Triq il-Ħarriġiet,
Mqabba, ZRQ 08.

Tel: 611032

April 1998. Is-Soċjetà tal-Ġilju qalet li kienet se ġġib risposta fuq dawn il-punti fil-laqgħa li jmiss, però qalu li l-ħruġ ta' l-istatwa fuq iz-zuntier kellu jkun b'aspett reliġjuż fejn il-Banda ddoqq innijiet Marjani.

Il-laqgħa li kien imiss saret nhar it-Tlieta, 7 ta' April fil-*Youth Centre*. Id-delegazzjoni tal-Ġilju ġabet ir-risposti għad-domandi magħmula rigward il-pedestall u magħhom ġabu proposta li jdaħħlu l-anġlu fin-niċċa. F'din il-laqgħa, id-delegazzjoni tal-Ġilju għamlet numru ta' mistoqsijiet rigward il-kuruna fejn ġie miftiehem li l-kuruna għanda tittella' proċessjonalment minn Triq Karmenu Ciantar. Rigward il-Bażilika li d-delegazzjoni tagħna talbet għaliha, id-delegazzjoni tal-Ġilju qablet li tinġieb il-Bażilika u għall-festa tal-Ġilju tinġieb komunità ta' Patrijiet bl-uffiċjatura. Rigward il-gandlieri tal-kor, id-delegazzjoi tal-Ġilju qablet li dan għandu jsir u magħhom għandu jsir sett fjuretti biex jintrama fiż-żewġ festi. Il-Kappillan qal li jekk hu possibbli ma jitressqux proposti oħra biex ikun jista' jintlaħaq ftehim.

Min-naħa tagħna dawn il-proposti ġew diskussi waqt laqgħa tal-Kumitat nhar l-Erbgħa 8 ta' April 1998. Il-Kumitat aċċetta r-risposti rigward is-seba' punti mressqa mid-delegazzjoni tagħna iżda m'aċċettax il-proposta li jiddaħħal l-anġlu fin-niċċa. Rigward il-ħames mistoqsijiet li saru lill-Kappillan mid-delegazzjoni tal-Ġilju rigward l-inkurunazzjoni, il-Kumitat qabel ma' erbgħa minnhom. Il-Kumitat ma qabilx li jpartat it-transulazzjoni mal-ħruġ tan-niċċa fuq iz-zuntier fuq bażi permanenti u qabel li jsiru sett fjuretti ġodda.

Il-Ħadd, 19 ta' April 1998 saret laqgħa oħra fil-*Youth Centre* bejn iż-żewġ delegazzjonijiet u nistgħu ngħidu li kien intlaħaq xi forma ta' ftehim, biss is-Soċjetà tal-Ġilju baqgħet tinsisti li l-anġlu jiddaħħal fin-niċċa bħala parti mill-ftehim ta' l-inkurunazzjoni. Id-delegazzjoni tagħna baqgħet tgħid li dan il-punt mhux aċċettabbli. Huma talbuna li dan il-punt nerġgħu niddiskutuh fil-laqgħa tal-Kumitat. Dan il-punt reġa' ġie diskuss 'l għada, 20 ta' April 1998 waqt il-laqgħa tal-Kumitat fejn għal darb'oħra ma ntlaħaqx ftehim beix l-anġlu jiddaħħal fin-niċċa. Dan ġie spjegat lid-delegazzjoni tal-Ġilju fil-laqgħa tal-Ħamis, 23 ta' April 1998. Hawnhekk sar intervent mis-Sur Emmanuel Buttigieg kif ukoll mill-Kappillan biex dan il-ftehim li kien intlaħaq ma jispiċċax hawn. Id-delegazzjoni tal-Ġilju wiegħdet li se terġa' tiddiskuti dan il-punt fl-ewwel laqgħa li l-Kumitat kien se jkollu.


L-E.T. l-Isqof Awżiljarju Annetto Depasquale, il-Kappillan flimkien ma' l-uffiċjali u l-membri tal-Kumitat.

Insibu li fil-25 ta' April 1998, is-Soċjetà tal-Ġilju bagħtet ittra lis-Soċjetà tagħna fejn fiha aċċettaw li l-anġlu ma jiddaħħalx fin-niċċa. Sakemm ġie ffformulat il-ftehim saru diskussjonijiet rigward id-dawl u jekk il-Vigarju Ġenerali għandux jittella' bil-Banda. Rigward il-Banda għall-Vigarju, il-Kappillan qal li l-Vigarju ma jkunx jixtieq jittella' bil-Banda. Rigward il-mixegħla tal-Knisja ntlaħaq ftehim fuq il-festi ta' dik is-sena. Wara ġie ffirmat il-ftehim bejn is-Soċjetà tagħna, is-Soċjetà tal-Ġilju, il-Kappillan u s-Sur Emmanuel Buttigieg.

Hawn ta' min isemmi li rigward ir-rikorsi li ssemmew fl-artiklu, is-Soċjetà tagħna la għandha kopja tagħhom u lanqas qatt ma rathom. Ir-risposti li rċieva l-Kappillan mingħand il-Kurja qatt ma rajnihom għalkemm tlabna kemm-il darba kopja tagħhom lill-Kappillan. Rigward in-Nutar li jissemma fl-artiklu, nistgħu ngħidu li qatt ma ġie ffirmat quddiem Nutar u li s-Sur Emmanuel Buttigieg iffirma wara. Rigward id-data tad-9 ta' Ġunju 1998, dwar ir-risposta li l-inkurunazzjoni u l-pedestall mhux se jsiru, il-Kumtiat tagħna sar jaf ħafna wara u x'inhi r-raġuni ma nafux.

Waqt laqgħa li saret fl-4 ta' Awissu 1998, fejn ġew diskussi l-aħħar preparamenti għall-festa ta' l-400 sena Parroċċa, il-Kappillan għarrafna li l-


Il-kwadru titulari ta' Marija Assunta

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**
**TEL: 611647, 647235 FAX: 682245**

# Emanuel Cini

**FOR ALL MACHINERY MAINTENANCE & REPAIR**

"Meteora" Plot 28
Triq il-Konvoj ta' Santa Marija,
Mqabba

**Tel: 685014 Mobile: 0942 6850**

# VIPER *Garage*

SPRAY PAINTING

PANEL BEATING

ST. JOSEPH GARAGE, VALLETTA ROAD, MQABBA
TEL: 689765 MOB: 09420835
PROP.: IVAN BALZAN

inkurunazzjoni mhux se ssir, ġie diskuss jekk hux possibbli li l-inkwadru ta' l-altar tal-kor jittella' b'pellegrinaġġ minn Triq Karmenu Ciantar sal-Knisja merfugħ miż-żewġ każini. Dan huwa kontra ta' dak li jissemma fl-artiklu l-ieħor. Issemmiet ukoll li f'każ li ma jkunx l-inkwadru, tittella' r-relikwija tal-Madonna minn Triq Karmenu Ciantar sal-Knisja u l-Banda ddoqq innijiet Marjani. F'din il-laqgħa ntlaħaq ftehim dwar x'nar kellu jinħaraq u x'armar kellu jintrama.

Ref: 40/98 F.C.

25 ta' Awissu 1998.

KOMUNIKAT DWAR L-GHELUQ TAL-FESTI CENTINARJI

Għall-grazzja t'Alla u bl-interċessjoni t'Omm Marija Santa, il-Festi Titolari u Sekondarja għaddew b'wiċċ il-għid. Dawn il-festi kienu jiffurmaw ukoll parti mill-programm ta' ċelebrazzjonijiet ta' l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa u għalhekk ġew iċċelebrati b'mod aktar differenti mis-soltu.

Issa wasal il-mument li bħala familja waħda, f'din il-parroċċa nikkonkludu l-ħsieb u ċelebrazzjonijiet tagħna fuq Kristu li hu r-Ragħaj u l-Imgħallem tagħna lkoll.

B'dan il-ħsieb, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Parrokkjali u b'approvazzjoni unanima tal-Presbiterju Parrokkjali u ta' l-Awtorita' Ekkleżjastika, rajt li huwa xieraq li għall-okkażjoni ta' l-għeluq ta' dawn il-festi ċentinarji l-istatwi kollha jkunu fin-niċċi tagħhom armati bħas-soltu bix-xemgħa quddiemhom u l-altari jkunu mżejna kif jixraq għal din l-okkażjoni.

Inħeġġeġ lill-membri kollha tal-parroċċa biex il-għeluq ta' dawn il-festi ċentinarji jkompli jkabbar fina l-imħabba lejn Ġesu' u lejn xulxin, kif trid Omm Marija.

Fr.Joseph Bartolo
Kappillan

C.C. Mons. Annetto Depasquale, Vigarju Generali
Segretarju Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Segretarju Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju

Il-Ħamis, 27 ta'Awissu 1998 saret laqgħa oħra ġewwa l-*Youth Centre* fejn għaliha kienu preżenti delegazzjoni mis-Soċjetà tagħna u oħra mis-Soċjetà tal-Ġilju u l-Kappillan. Wara talba, il-Kappillan ta karta lis-Segretarji rispettivi fejn fiha kien hemm il-komunikat ta' l-għeluq tal-festi ċentinarji li x'ħin qrajnieh bqajna mistagħġbin li wara tant laqgħat u wara tant wegħdiet ma kien fih xejn li jagħmel ġieħ lil dawn il-festi li jiġu darba f'mitt sena. Wara ħafna medjazzjoni u wara li l-Kumitat tagħna talab kemm-il darba lill-Kappillan biex jirrevoka dak il-komunikat u jmur għal dawk il-wegħdiet li kien għamel, il-Kappillan baqa' jsostni l-pożizzjoni tiegħu fejn il-Kumitat tagħna ma kellux triq oħra ħlief li jsejjaħ għal-Laqgħa Ġenerali fejn fiha ġiet spjegata s-sitwazzjoni bejn is-Soċjetà u l-Kappillan, u wara li saret votazzjoni l-laqgħa unanimament qablet li m'għandhiex tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet.

SOĊJETA' SANTA MARIJA
BANDA RE ĠORĠ V
Est. 1910

41, Pjazza tal-Knisja, Mqabba, ŻRQ 08. - Tel: 680022.
INTERNET: [illegible]
EMAIL: [illegible]

29 t'Awissu, 1998.

Rev. Fr. Joseph Bartolo,
Uffiċċju Parrokjali,
2, Pjazza tal-Knisja,
Mqabba.

Għażiż Fr. Joe Bartolo,

B'referenza għall-ittra tiegħek ta' nhar il-Ħamis 27 t'Awissu 1998 "Komunikat dwar l-Għeluq tal-Festi Ċentinarji" [illegible] Santa Marija.

[illegible]

Inselli għalik.

Carmel Ellul
Segretarju.

C.C. Mons. Annetto Depasquale, Vigarju Ġenerali

Illum, sena wara, l-uniċi tifkiriet li fadal huma tliet irħamiet, iżda l-akbar tifkira għamlitha s-Soċjetà tagħna meta żanżnet pittura maestuża tal-Madonna li r-raħal tagħna huwa taħt il-Patroċinju tagħha u li ħaddieħor ipprova jinjora.

Rigward it-telefonata li ssemmiet, nistgħu nassiguraw lin-nies ta' l-Imqabba li mhux telefonata waħda saret, iżda saru ħafna telefonati miż-żewġ naħat. Rigward l-aħħar erba' punti li ssemmew fl-artiklu, is-Soċjetà tagħna fuq it-tielet punt biss indaħlet u ma ħallietx lis-Soċjetà l-oħra tuża l-arbli biex iddendel il-bandalori, u fit-tliet punti l-oħra kien hemm ħaddieħor biex jiddeċiedi jekk is-Soċjetà tal-Ġilju tiħux sehem.

Fl-artiklu tissemma r-

Lis-Segretarju
Każin Sta. Marija
Pjazza tal-Knisja
Mqabba.

3 ta' Diċembru 1997

Għażiż Segretarju,

Għandi pjaċir ninfurmak li, wara ħafna taħdidiet u konsultazzjoni li jiena kelli ma' l-uffiċjali tal-Kurja, jirriżulta li ser joħroġ il-permess għall-[illegible] tal-Knisja u kappella mid-9 sal-15 ta' Awissu, jiġifieri inkluż l-10 ta' Awissu. Naturalment din għal din is-sena ċentinarja, imma ninsab fiduċjuż li bi ftit aktar kooperazzjoni minn kulħadd dan il-permess joħroġ darba għal dejjem ma jdumx.

It-Translazzjoni, din is-sena ċentinarja wkoll, ser tkun tista' toħroġ mill-Kappella San Bażilju. F'dan il-każ ukoll jien ser inkompli naħdem biex iktar il-quddiem, din tkun tiġi regolari.

Rigward punti oħra li semmejtlek meta ltqajna fl-ħanut tiegħek, nikkonfermalek fiċ-ċert mill-iktar fis possibbli. Nitolbok tgħaddi din l-informazzjoni lill-President u l-Kumitat tiegħek.

Inselli ħafna għalikom,

Fr. Joseph Bartolo
Kappillan

rikonċiljazzjoni. Din trid twettaqha u mhux tpaċpaċ fuqha biex tidher sabiħ għax eżempji rajna ħafna, fosthom li għal tant snin is-Soċjetà tagħna tibgħat l-awguri tal-Milied permezz ta' kartolina filwaqt li ħaddieħor ma jibgħat xejn, li noffru l-Bandisti għall-funerali u ma taċċettax għax bl-iskuża li mhux bil-miktub ma taċċettax, li tiftiehem li żewġ marċi partikolari ma jindaqqux quddiem il-Każini rispettivi u minflok iddoqq marċ ieħor bi kliem baxx, u nistgħu nibqgħu sejrin u ma nieqfu qatt.

Nerġgħu ntennu li ma kellna ebda ħsieb li niktbu dan l-artiklu iżda kien hemm bżonn li nuru l-verità bil-fatti u li ma nħallu lil ħadd fid-dubju.

Aħna dan esprimejnih ukoll nhar it-Tlieta, 15 ta' Ġunju 1999 waqt riċeviment fil-Każin tal-Ġilju ma' membru tal-Kumitat tal-Ġilju għax ħassejna li konna mweġġgħin bl-artiklu li nkiteb.

*Carmel Ellul*

*Carmel Zahra*

**Id-Droga therrilek moħħok u teqridlek ħajtek, il-Mużika tiftaħlek moħħok u tagħtik skop f'ħajtek.**

# SCICLUNA FLORIST GARDEN CENTRE

**"Cor Jesus" Triq il-Bronja**
**Żurrieq**
**Tel: 649621, 676252**

**Specialists in arrangements of fresh and artificial flowers for Weddings, Engagement Parties and Funerals**

**Accepts orders for printing of invitations.**

**Souvenirs, Tulle and Accessories for all occasions at moderate prices.**

# Let's talk beauty

Trade Enquiries: ***Euroel Ltd.***
Bertilla, Qrendi Rd., Żurrieq ŻRQ 04
Tel: 611579

# *Cut of Class*

UNISEX HAIR BEAUTY SALON

Mulino Shopping Arcade
Maatteolo Saliba Street, Żurrieq ŻRQ 02
Tel: 611576 Mobile: 0942 3958

# L-ALTARI TAL-KORSIJA

minn Tony Terribile

**Fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra rajna ġrajjiet l-altari laterali tal-kappelluni. Din is-sena jmissna ġrajjiet l-erba' altari laterali li nsibu fil-korsija jiġifieri ta' l-Ispirtu s-Santu, ta' San Pawl, tal-Viżitazzjoni u ta' San Gejtanu.**

**L-Ispirtu s-Santu**

Meta fl-1745 l-Isqof Alpheran żar dan l-altar osserva qabel xejn li l-kwadru ta' dan l-altar kien imdawwar bi gwarniċa sabiħa tal-ġebel. Kienet indurata u fuq kull naħa kien hemm kolonna tal-ġebel. Dan l-altar kien twaqqaf bi spejjeż it-tabib Gregorio Brancati fl-1732. Dan l-altar, iżda, ma kellux dak kollu meħtieġ għas-servizz tiegħu u għalhekk l-Isqof talab lil Dun Fortunat deBrincat, li kellu l-benefizzju ta' dan l-altar, biex jipprovdi dak kollu meħtieġ u li kien nieqes. L-Isqof Alpheran qal ukoll f'din il-vista li l-qassis Dun Valerio Brancati fis-26 ta' Marzu 1668 ħalla obbligu marbut ma' dan l-altar ma' art li tinsab fl-inħawi ta' Xħaret Imqaleb fir-Rabat Għawdex.



Fuq dan l-altar kien hemm imwaqqaf guspatronat lajkali li kien jikkonsisti f'żewġ biċċiet art imħollija minn Marija Magro fl-atti tan-nutar Beneditt Vassallo tas-26 ta' Settembru 1680. Dan il-legat kien marbut maċ-ċelebrazzjonijiet ta' seba' quddisiet letti li dawn kellhom jiġu ċċelebrati fi żmien l-Għid u fi żmien il-Pentekoste.

**L-altar ta' San Pawl**

Skond l-istess vista ta' l-Isqof Alpheran de Bussan (1745) dan l-altar kien miżmum tajjeb ħafna. Il-pittura kienet imdawra bi gwarniċa tal-ġebel b'kolonna fuq kull naħa. Il-kwadru kien jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Quddiem din il-pittura kien mixgħul lampier. Fuq dan l-altar kienu jiġu ċċelebrati żewġ festi, waħda fil-21 ta' Jannar f'ġieħ San Publju u l-oħra fl-10 ta' Frar f'jum it-tifkira tan-nawfraġju ta' l-appostlu missierna San Pawl.

Kull sena imbagħad, fis-sena 26 t'Awissu, fuq dan l-altar kienet issir quddiesa b'sufraġju ta' Dun Enrico Cuschieri li kien kappillan f'din il-Parroċċa. Din it-tifkira kienet issir b'quddiesa kantata, bil-kant tal-Libera, bit-tberik tal-qabar, bid-daqq tal-qniepen u bil-mixgħela ta' erba' xemgħat fuq dan l-altar. Barra dan, kienu wkoll jiġu ċċelebrati tliet quddisiet għal ruħ Dun Enrico Cuschieri, u dawn kienu jsiru waħda fil-festa ta' San Publju, oħra fil-konverżjoni ta' San Pawl u oħra fil-festa tan-Nawfraġju.

Responsabbli ta' dan l-altar kienet il-Veneranda Lampade. Il-prokuratur ta' din il-Veneranda Lampade kien ukoll jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjoni ta' tliet quddisiet li dawn kellhom jiġu ċċelebrati permezz ta' legat imħolli minn Tereża Cuschieri fl-atti tan-nutar Injazu Debono tal-25 ta' Lulju tas-sena 1726. Dawn kienu jiġu ċċelebrati fil-festa tal-Lunzjata, ta' Santa Marija u fil-festa tal-Viżitazzjoni.

**L-altar tal-Viżitazzjoni**

Dan l-altar qiegħed ifakkar knisja qadima tal-Viżitazzjoni li kienet wieqfa f'dawn l-inħawi sa' minn qabel is-seklu sittax. Fl-1575 Monsinjur Duzina żar din il-knisja u billi sabha fi stat ħażin ħafna ipprofanha.

Skond il-vista ta' l-Isqof Gargallo (1588-1602) sas-sena 1600 din kienet reġgħet infetħet, iżda meta ġew biex jibnu l-knisja l-ġdida ta' Santa Marija din kellha tinħatt u b'tifkira kellu jitwaqqaf dan l-altar.

Meta fl-1745, l-Isqof Alpheran żar dan l-altar osserva li dan kien imżejjen b'żewġ kolonni tal-ġebel waħda fuq kull naħa, filwaqt li fuq nett, bħala parti mill-prospettiva kien hemm kwadru tas-Salvatur.

Barra dan, fuq l-altar imsemmi kien meqjum kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Il-festa ta' dan il-kwadru kienet tiġi ċċelebrata kull sena bil-kant ta' l-Għasar u bil-quddiesa kantata. Il-prokuratur tal-Veneranda Lampade kien jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa.

Il-festa tal-Viżitazzjoni mbagħad kienet tiġi ċċelebrata kull sena fit-2 ta' Lulju bl-għasar u bil-quddiesa.

Fir-rapport ta' din il-vista naqraw kif l-Isqof isemmi wkoll xi obbligi li kienu marbuta ma' dan l-altar dwar ċelebrazzjonijiet ta' quddies, fosthom dik imħollija minn Marija Mallia kif jidhru fl-atti tan-nutar Mark Antonio Brancati tat-22 ta' Awissu 1964.

**L-altar ta' San Gejtanu**

Dan l-altar huwa magħruf ħafna bħala ta' Sant'Antnin, iżda fil-pittura naraw ukoll ix-xbieha ta' San Gejtanu. L-Isqof Alpheran de Bussan fl-1746, sab dan l-altar fi stat tajjeb ħafna. Il-festa ta' Sant'Antnin kienet tiġi ċċelebrata kull sena bil-kant tal-Vespri u bil-quddiesa kantata. Il-lampier kien ukoll jinxtegħel ta' spiss.

Skond ir-rapport ta' dan l-Isqof, l-aħwa Marija u Antonia Agius kienu ħasbu għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa kif ukoll għall-ħtiġijiet kollha ta' dan l-altar.

**Kif rajna, permezz tal-kitba ta' din is-ena u wkoll tas-sena l-oħra, it-tmien altari laterali tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba għandhom marbuta magħhom storja interessanti, minsuġa ma' ġrajjiet din il-Parroċċa qadima ddedikata lil Santa Marija.**




# B & G

## HARDWARE STORE

- A large selection of Electrical & Water Fittings
- Hand Tools, Power Tools, Light Fittings & other hardware
- 10% Discount on Paints & Power Tools
- Delivery Service Available
- Tools for Hire

St Thomas Street, Luqa LQA 03
Tel/Fax: 67 53 62 Mob: 097 5303

# Fis-Solennità ta' l-Assunzjoni ta' Marija

minn Joe Chetcuti

***"U nfetaħ it-tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu, fit-tempju tiegħu."***

Dawn il-kelmiet meħudin mill-Ktieb ta' l-Apokalissi ta' San Ġwann l-Evanġelista, (Kap 13 vers 19), nistgħu napplikawhom ukoll għal din il-ġurnata, is-solennità liturġika tat-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem tal-Verġni Omm Alla u Ommna Marija.

Wara li Marija temmet iż-żmien ta' ħajjitha fid-dinja, il-ġisem tagħha ma għaddiex għall-korruzzjoni tal-qabar, iżda ġie meħud hemm fejn jgħammar Alla u Binha, fit-tgawdija tas-Sema. Għalhekk tassew li f'din is-Solennità Marjana nistgħu ngħidu li "nfetaħ it-tempju ta' Alla" u hemm, fit-tempju tas-Sema fejn jgħammar Alla "dehret l-Arka tal-Patt tiegħu" jiġifieri l-Verġni Omm ta' l-Iben t'Alla, tabilħaqq ARKA tal-Patt ta' Alla mal-bnedmin għaliex ġewwa fiha tnissel u għammar l-Iben t'Alla magħmul Bniedem li WAĦDU hu l-medjatur bejn Alla u l-bnedmin u "għal kulħadd ta lilu nnifsu bħala rahan (1 Tim 2:6). Marija kienet dik l-ARKA tal-Patt magħmul bis-saħħa ta' Kristu, patt ta' mħabba u sliem patt li miegħu kellu jġib ir-rebħa ta' Kristu fuq kollox, saħansitra fuq il-mewt.

It-Tlugħ ta' Marija bir-Ruħ u bil-Ġisem fil-glorja t'Alla huwa frott tal-Patt il-Ġdid, frott ir-rebħa minn Kristu kif għallem l-Appostlu Missierna: "...jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet" (1 Kor 15:21).

Rebaħ Kristu u miegħu rebbaħ lilna wkoll, lilna frott tal-fidwa miġjuba minnu. Imma dik ir-rebħa ta' Kristu fuq kull għadu, saħansitra fuq l-aħħar għadu, jiġifieri l-MEWT, ma kellhiex issir addoċċ, kif intqal ukoll mill-Appostlu tagħna: "kulħadd skond kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu" (loc. ċit., v.23).

U fost il-bnedmin kollha, mifdija minn Kristu, min hu "ta' Kristu" aktar milli hija Marija, l-omm Verġni tiegħu? Tant hija ta' Kristu li lilha Ġesù ried jifdi b'mod speċjali, b'mod uniku; magħha Ġesù ried jaqsam ir-rebħa tiegħu mhux biss QABEL l-oħrajn, imma wkoll b'mod differenti minn dawk ta' l-oħrajn kollha, tal-ġusti kollha... ta' dawk li huma "ta' Kristu".

It-Tlugħ fis-sema bir-Ruħ u bil-Ġisem ta' Marija għandu wkoll messaġġ partikulari magħqud miegħu, in kwantu mhux biss nistgħu nagħrfu l-pjan t'Alla għall-umanità mifdija, imma nistgħu wkoll naraw ir-rieda t'Alla li TIPPROMWOVI lill-MARA, għaliex ma' ġenb Kristu Rxoxt, fl-ogħla post, hemm ukoll MARA RXOXTA minn Kristu... jiġifieri Marija (Katekeżi tal-Papa Ġwanni Pawlu fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 1997).

F'din is-solennità ta' l-Assunzjoni ta' Marija ħalli niftakru wkoll fid-destin nobbli li għalih Alla ħalaqna, fid-dinjità li għaliha Huwa ried jgħolli lill-bnedmin anke fl-istess ġisem uman tiegħu, minkejja li s-soċjetà ta' żmienna ma' tehdiex tissoġġetta ta' spiss u għal tant umiljazzjonijiet u profanazzjonijiet il-ġisem tal-bniedem.

J'Alla l-misteru tat-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem ta' Marija jservi wkoll għalina ta' TAMA sħiħa biex bil-kuraġġ nimxu fuq il-passi ta' Marija, jiġifieri bħal Marija nkunu dixxipli leali ta' Binha u Sidna Ġesù Kristu. U għal dan il-għan, Ġesù nniffsu ried li, minbarra l-qawwa primarja li niksbu minn għandu, ikollna wkoll il-ħarsien speċjali ta' Marija, jiġifieri dik il-ħidma tagħha favur il-bnedmin, ħidma li "bl-ebda mod ma ddallam jew tnaqqas... il-medjazzjoni unika ta' Kristu, iżda turi kemm tiswa" (Lumen Gentium, 60). Għaliex, għalkemm Marija ġiet imtellgħa s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem tagħha, madankollu hija għadha "Bl-imħabba tagħha ta' Omm tieħu ħsieb l-aħwa ta' l-Iben tagħha li għadhom imdawrin minn perikli u tiġrib, sakemm ma jkunux imdaħħlin fis-saltna tas-Sema" (Lumen Gentium, 62).



*L-istatwa ta' Santa Marija tidher imdawra bil-partitarji ġewwa l-Knisja. Ritratt meħud madwar 35 sena ilu.*

# AZ STATIONERY BAZAAR

VJAL L-INDIPENDENZA, ŻURRIEQ.
TEL: 640528
(Wara l-Mitħna tax-xarolla)

*Where you can find a large selection of stationery, school bags, books, magazines, toys, gifts and cards for all occasions, etc.*

**(Full Colour Photocopy Service)**
**Photocopies at the cheapest prices.**

Newspapers on sale from Monday to Sunday



# Charlie Zammit

*Prop:*
Carmel Zammit

**Radiator Repairer & Supplier of New Radiators at competitive prices**

*Workshop:*
**Paul's Garage**
Siġġiewi Road,
Żebbuġ
Tel: 467012, 647607



**Opening hours:**
*Monday to Friday from 7.00a.m. to 5.00p.m.*
*Saturday from 7.00a.m. to 1.00p.m.*


A complete range of Services executed
with years of experience in Travel
AIR & SEA TICKETS
HOTEL ACCOMMODATION
GROUP TOURS
COACH HOLIDAYS
INSURANCE
and all your travel requirements.
BSL
BRITANNIA TOURS
173, Melita Street, Valletta.
Tel. 238039, 245418
Lic. E/5
IATA

FESTA FEVER!
FESTA PACK
Ericsson GA628 GSM phone with in-car holder,
in-car charger and personal hands free kit.
Lm80
Special Prices
on other models
with this advert.
STARTER PACK
Ericsson GA628 GSM phone,
SIM card and Lm10 call voucher.
Lm99
THE VILLAGE, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi.
☎ 460 334 - 0949 0640.




# STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances including:

* Food processors, coffee and tea makers
* Kettles, toasters and irons
* Washing machines (automatic and twin-tub)
* Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
* Refrigerators and freezers
* Televisions and video recorders/playbacks
* Hi-fi equipment and satellite receivers
* Vacuum cleaners
* Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
* Pots, pans and cutlery sets
* Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

*St. Thomas Street, Luqa LQA 05. Tel/Fax: 803017*

# Omm il-Gżejjer Maltin

Geoffrey G. Attard

**Hena tad-Dinja, Kewkba ta' filgħodu**
**Li ġibt ix-xemx, u wlidt lil dak li ħalqek,**
**Midd idejk ħelwa biex terfagħna u tgħinna,**
**Verġni Marija.**

B'dan il-kliem meqjus, jingħata bidu għall-innu ta' l-Ewwel Għasar tal-15 ta' Awissu li s-saċerdoti Kattoliċi madwar id-dinja kollha jtennu mil-Liturġija tas-Sigħat, nhar l-14 ta' Awissu filgħaxija, il-festa ta' l-Assunta, Omm u Sultana tal-gżejjer Maltin. F'dawn il-ftit versi meqjusa imma daqstant ieħor qawwija, tingabar it-talba ħelwa tagħna lil Marija Omm tagħna u Sultana tagħna, talba li toqgħod sewwa, speċjalment fl-okkażjoni tal-festa tagħha tal-15 ta'Awissu, meta l-Knisja mħeġġa mill-imħabba lejn l-Omm tagħha, tiċċelebra l-festa solenni tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija. Marija hija msejħa s-sellum li jgħaqqad l-art mas-sema, dik li ttella' quddiem Alla t-talb ta' wliedha kollha u qatt ma tieqaf tniżżel fuqhom id-doni tal-grazzja tiegħu. Marija hija s-Sultana tal-profeti u ta' l-appostli, il-ġemgħat qaddisa tar-Rabta l-Qadima u tar-Rabta l-Ġdida, is-Sultana qaddisa tas-sema u l-art.

*Ave Maris Stella,* Insellmulek Kewkba tal-Baħar. Kewkba tal-Baħar għax bħal kewkba f'nofs ta' lejl tgħasses fuq uliedek biex tara li ma jaqgħux fil-ħofra ta' l-hemm imma jimxu dejjem wara d-dawl tax-Xemx li Hi stess nisslet f'ġufha, Binha u Ħuna l-Kbira, Sidtna Ġesù Kristu. Meqjus ukoll il-kliem tal-Papa ta' l-Assunta, Piju XII li fl-enċiklika tiegħu *Munificentissimus Deus* idur fuq il-Verġni Marija u ispirat minnha jikteb; "Missirijiet il-Knisja u l-għorrief kbar tagħha fl-omeliji u t-talb tagħhom f'jum il-festa tat-tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija, jitkellmu fuq dan il-misteru bħala verità magħrufa sa minn dejjem u milqugħa mill-Insara kollha. Huma jgħarblu sewwa dan il-misteru u juru t-tifsir sħiħ tiegħu hekk li aħna nifhmu malajr li din il-festa mhux biss tfakkar li l-ġisem mejjet tal-Verġni Marija qatt ma ra t-taħsir tal-qabar imma tfisser ukoll li Marija kisbet rebħa kbira fuq il-mewt u għalhekk tgħolliet għall-glorja tas-sema, glorja bħal dik ta' l-Iben il-Waħdieni tagħha" (mill-Enċik. *Alla li jqassam id-doni b'idejh miftuħa).* Il-Papa Piju XII, imsejjaħ il-Papa ta' l-Assunta, qabel ma pproklama d-domma ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija fis-sema, fela sewwa l-kitbiet tas-santi padri u d-dutturi tal-Knisja li kitbu dwar dan il-misteru kbir Marjan.

Il-Papa Piju XII isemmi fost l-oħrajn, lil San Ġwann Damaxxenu li huwa l-aqwa wieħed fost dawk kollha li fissru dan il-misteru, u jgħidilna li huwa jqabbel it-tlugħ glorjuż ta' l-Omm ta' Alla bir-ruħ u bil-ġisem fis-sema mal-privileġġi u l-grazzji l-oħra kollha li bihom kienet imżejna



# AIR CONDITIONERS



Direct from the Importer



* Maximum comfort and silence
* High Quality Japanese Manufacture
* Cool, Heat, Dehumidify & Auto Cooling System
* Low operational cost and energy saving
* Remote Control
* 3 Year Guarantee
* Professional installation by company experts. using high quality materials.
* Prices inclusive of installation

**PRICES starting from Lm 275**



din l-Omm ċelesti. Ġwanni Damaxxenu jurina kif kien tassew xieraq li kif din l-Omm ta' Kristu żammet bla mittifiesa xbubitha, hekk li mhux biss baqgħet verġni imma wkoll tnissel mingħajr ħtija, issa f'mewtha wkoll iżżomm bla mittiefes xbubitha. Hekk Marija, sew fid-dħul tagħha fid-dinja kif ukoll fil-ħruġ tagħha minn din id-dinja imperfetta, tkun safja u niekta quddiem Alla. Hekk kien jixraq lil Marija; li tkun Immakulata, Omm Alla u issa Assunta; mara bi privileġġi singulari għax Omm l-istess divinità.

*Ave, Seded Sapientiae,* Insellmulek Tron ta' l-Għerf. Hekk intennulha fil-Litanija tar-Rużarju Mqaddes li xtaqitna li ngħidu ta' kuljum. Tron ta' l-Għerf, iva għax ġisimha, tempju safi ta' l-Ispirtu s-Santu, kellu jservi bħala magħqad biex fuqu joqgħod il-Prinċep tas-Sliem, Sidna Ġesù Kristu. Minn ġufha twieled il-Mulej, minnha twieled dak li jgħidulu l-Messija. Għalhekk tissejjaħ Tron ta' l-Għerf t'Alla, bħalma fis-sema Kristu jinsab fuq il-lemin tal-Missier, hekk Hi tpoġġi fuq il-lemin ta' Kristu Binha. Bir-raġun kollu, kull 15 ta' Awissu li jiġina nduru lejha u nagħmlu ad unur tagħha festa li tixraq il-kobor singulari tagħha. Marija hija l-qaddejja tal-Mulej; qdiet lil Sidha u qagħdet għar-rieda tiegħu, hekk li issa tinsab tgawdi fis-saltna ta' kull ferħ u tgawdija eterna. Fuq il-passi tagħha rridu nimxu ħalli b'hekk inkunu qed inpoġġu riġlejn fis-sod, fuq dawk l-istess passi li medd l-ewwel darba Binha Ġesù sabiex aħna dixxipli tiegħu nkunu nafu minfejn għandna ngħaddu. Ejjew aħna wkoll nagħmlu bħal Marija; immorru għand Ġesù permezz ta' Marija!

Ejjew għalhekk bħala ulied itturfunati ta' Eva, imma mifdija bid-demm ta' Kristu, Iben Marija, ferħana li issa nistgħu ma' Ġwanni l-Evanġelista ngawdu mill-maternità tagħha ntennu:

Minn ġos-sema fejn issaltan
Mal-Ħollieq Sid is-smewwiet
ħares ħarsa kollha ħniena
u roxx tiegħek il-barkiet.

Tinsiex 'l aħna lkoll midinba
U rriduk b'Ommna ħanina
Fittex ħudna f'riġlejn Ibnek
Biex imħabbtu bik jurina.


# MOVIE LAND



Hi-Fi & Video Centre

**Żurrieq Road, Safi Tel: 642460**

- Professional Film rental Service including DVD & playstation games
- Sale of Hi-Fi & Video Equipment - including Home Cinema Technology & Professional DJ & Disco Equipment
- Other products & services available including REPAIRS
- Free Membership on presentation of I.D. Card
- Ask about our ATTRACTIVE OFFERS on film rentals
- You can find us close to the Xarolla Windmill & adjacent to Safi Petrol Station

***Come & visit us - Your entertainment is our concern!!!***

WORLD KICKBOXING ASSOCIATION

H W A R A N G

World Kickboxing Association WKA

# Hwa Rang Freestyle Club

**Korean Martial Arts ~ Kickboxing ~ Self Defence**

St. Joseph Hall
Triq l-Isbandola
Qormi

Tel: 657722
Mob: 09420330
Email: hwarang@global.net.mt

*No 1 for price and quality*

# HORACE ENTERPRISES LTD

TROPHIES & SPORTS GOODS IMPORTER & WHOLESALER

Horace Micallef
*Director*

*Office:* Vjal it-Torri, Gudja ZTN 11
*Stores:* Triq Ray Caruana, Gudja
Tel: (356) 696302 Fax: (356) 693397

# GAUCI WOODWORKS

**TRIQ IS-SEJBA, MQABBA**

Għal kull kwalità ta' xogħol ta' l-injam,
bħal bibien ta' barra u ġewwa, kċejjen, vanity units
u wallunits u anki restawr ta' l-għamara antika

**Għal aktar informazzjoni ċemplu**
**611432 jew 099 0081**

# PALMA GARAGE

(IT-TALJANI)

**PROFESSIONAL PANEL BEATING**
**SPRAY PAINTING &**
**JIG BODY ALIGNMENT**

Valletta Road, Mqabba

Tel: 680089

# Alf. Gatt Auto Parts



Saltofix & Maxi Car Motor Panels

*Luqa Road, Qormi & Mdina Road, Qormi*
*Tel: 488653, 449821*




Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks, Chickens u anke laħam taż-żiemel

# BAR & RESTAURANT

*St. Thomas Road, Luqa*
*Tel: 800243*

Inservu kull kwalità ta'ikel bi prezzijiet moderati.

# LOOK

## kidz 'n teens

*Not just Clothes.....Much Much More!*

## Where you find:

- Children's wear, teen wear and Plus sizes.
- Hair accessories and children's footwear.
- Maternity wear and all kinds of Baby accessories.
- Soft-toys, cards, books and novelties.
- A friendly atmosphere and small play area for children
- Free Gift wrapping paper and gift tag.
- Zurrieq area Agents for Starbrite Drycleaning.

**Matteolo Saliba Street, Żurrieq**

**Tel: 640671 Fax: 689791**

**email: kidz.teens@excite.com**

**http://welcome.to/kidznteens**

---

**Technology and Concepts for the Repair and Protection of Reinforced Concrete**

Sika

Sika®

NOVAGLASS®

GESSICA®

JCR LTD.

**SOLE AGENTS & IMPORTERS**

**Your experienced partner**

**A Matter of Reliability**

Triq San Ġwakkin,
Industrial Estate,
l/o Qormi
Tel/Fax 442466/7.

N.B. Gruwa Street,
Xewkija, Gozo.
Tel/Fax 556722.





**Remove damaged concrete and prepare exposed steel**

**Protecting exposed reinforcement**



**Replacing damaged concrete**





**Sealing and Coating - preventing the ingress of aggressive influences**



# Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq...

***tirringrazzja...***

- lill-Kummissjoni Banda li flimkien mas-Surmast u l-bandisti tal-post jaħdmu id f'id u bla heda sabiex il-Banda jkollha suċċess.
- lil Mro. David Agius li tul din l-aħħar sena mexxa l-iskola tal-mużika tas-Soċjetà.
- lis-Sezzjoni Żgħażagħ li bħal dejjem tat kontribut kbir b'mod speċjali fl-armar tal-festa.
- lill-membri kollha ta'l-Għaqda tan-Nar li bħas-snin l-imgħoddija għamlu sena sħiħa xogħol, anke jekk b'sogru kbir għal ħajjithom, sabiex jerġgħu jagħtu spettaklu piroteknikù uniku għal pajjiżna.
- lill-Fergħa tan-Nisa li wara sena oħra ta' ġbir b'attivitajiet kontinwi se jagħtu somma konsiderevoli għall-proprjetà l-ġdida, waqt li komplew bid-dekorazzjonijiet fil-każin.
- lill-grupp ta' l-Armar inklużi n-nisa, kappillan u kleru tal-parroċċa tagħna li flimkien ma' għadd ta' voluntiera oħra, jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-knisja.
- lil dawk kollha li taw sehemhom f'xogħol manwali kif ukoll dawk il-kumpaniji li offrew kull għajnuna materjali.
- lis-Sur Carmelo Caruana, disinjatur tal-plančier u lill-Kummissjoni Plančier li komplew bix-xogħol tagħhom matul is-sena.
- lill-baned kollha mistiedna għas-servizzi li jagħtu waqt il-ġranet tal-festa, flimkien ma' dawk l-għaqdiet mużikali li offrew l-għajnuna tagħhom matul is-sena.
- lil kull min kien involut biex ix-xiri tal-proprjetà mal-Każin seta' jsir, kif ukoll lil min ikkontribwixxa finanzjarjament għal din il-ħolma li saret realtà.
- lis-Sur Joseph Galea għall-kontribut finanzjarju li ta għall-festuni ta' Triq Karmenu Ciantar, u lis-Sur Charlie Saliba (tas-*Southern Fried Chicken*) għall-isponsor tal-Lejla Maltija.
- lil dawk kollha li forsi nsejna nirringrazzjawhom. Nitolbuhom skuża ta' dan in-nuqqas tagħna. Ċerti li dawn il-persuni jifhmuna.

***tfakkar u titlob...***

- għas-soċi, nisa u rġiel u benefatturi li ħallewna matul is-sena li għaddiet.

## *Festa ta' Santa Marija 1998*

## Rendikont taċ-Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

| | |
|---|---|
| **DĦUL** | |
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | Lm1498.12,0 |
| Ġbir fil-Knisja | Lm 386.00,0 |
| Total | Lm1884.12.0 |
| **ĦRUĠ** | |
| Żbilanċ mis-sena 1997 | Lm 654.90,0 |
| Ċelebranti u saċerdoti barranin | Lm 138.00,0 |
| Orkestra, Organista, vuċijiet | Lm 783.90,0 |
| Daqq ta' qniepen | Lm 60.00,0 |
| Dwal fil-faċċata, koppla u kampnar | Lm 590.00,0 |
| Servizzi ta' fratelli u abbatini | Lm 51.00,0 |
| Fjuri | Lm 175.00,0 |
| Total | Lm2452.80,0 |
| Żbilanċ | Lm 568.68,0 |


SUPER
5
39
Jirbħu dawk li jaqtgħu
4
NUMRI
5
NUMRI
3
NUMRI
Tagħżel 5 numri minn 1 sa 39
It-tlugħ tan-numri rebbieħa tas-Super Five jixxandar dirett
fuq Television Malta nhar ta' Erbgħa
Biljett jiswa 50 ċenteżmu u jinxtara mill-banek tal-lottu.

# One very good reason to invest in the Barclays Sterling Bond Fund....

## Gross income

## 7.1%* p.a.

## Current yield as at 11-06-99

## (paid quarterly)

*** Estimated current yield is calculated by Barclays International Funds.**

The Sterling Bond Fund is specially designed for investors who want to put their capital to work to provide an attractive and regular income.
The Sterling Bond Fund invests in bonds issued by the British Government and large corporations.
Barclays will keep you up to date with the progress of your Sterling Bond Fund investment and Globe Financial Management Limited, as local agents, can answer any questions you may have and provide the latest up-to-date information.

BARCLAYS
INTERNATIONAL FUNDS

GLOBE
Financial
Management Ltd

BARCLAYS INTERNATIONAL FUNDS
Sutton House, 28-30 The Parade,
St. Helier, Jersey JE4 8RA,
Channel Islands
Tel: +441534812700

114/4 The Strand, Gzira, GZR 03, Malta. Tel: (+356) 310088 Fax: (+356) 310093
191 Merchants Street, Valletta, VLT 10, Malta. Tel: (+356) 227451 Fax: (+356) 227454
Bastion Court - 1, Wied Is-Seqer Street, Victoria, VCT 111, Gozo. Tel: (+356) 562228 Fax; (+356) 564418.
E-mail: info@globe.com.mt.

*Malta Freephone: 0800 7731 31 Gozo Freephone: 0800 77 55 55*

The Barclays Sterling Bond Fund is regulated by the Jersey Financial Services Commission. Barclays Sterling Bond Fund is licensed by the Malta Financial Services Center and has a primary listing on the Malta Stock Exchange. Past performance is not necessarily a guide to the future and the value of investments and the income from them can go down as well as up. Investments are subject to Maltese exchange control regulations. Currency fluctuations may have an effect on the value of your investments and the income derived therefrom. You should read the terms and conditions in the prospectus before investing. The latest prospectus can be obtained from Globe Financial Management. Issued by Globe Financial Management Limited which is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Centre.

